# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA
# (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali)

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 28 ta' Settembru, 2023**

**Numru 4**

**Rikors Numru 166/22TA**

**Igino Trapani Galea Feriol, Dorothy Trapani Galea, Perit Nicholas Bianchi f'ismu u f'isem l-assenti Colin Huber, Christopher Huber u John Huber (ulied Marlene mart Edgar Huber), Andre Bianchi, Anne Marie mart Dr. Anton Tabone, Bettina mart Malcolm Azzopardi, Michael Trapani Galea Feriol, Greta mart Paul Apap Bologna, Paul Trapani Galea Feriol[1], Dr. Nicholas Trapani Galea Feriol f'ismu u mal-Perit Nicholas Bianchi bħala Eżekurturi Testamentarji tal-mejta Emily Trapani Galea**

**vs**

**L-Awtoritá tal-Artijiet**

**L-Avukat tal-Istat**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Kostituzzjonali tar-Rikorrenti preżentat fit-22 ta' Marzu, 2022 li permezz tiegħu talbu s-segwenti:-

**"FATTI**

1. Illi permezz ta` Avviż ta` Ftehim datat 19 ta` Lulju 2001 li sar in segwitu għal Dikjarazzjoni tal-Gvernatur Ġenerali ta` Malta tas-7 ta` Ottubru

1 korr. awt. b'digriet datat 4 ta' Marzu 2024

1997 l-esponenti ġew infurmati illi l-kumpens li l-awtorità kompetenti hija lesta biex tħallas għax-xiri assolut bħala franki u liberi ta` tlett biċċiet art ġewwa r-Rabat, kif ġej:

a) Biċċa art tal-kejl ta` madwar 203m$^2$, li tmiss mit-Tramuntana u minn Nofsinhar ma` proprjetà ta` Mario Galea Testaferrata u oħrajn u mill-Majjistral ma` triq pubblika, hija ta` tletin elf erba` mija u ħamsin lira Maltin (Lm30,450);

b) Biċċa art tal-kejl ta` madwar 120m$^2$, li tmiss mill-Majjistral u mill-Lbiċ ma` triq pubblika u mill-Grigal ma` proprjetà ta` Mario Galea Testaferrata u oħrajn, hija ta` tmintax-il elf lira Maltin (Lm18,000);

c) Biċċa art tal-kejl ta` madwar 1,699m$^2$ li tmiss mill-Lbiċ u mix-Xlokk ma` triq pubblika, u mill-Grigal ma` proprjetà ta` Mario Galea Testaferrata u oħrajn, hija ta` mitejn u erbgħa u ħamsin elf tmin mija u ħamsin lira Maltin (Lm254,850);

2. Illi b'ittra uffiċjali tat-13 ta` Awwissu 2001 l-esponenti, fost affarijiet oħra ddikjaraw li ma jaċċettawx il-kumpens offert u talbu li dan il-kumpens għandu jkun ta` ħamsa u erbgħin elf sitt mija u ħamsa u sebgħin lira Maltin (Lm45,675), għall-biċċa art deskritta taħt (a), sebgħa u għoxrin elf lira Maltin (Lm27,000) għall-biċċa art deskritta taħt (b) u tliet mija u tnejn u tmenin elf mitejn u ħamsa u sebgħin lira Maltin (Lm382,275) għall-biċċa art deskritta taħt (c).

3. Illi in segwitu, il-Kummissarju tal-Artijiet kif kienet il-proċedura dak iż-żmien, intavola rikors fit-23 ta` Mejju 2003 quddiem il-Bord tal-Arbitraġġ dwar l-Artijiet fl-ismijiet 'Kummissarju tal-Art et vs Igino Trapani Galea Feriol proprio et nomine et' (Rikors numru 32/2003) fejn il-Kummissarju talab lill-Bord kif ser jingħad:

"Għaldaqstant ir-rikorrent jitlob bir-rispett li dan il-Bord jogħġbu jordna lill-intimati biex jittrasferixxu favur ir-rikorrent b'titolu ta` xiri assolut bħala franki u liberi it-tlett biċċiet art fir-Rabat fuq imsemmija, jiffissa kumpens relattiv u jinnomina lin-Nutar Vincent Miceli bħala Nutar tad-Dipartiment tal-Art jew lin-Nutar li jkun jagħmel minfloku biex jippublika l-att relattiv f'dik il-ġurnata, ħin u lok li dan il-Bord jogħġbu jistabbilixxi, jinnomina kuratur biex jidher għall-eventwali kontumaċi fuq l-att u jagħti l-provvedimenti l-oħra kollha meħtieġa skond id-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta` Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kap. 88)."

4. Illi l-esponenti wieġbu għall-istess proċeduri permezz ta` risposta ppreżentata fit-8 ta` Ottubru 2003:

1. Illi huma jżommu fermi l-pożizzjonijiet u valuri indikati fl-ittra uffiċjali tagħhom tat-13 ta` Awwissu 2001;

2. Illi jindikaw inoltre u mingħajr preġudizzju dawn il-punti għall-konsiderazzjoni tal-Bord;

- l-art *de quo* ilha disturbata mill-Gvern u mill-Awtoritajiet mill-1956 meta ittieħdet il-ħamrija kollha u anke l-ħitan u dan għandu jittieħed in konsiderazzjoni għall-finijiet ta` valur;
- din l-art ilha għal żmien twil tintuża bħala art pubblika fejn isir parkeġġ u użu qiesu *public parking*

3. Illi dan kollu qed jingħad sabiex tiġi ċċarata l-pożizzjoni tal-intimati li jirriżervaw id-drittijiet tagħhom kollha skond il-liġi.

5. Illi fil-kors ta` dawn il-proċeduri, il-Bord ħatar bħala membri tekniċi tal-istess Bord li stmaw l-artijiet kif ser jingħad:

| | |
|---|---|
| Porzjoni A | €242,100 |
| Porzjoni B | €143,100 |
| Porzjoni C | €2,026,300 |

6. Illi fil-kors tal-imsemmija proċedura inbidlet il-liġi u permezz tal-Att numru XVII tal-2004 saru emendi fil-Kap. 88 li għaddew mill-Kamra f'jum Sant' Ivo 2004 u ġew ppublikati fit-23 ta` Diċembru 2004 fejn *inter alia* saret emenda fl-Artikolu 25 tal-Kap 88 billi wara s-sub-artiklu (1) ġie introdott dan il-*Proviso*:

"Iżda l-ammont ta` kumpens li jiġi determinat mill-Bord skond il-provvedimenti tal-paragrafu (e) ta` dan is-subartikolu m'għandux jeċċedi l-ogħla ammont ta` kumpens li jkun ġie propost minn xi waħda mill-partijiet."

7. Inoltre sar provvediment tranżitorju fejn ġie provdut

"Il-provvedimenti ta` l-artikoli 25 u ….. kif emendati b'dan l-artikolu japplikaw għall-proċeduri kollha anke dawk dwar art li fuqha hemm Dikjarazzjoni maħruġa taħt l-artikolu 3 ta` l-Ordinanza li tkun ħarġet qabel ma jidħol fis-seħħ dan l-artikolu."

8. Illi b'hekk ġie introdott il-*capping* fis-sens illi l-Bord kellu jdejh marbutin fis-sens illi l-massimu li seta` jakkorda l-Bord huwa dak li jkun mitlub minn xi wieħed mil-partijiet u din l-emenda ġiet fis-seħħ anke retrospettivament għall-proċeduri anke dawk pendenti riżultanti minn Dikjarazzjonijiet preċedenti.

9. Illi s-sitwazzjoni qabel tali emenda kienet li meta l-Periti Membri Tekniċi jkunu fi qbil dwar l-istima, l-Bord kien vinkolat li jaddotta tali stima kif ser jiġi spjegat.

10. Skond l-**Art 23(4) tal-Kap 136** (li wara sar Kap 88), kien provdut hekk:

"Il-partijiet jiġu mismugħa f'jum illi jiġi stabbilit mill-Bord u d-deċiżjoni tal-Bord <u>tittieħed bil-maġġuranza"</u>

11. Wieħed ifakkar li dak iż-żmien kien kompost minn Imħallef jew Maġistrat assistit minn żewġ Periti.

12. Sussegwentement dal-artikolu ġie ri-numerat **Art 25** u permezz tal-Att XIX tal-1993.2 l-artiklu ġie sostitwit bl-**Art 25(5)** li ġie jaqra hekk:

“Iċ-Chairman ikun biss obbligat li joqgħod fuq ir-rapporti tal-membri li jinsabu fuq l-Lista kull meta r-rapporti taż-żewġ membri li jinsabu fuq il-Lista f’xi każ partikolari jkunu unanimi; meta dawk iż-żewġ membri ma jkunux unanimi, iċ-Chairman għandu fuq il-bażi tar-rapporti magħmulin miż-żewġ membri, jiddeċiedi l-kwistjoni hu innifsu”

13. Is-sitwazzjoni baqgħet l-istess sakemm imbagħad dan l-artiklu ġie emendat bl-**Att XX1.2009.9** fejn ġie jaqra hekk:

“(5) Iċ-*Chairman* għandu jiddeċiedi l-kwistjoni huwa stess wara li jkun ikkunsidra b’mod xieraq ir-rapporti taż-żewġ membri tal-Lista u kull att ieħor rilevanti ppreżentat jew sottomissjonijiet magħmula.”

14. Però dan dejjem soġġett għall-*capping* fuq imsemmi.

15. Illi għalhekk, bejn meta beda l-esproprju sakemm ġie introdott il-*capping* bl-Att XXV11 tal-2004, s-sitwazzjoni kienet li fejn iż-żewġ Periti membri tekniċi jkunu unanimi, l-Bord kien marbut billi kellu jadotta l-ammont minnhom likwidat rappreżentanti l-kumpens pagabbli għall-esproprju mentri b’riżultat ta` dawn l-emendi, ġie introdott *capping* u l-Bord u l-Qorti tal-Appell kellhom idejhom marbutin.

16. Illi għalhekk għab-bażi ta` dan, il-Bord ikkonkluda illi l-kumpens għall-porzjoni A għandha tkun €106,394.13, Porzjoni B €62,893.08 u Porzjoni C €890,461.22 minflok ma addotta r-rapport unanimu tal-Periti.

17. L-esponenti intavolaw appell minn din is-sentenza iżda l-Qorti tal-Appell permezz tas-sentenza tal-24 ta` Ottubru 2019 ikkonfermat is-sentenza tal-Bord tal-Arbitraġġ tat-18 ta` Novembru 2015, li kopja informali tagħha qed tiġi eżebita bħala Dok A.

18. Illi wkoll, l-artikolu 12(3), li kien introdott permezz tal-Att XI tal-2002, kien jaqra kif ġej:

Mgħax sempliċi bir-rata ta’ ħamsa fil-mija għandu jibda għaddej ta’ kuljum favur kull min għandu jedd għal kumpens dwar xi art miksuba bix-xiri assolut tagħha taħt din l-Ordinanza, mid-data tad-Dikjarazzjoni tal-President sad-data meta l-kumpens jitħallas jew jiġi depożitat skond ma hemm fl-artikolu 22 ta’ din l-Ordinanza. L-imgħax għandu jgħaddi fuq l-ammont ta’ kumpens kif ikun stabbilit skond din l-Ordinanza.

19. Illi wara li din id-disposizzjoni daħlet fis-seħħ, inbdew il-proċeduri quddiem il-Bord ta' Arbitraġġ dwar Artijiet suriferiti, u fil-mori tal-istess proċeduri, ġie promulgat l-Att I tal-2006, li permezz tiegħu l-artikolu 12(3) ġie sostitwit kif ġej:

    (3) Bla preġudizzju għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (3) ta' l-artikolu 22 ta' din l-Ordinanza, mgħax sempliċi bir-rata ta' ħamsa fil-mija fis-sena għandu jibqa' għaddej fuq il-valur ta' l-art maħdum skond Skeda 2 li tinsab f'din l-Ordinanza u għaż-żmien hemm indikat favur kull mingħandu jedd għall-kumpens dwar xi art miksuba bix-xiri assolut tagħha taħt din l-Ordinanza:

    Iżda fejn jinħareġ avviż għall-ftehim taħt din l-Ordinanza, l-imgħax jinħadem fuq il-valur iffissat f'dak l-avviż, mid-data tat-teħid tal-pussess ta' l-art mill-awtorità kompetenti sat-trasferiment tat-titolu b'xiri assolut lill-Gvern ta' Malta.

20. Illi ftit wara, permezz tal-Att III tal-2006, żdied proviso ulterjuri, li jaqra kif ġej:

    Iżda meta jinħareġ Avviż għall-Ftehim taħt din l-Ordinanza, u l-persuna li jkollha jedd għall-kumpens tkun għażlet li ma taċċettax il-prezz offrut fl-avviż, imgħax sempliċi bir-rata ta' ħamsa fil-mija fis-sena għandu jibqa' għaddej fuq il-valur ta' l-art maħdum skond Skeda 3 li tinsab f'din l-Ordinanza u għaż-żmien hemm indikat favur kull min għandu jedd għall-kumpens dwar xi art miksuba bix-xiri assolut tagħha taħt din l-Ordinanza.

**ILMENTI**

21. Illi l-proċedura kif kienet tissussisti fiż-żmien meta l-esponenti ġew notifikati bl-Avviż tal-Ftehim u anke meta ġiet intavolata l-kawża fis-sena 2003, kienet illi meta l-Gvern irid jesproprja art, huwa jagħmel dikjarazzjoni tal-Kap tal-Istat, f'dan il-każ kien il-President ta` Malta, u tali dikjarazzjoni tiġi ppubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern. It-tieni pass kien illi l-Gvern jibgħat *Notice to Treat* lis-sidien fejn jinfurmahom, fost affarijiet oħra, bil-kumpens li l-Gvern ikun dispost li joffri għall-akkwist b'titolu ta` xiri assolut tal-proprjetà in kwistjoni. Is-sidien imbagħad kellhom dritt, jekk kienu qed jikkontestaw l-ammont offrut, illi jippreżentaw ittra uffiċjali responsiva fejn jindikaw l-oppożizzjoni tagħhom. Ma kienx neċessarju li l-esponenti jindikaw valur kemm qed jitolbu, u l-fatt li huma jindikaw valur fir-risposta ma kienx vinkolanti għalihom.

22. Meta ġew intavolati l-proċeduri msemmija, is-sitwazzjoni kienet l-istess u fil-fatt fit-talbiet tal-Kummissarju tal-Artijiet huwa mitlub li l-Bord jiffissa l-kumpens relattiv u dak iż-żmien, skond il-Kap. 88, ma kien hemm l-ebda limitazzjoni dwar tali kumpens jew bħala *minimum* u

lanqas bħala *maximum*. Il-Bord kien jistrieħ fuq dak li jikkonkludu l-Periti Membri Teknići meta dawn ikunu unanimi.

23. Tali konklużjoni kienet tkun indipendentement minn kemm kien qed joffri l-Gvern u kemm kien qed jitlob is-sid. Il-fatt li meta s-sid jikkontesta, u huwa jindika valur, ma kienx materjali għal dawn il-proċeduri u ma kien hemm xejn xi jżomm lill-Bord li jikkonkludi u jistabbilixxi stima ogħla kif fil-fatt ġara f'numru ta` okkażjonijiet, għalkemm dawn ma kienux frekwenti.

24. Illi għalhekk meta ġiet introdotta s-sistema tal-*capping* , stante li tali bidla fil-liġi saret fil-kors tal-imsemmija proċeduri, ġew vjolati d-drittijiet li l-esponenti jkollhom smiegħ xieraq u anke ġew leżi d-drittijiet tagħhom li jgawdu l-possedimenti tagħhom kif ser jiġi spjegat.

25. Dwar id-dritt tas-smiegħ xieraq, l-esponenti jtennu illi ġaladarba l-Gvern biddel il-liġi fil-kors tal-imsemmija proċeduri, huwa b'hekk biddel il-parametri ossia l-binarji li fuqhom kellha suppost timxi l-kawża u f'daqqa waħda l-binarji inbidlu b'mod detrimentali għall-esponenti. Minn dak il-mument 'il quddiem, il-ġudizzju tal-Bord u tal-Qorti tal-Appell kienu ċirkoskritti bl-emenda magħmula fil-liġi u konsegwentement ma kienx hemm ekwilibriju fl-andament tal-proċeduri għaliex f'daqqa waħda dan xeqleb sostanzjalment favur l-Istat.

26. Jiġi rilevat ukoll illi l-Avviż ta` Ftehim (li huwa l-att li jorbot il-prezz) intbagħat fit-23 ta` Mejju 2001 iżda kien biss kważi sentejn wara li l-Kummissarju tal-Artijiet intavola l-imsemmija proċeduri quddiem il-Bord. Kieku l-proċess tal-esproprju kien iktar effiċjenti kif inhu xieraq ċertament l-esponenti ma kienux jiġu hekk preġudikati.

27. Ta` min wieħed jirrileva illi dak iż-żmien kontrarjament għas-sitwazzjoni kif inhi llum-il-ġurnata, meta l-Gvern joħroġ Dikjarazzjoni Presidenzjali u anke meta s-sidien jikkontestaw in-*Notice to Treat*, is-sidien ma kellhomx rimedju ordinarju fis-sens illi ma setgħux jirrikorru direttament quddiem il-Bord tal-Arbitraġġ dwar l-Artijiet. Dak iż-żminijiet, huma kellhom jistennew lil-Kummissarju tal-Art li jintavola l-proċeduri quddiem il-Bord. Ma kienx hemm terminu ta` kemm il-Kummissarju tal-Art għandu jdum bejn meta jkun hemm id-Dikjarazzjoni Presidenzjali sakemm jibgħat l-Avviż tal-Ftehim u lanqas ma kien hemm terminu bejn il-mument li jkun hemm il-kontestazzjoni għall-Avviż tal-Ftehim u dakinhar li jintavola l-proċess quddiem il-Bord tal-Arbitraġġ dwar l-Artijiet. Dan id-dewmien kien ċertament detrimentali għall-esponenti kif ukoll kien detrimentali iż-żmien twil li baqa` miexi l-proċess fuq imsemmi fejn il-proċeduri ġew intavolati fit-23 ta` Mejju 2003 u ġew konklużi mill-Qorti tal-Appell fl-24 ta` Ottubru 2019.

28. Dan id-dewmien kien detrimentali għall-esponenti kemm minħabba li bl-emenda imsemmija ma baqgħax iseħħ l-*equality of arms* hemm neċessarju skond ir-*rule of law* u dan apparti l-fatt li l-proċeduri ħadu daqstant fit-tul.

29. Illi dwar id-dritt li l-esponenti jkollhom it-tgawdija tal-possedimenti tagħhom, l-esponenti jikkontendu illi dan huwa wkoll sa ċertu punt marbut mad-dritt li jkun hemm *equality of arms* fis-sens illi l-esponenti kellhom aspettattiva leġittima illi ġaladarba huma kkontestaw l-offerta fin-*Notice to Treat* u ġaladarba ma kienx hemm ftehim bejn il-partijiet u l-proċess ġie rimess fil-Bord tal-Arbitraġġ dwar l-Artijiet sabiex il-Bord jistabbilixxi l-prezz xieraq skond il-liġi ta` dak iż-żmien, l-esponenti kellhom aspettattiva li tiġi applikata fil-konfront tagħhom il-liġi kif kienet in vigore dak iż-żmien u li ma jkunx hemm emendi li b'xi mod ifixklu jew inaqqsu l-kumpens li kienu intitolat għalih.  Ta` min jirrileva illi dak iż-żminijiet, in-natura tal-art kienet tiġi determinata mid-Dikjarazzjoni tal-Presidenti iżda l-prezz però kien regolat bid-data tan-*Notice to Treat* u għalhekk il-parametri relattivi kienu stabbiliti.

30. Ġaladarba l-parametri kienu stabbiliti, kulma kellu jsir huwa applikazzjoni ta` dawn il-parametri biex il-Membri Tekniċi tal-Bord jillikwidaw u jistabbilixxu l-kumpens skond l-istess.  Hekk kien il-binarju li fuqu suppost imxiet il-kawża u dik kienet l-aspettattiva tal-esponenti. Tali aspettattiva hija iktar rinforzata mill-fatt illi l-liġi stess dak iż-żmien kienet torbot lill-Bord biex jekk il-Periti jkunu unanimi fl-opinjoni tagħhom, hija għandha taddotta tali stima.  Ġaladarba nbidlet il-liġi, hekk ġiet vjolata l-aspettattiva leġittima tal-esponenti u għalhekk ġew vjolati d-drittijiet tagħhom anke li jgawdu l-possedimenti tagħhom.

31. Barra minn hekk, irid jingħad illi bl-emenda fuq riferita, u li permezz tagħha u b'mod retroattiv l-ogħla kumpens li seta' jiġi likwidat favur is-sidien ġie ċirkoskritt għal dak li jkun intalab mill-istess sidien, ġie effettivament ivvjolat il-prinċipju illi t-teħid tal-proprjetà u l-interferenzi fit-tgawdija tal-possedimenti mis-sid jistgħu jitwettqu biss versu l-ħlas ta' kumpens adekwat. Il-liġi ordinarja kienet tipprovdi li dak il-kumpens adekwat jiġi stabbilit bl-opera tal-membri tekniċi tal-Bord dwar l-Arbitraġġ ta' Artijiet, u b'hekk kien jiġi assikurat li l-kumpens li kellu jiġi likwidat favur is-sid ikun wieħed adekwat. Bl-emenda mpunjata, dak il-kumpens ġie ċirkoskritt irrispettivament mill-fehma tal-membri tekniċi, u kwindi ma baqax isir abbażi tal-konsiderazzjoni li għandha tkun ewlenija f'każijiet bħal dawn, u ċjoè li l-kumpens pagabbli lis-sid ikun wieħed oġġettivament adekwat.

32. Barra minn hekk, jiżdied jingħad li fil-mument li ġew intavolati l-proċeduri quddiem il-Bord dwar l-Arbitraġġ ta' Artijiet mill-Kummissarju tal-Artijiet, l-esponenti kellhom kull jedd li jistennew li se jirċievu l-ammont sħiħ tal-kumpens li jiġi ffissat lilhom mill-membri tekniċi tal-Bord, u dan irrispettivament mill-ammont indikat minnhom fl-atti

ntavolati minnhom. Bil-promulgazzjoni tal-emenda fuq imsemmija, li ingħatat effett retroattiv, kien hemm l-effett impost fuq l-esponenti li jekwivali għar-rinunzja forzata ta' kull parti minn dak il-kumpens li huwa in eċċess tal-ammont indikat mill-esponenti fl-atti intavolati minnhom. Jingħad rinunzja forzata, għaliex fil-mument li l-esponenti ndikaw il-valur tagħhom, dik l-indikazzjoni ma kellhiex l-effett li twassal għar-rinunzja għal kull ammont verjuri li jista' talvolta jkun dovut, u tali effett ġie biss attribwit retroattivament kif fuq premess. Din ir-rinunzja forzata minnha nnifisha tikkostitwixxi teħid ta' proprjetà u interferenza fit-tgawdija ta' possediment li huma leżivi tal-jeddijiet fondamentali tal-esponenti kif tutelati mill-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea, u mill-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni.

33. Illi b'żieda mal-premess kollu, l-esponenti jilmentaw ukoll li bl-emendi fuq riprodotti, li daħlu fis-seħħ fl-2006 waqt is-smigħ tal-proċeduri quddiem il-Bord tal-Arbitraġġ dwar Artijiet, naqsu u affettwaw drastikament id-dritt tar-rikorrenti għall-imgħax li huma kellhom ġjà meta nbdew l-istess proċeduri. F'dan is-sens, ir-rikorrenti wkoll kellhom aspettattiva leġittima dwar l-ammont t'imgħax spettanti lilhom, u dik l-aspettattiva leġittima tagħhom ġiet leża u ivvjolata bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni sussegwenti. F'dan il-kuntest, dak ġjà sottomess mir-rikorrenti permezz tal-paragrafi preċedenti ta' dan ir-rikors huwa hawnhekk ugwalment applikabbli *mutatis mutandis*, u għalhekk qed issir ampja riferenza għal tali sottomissjonijiet a skans ta' ripetizzjoni.

## TALBIET

34. Għaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti, previa kull provvediment u dikjarazzjoni li jkunu jidhrulha xierqa u opportuni, jogħġobha:

(i) tiddikjara u tiddeċiedi illi minħabba l-premess ġew leżi u għadhom qed jiġu leżi d-drittijiet fondamentali tal-esponenti kif sanċiti fl-Artikolu 37 u 39 tal-Kostituzzjoni, fl-Artikolu 6 u fl-Artikolu 1 Protokol 1 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet Fondamentali u fl-Artikolu 13 tal-istess Konvenzjoni;

(ii) tikkundanna lill-intimati jew min minnhom sabiex iħallsu lill-esponenti d-danni morali li jiġu likwidati minn din l-Onorabbli Qorti minħabba l-leżjonijiet sofferti mir-rikorrenti kif fuq premess;

(iii) tikkundanna lill-intimati jew min minnhom sabiex iħallsu lir-rikorrenti d-danni materjali li jiġu likwidati minn din l-Onorabbli Qorti fid-dawl tal-premess.

Bl-ispejjeż kontra l-intimati li minn issa huma nġunti għas-subizzjoni."

Rat ir-risposta tal-Intimata Awtoritá tal-Artijiet preżentata fit-8 ta' April 2022 li permezz tagħha wieġbet is-segwenti:-

1. "Preliminarjament, kemm-il darba f'din l-azzjoni qed jigi ravvizat xi ksur ta' drittijiet fundamentali minħabba d-disposizzjonijiet tal-liġi, l-Awtorita esponenti tirrileva illi m'hijiex il-leġittm kontradittur u għandha tinħeles mill-osservanza tal-ġudizzju.

2. Illi in linea preliminari ukoll u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-Awtorita' tal-Artijiet mhijiex il-leġittimu kontradittur fil-kawża odjerna għaliex l-Awtorita' eżerċitat id-drittijiet tagħha korrettament skont il-liġi. Għalhekk kull lanjanza li jista' jkollhom l-atturi mhijiex indirizzata lejn xi att jew deċiżjoni skorretta tal-Awtorita' (li dejjem imxiet skont il-liġi) imma hija diretta proprju u ma tippromulgax liġijiet hi anzi bħal kull ħaddieħor hija obbligata li tottempera ruħha mal-liġi.

3. Illi in linea preliminari u dejjem mingħajr preġudizzju, it-talbiet tar-rikorrenti fir-rigward ta' allegat ksur ta' smiegħ xieraq fi żmien raġjonevoli ma tistax tirrispondi għaliha l-Awtorita' esponenti u għalhekk din it-talba ma tistax tirnexxi kontra l-Awtorita.

4. Illi in oltre, din l-azzjoni ma tistax tirnexxi peress illi l-għemil kollu magħmul ai termini tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kap.88) huwa mħares bl-applikazzjoni tal-Artikolu 47(9) tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Isegwi illi dak kollu magħmul taħt din l-Ordinanza ma jistax iwassal għall-lanjanzi kostituzzjonali kif mressaq mir-rikorrenti.

5. Illi in oltre, talbiet tar-rikorrenti fil-konfront tal-Konvenzjoni Ewropea ma jistgħux jiġu milqugħa u dan stante li l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta jsostni li: "Ebda ksur tal-Artikolu 2 sa 18 (inklużi) tal-Konvenzjoni jew tal-Artikoli 1 sa 3 (inklużi) tal-Ewwel Protokoll li jsir qabel it-30 ta' April 1987 jew tal-Artikolu 1 sa 4 (inklużi) ta-Raba Protokoll, l-Artikoli 1 u 2 tas-Sitt Protokoll jew tal-Artikli 1 sa (inklużi) tas-Seba' Protokoll li jsir qabel l-1 ta' April 2002 ma għandu jagħti lok għal xi azzjoni taħt l-artikolu 4."

6. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, ulterjorment fil-mertu, it-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt għas-segwenti raġunijiet, kollha mingħajr preġudizzju għal xulxin:

   a. Illi primarjament ir-rikorrenti qegħdin jillanjaw fuq liġi li llum il-ġurnata hija abbrogata.

b. Illi m'hemm l-ebda leżjoni tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u dan stante li a) ingħata kumpens xieraq; fil-każ in eżami ingħata kumpens li **talbu** r-rikorrenti stess, kienu r-rikorrenti li ddikjaraw kemm riedu kumpens u fllfatt **l-Bord illikwida l-kumpens li riedu huma**; b) l-atturi kellhom jedd ta' aċċess quddiem tribunal indipendenti u imparzjali; u filfatt għamlu użu minn dan ir-rimedju c) l-atturi kellhom dritt ta' appell quddiem il-Qorti tal-Appell u fil-fatt għamlu użu minn dan id-dritt, iżda bħal donnhom ma jridux jaċċettaw is-sentenza tal-Qorti tal-Appell.

c. Illi in oltre, lanqas ma hemm ksur ta' Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni u dan stante li a) hemm għan leġittimu li joħroġ mill-liġi; b) huwa fl-interess ġenerali u ċ) hemm bilanċ ġust u ekwu bejn l-interess tas-sidien u l-pubbliku in ġenerali.

d. Illi in oltre u mingħajr preġudizzju, l-awtorita esponenti ma tistax tifhem eżattament fuq xiex qed jilmentaw ir-rikorrenti. Jidher illi l-esponenti talbu lill-Awtorita kumpens specifiku u dan kif ddikjaraw huma stess fl-ittra uffiċjali tagħhom. Jidher pero' li wara li ngħataw dan il-kumpens, issa qegħdin jilmentaw li dan mhuwiex ġust, meta kienu r-rikorrenti stess li għamlu talba għal dan il-kumpens. Illi għalhekk ma jista qatt jirrizulta li ġew leżi d-drittijiet fundamentali tagħhom għal kumpens xieraq meta kienu huma stess li talbu dan il-kumpens.

e. Illi sinomatiku ma' dan jiġi ssollevat ukoll illi, kif gja ġie ddikjarat fil-ġurisprudenza nostrana, il-proviso tal-liġi tal-*capping* ma tilledi l-ebda drittijiet fondamentali u dan stante li l-liġi ma timponi l-ebda limitu fuq l-ammont li setgħu jitolbu s-sidien. La darba r-rikorrenti irċivew dak li huma stess talbu, huwa kontrosens li jingħad li ser jiġi miksur xi dritt tagħhom għal kumpens xieraq. Illi dan ġie anke rrimarkat fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Dok A anness mar-rikors promotur), fejn il-Qorti ddikjarat li "*ma hemm xejn cenurabbli fid-decizjoni tal-Bord*".

f. Illi in oltre, jigi eċċepit illi r-rikorrenti jikkontradixxu lilhom nnifushom fejn l-ewwel jiddikjaraw permezz ta' ittra uffiċjali l-kumpens li jridu huma għall-artijiet meħudha iżda imbagħad fir-rikors promotur isostnu li huma kellhom aspettativa leġittima li jirċievu l-kumens li jiġi ffissat mill-Bord u mhux dak li ddikjaraw huma fl-ittra uffiċjali.

g. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, lanqas ma jista' ingħad li hemm xi ksur ta' drittijiet fudamentali minħabba t-tibdil tal-liġi rigwardanti l-imgħax. Fil-fatt jiġi spjegat illi kif qalet tajjeb il-

Qorti tal-Appell (sentenza annessa mar-rikors promotur Dok A) ir-rikorrenti ma soffrew l-ebda preġudizzju bl-applikazzjoni retroattiva tal-provvediment dwar l-imgħax anzi tali emenda kienet meħtieġa sabiex tindirizza *lacuna*.

h. Illi dejjem mingħajr preġudizzju, fil-konfront ta' talba tar-rikorrenti li hemm ksur ta' dritt ta' smiegħ xieraq taħt l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni minħabba dewmien; l-Awtorita esponenti tissolleva li dawn l-artikoli huma inapplikabbli għaliha stante li dawn jgħoddu biss fil-konfront ta' qorti jew tribunali li l-Awtorita tal-Artijiet mhijiex waħda minnhom.

i. Illi mingħajr preġudizzju, l-ilment tad-dewmien huwa ġa asorbit fl-ilment marbut mal-jedd tal-proprjeta u għalhekk m'hemmx ħtieġa li dina l-Onorabbli Qorti tinvestiga jekk kienx hemm ksur tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u artikolu 6 tal-Konvenzjoni.

j. Illi dejjem mingħajr preġudizzju u *dato ma non concesso*, ir-rikorrenti ma jistgħux jilmentaw, kemm taħt il-Kosituzzjoni u anke taħt il-Konvenzjoni Ewropea minn ebda ksur minħabba dewmien bl-għeluq tal-ipproċessar tal-esproprijazzjoni u dan għaliex il-ligi ordinarja tipprovdi rimedju xieraq u adegwat biex tagħmel tajjeb għal dan il-fatt. Filfatt il-liġi tipprovdi mgħax sempliċi sa trasferiment tal-art ai termini tal-artikolu 12(3) tal-Kapitolu 88 tal-Liġijiet ta' Malta.

k. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, talbiet tar-rikorrenti li ma kellhomx smiegħ xieraq stante li l-liġi ġiet emendata fil-mori tal-proċeduri għandhom jiġu miċħuda u dan stante l-fatt illi hekk kif gja spjegat mill-Qorti tal-Appell, l-emendi lisaru kienu jassiguraw kumpens xieraq u ġust u jekk xejn jaġevolaw lis-sidien.

l. Illi di piu, din l-Onorabbli Qorti m'għandiex tiġi użata bħala xi *cour de cassation* u ċioe bħala xi qorti tat-tielet istanza, sabiex jinqaleb ta' taħt fuq ġudizzju mogħti diġa mill-Qrati tagħna; illi fil-fatt diversi punti mqajjma fir-rikors promotur gja ġew determinati mill-Qorti tal-Appell.

m. Illi in oltre u mingħajr preġudizzju, m'hemm l-ebda ksur tal-artikolu 13 tal-Konvenzjoni u dan stante li kif ġie spjegat u ser jiġi ppruvat waqt il-mori tal-kawża, r-rikorrenti kellhom rimedji disponibbli għalihom.

n. Illi sinomatiku ma' dan, it-talba tar-rikorrenti li nkisirlhom id-dritt protett mill-artikolu 13 tal-Konvenzjoni hija fallaċi u dan stante l-fatt illi dan l-artikolu jipprovdi illi kull persuna għandu jkollha mekkaniżmu ta' rimedju effettiv sabiex meta tħoss li d-drittijiet fundamentali tagħha ġew miksur jkollha l-mezz li tfittex għal rimedju kif ukoll mekkaniżmu li fejn jinstab li jkun hemm ksur ta' dawn id-drittijiet, il-persuna tingħata rimedju. Dawn il-proċeduri tal-lum waħedhom ukoll jissodisfaw dan l-artikolu."

Rat ir-risposta tal-Avukat tal-Istat preżentata fit-18 ta' April 2022 li permezz tagħha wieġeb is-segwenti:-

1. "Illi preliminarjament, in kwantu r-rikorrenti qegħdin jilmentaw dwar li *'l-Avviż ta' Ftehim (li huwa l-att li jorbot il-prezz) intbagħat fit-23 ta' Mejju 2001 iżda kien biss kważi sentejn wara li l-Kummissarju tal-Artijiet intavola l-proċeduri quddiem il-Bord'* u dwar l-allegat dewmien sabiex il-Kummissarju tal-Art jibgħat l-Avviż tal-Ftehim u t-terminu bejn il-mument li jkun hemm il-kontestazzjoni għall-Avviż tal-Ftehim u dakinhar li jintavola l-proċess quddiem il-Bord tal-Arbitraġġ dwar l-Artijiet, l-esponent jeċepixxi li *ai termini* tal-artikolu 181B tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, l-esponent ma huwiex il-leġittimu kontradittur;

2. Illi preliminarjament u bla ħsara għas-suespost, ir-rikorrenti jeħtieġu li jressqu prova siewja li biha jipprovaw:

   a. li huma kellhom titolu fuq l-artijiet in kwistjoni u x'sehem kull wieħed mir-rikorrenti kellu fuq l-artijiet in kwistjoni u

   b. l-interess ġuridiku li kull wieħed mir-rikorrenti għandu f'dawn il-proċeduri;

3. Illi bla ħsara għas-suespost, l-allegazzjonijiet, il-pretensjonijiet u t-talbiet tar-rikorrenti huma manifestament infondata kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda;

4. Illi bla ħsara għas-suespost, uħud mill-ilmenti li permezz tar-Rikors Kostituzzjonali qegħdin jitressqu mir-rikorrenti ġia ġew deċiżi mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-sentenza ta' nhar l-24 ta' Ottubru, 2019 (Rikors numru 32/03 FDP) u għalhekk ir-rikorrenti qegħdin jittentaw jagħmlu appell fit-terz grad, li għalhekk ma huwiex permessibli;

5. Illi bla ħsara għas-suespost, l-emendi leġislattivi li permezz tar-rikors odjern qegħdin jiġu attakkati mir-rikorrenti, ma jilledux id-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif protetti taħt l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, l-ewwel (1) artikolu tal-ewwel (1) protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet

Fondamentali, l-artikoli 6 u 13 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar il-Protezzjoni tad-drititjiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

6. Illi bla ħsara għas-suespost, fil-prinċipju, il-leġislazzjoni b'mod retroattiv fil-kamp ċivili, mhuwiex meqjus inkompatibbli mal-jedd għal smigħ xieraq kif imħares taħt l-**artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali** u l-**artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.** L-intervent leġislattiv b'mod retroattiv fil-kamp ċivili huwa wkoll permissibbli mill-**artikolu 9 tal-Att Dwar l-Interpretazzjoni (Kapitolu 249 tal-Liġijiet ta' Malta);**

7. Illi bla ħsara għas-suespost, permezz tal-proviso għall-artikolu 25(1) tal-Kapitolu 88 tal-Liġijiet ta' Malta miżjud permezz tal-Att XVII tal-2004, il-leġislatur daħħal kjarifika fil-liġi fejn l-ammont ta' kumpens li għandu jiġi stabbilit mill-Bord ma għandu qatt jeċċedi l-ogħla kumpens illi jkun intlalab minn wieħed mill-partjiet. Din l-emenda ma tilledix il-jeddijiet fundamentali tar-rikorrenti;

8. Illi bla ħsara għas-suespost, din l-emenda ma naqsietx minn xi dritt li parti kellha quddiem il-Bord jew Qorti, għaliex huwa assurd li wieħed jitkellem fuq '*dritt'* li wieħed jirċievi kumpens għal aktar milli huwa stess, mingħajr ma kien soġġett għal ebda limitazzjoni, ikun talab tagħha. Fil-każ odjern, rigwardanti il-proċeduri tar-rikors bin-numru 32/03 FDP, il-Bord tal-Arbitraġġ dwar l-Artijiet kien ordna kumpens kif wara kollox kien mitlub mill-intimati fl-ittra uffiċjali u anke fir-risposta tagħhom quddiem il-Bord tal-Arbitraġġ dwar l-Artijiet. Ir-rikorrenti għalhekk ma ħadu xejn anqas minn dak li huma kienu talbu u għalhekk ċertament li l-kumpens likwidat kien filfatt kumpens adegwat;

9. Illi bla ħsara għas-suespost, peress li r-rikorrenti kienu ddikjaraw il-kumpens li qed jippretendu għat-tehid tal-artijiet tagħhom u l-liġi ma timponix limitu fuq l-ammont li setgħu jitolbu, ir-rikorrenti kienu qiegħdin effettivament jiddikjaraw l-ammont li, fl-opinjoni tagħhom, kien jikkostitwixxi kumpens xieraq, fejn jirriżulta ukoll li wieħed mir-rikorrenti huwa Perit u għaldaqstant persuna teknika. Peress li l-Bord bl-applikazzjoni tal-emenda li qiegħda tiġi attakata, ordna li r-rikorrenti jitħallsu dak kollu li talbu, huwa kontrosens li jingħad li ġie miksur id-dritt tagħhom ghall-kumpens xieraq għax ma ngħatawx dak li ma talbux. Għaldaqstant, ir-rikorrenti ma jistgħux jilmentaw dwar il-kumpens li ngħatgħu, meta huma ngħatgħu l-ammont sħiħ ta' kumpens li huma stess kienu talbu. Il-premessa fir-rikors promotur li '*bl-emenda fuq riferita, u li permezz tagħha u b'mod retroattiv l-ogħla kumpens li seta' jiġi likwidat favur is-sidien ġie ċirkoskritt għal dak li jkun intalab mill-istess sidien, ġie effettivament ivvjolat il-prinċipju illi t-teħid tal-proprjeta` u l-interferenzi fit-tgawdija tal-possediment mis-sid jistgħu jitwettqu biss versu l-ħlas ta' kumpens adekwat*' hija għalhekk manifestament infondata;

10. Illi bla ħsara għas-suespost, biż-żieda tal-proviso fl-artikolu 25(1) tal-Kapitolu 88 tal-Liġijiet ta' Malta, ma ġietx vjolata l-aspettattiva leġittima tar-rikorrenti u lanqas ġew vjolati d-drittijiet tagħhom li jgawdu l-possedimenti tagħhom. Qabel il-promulgazzjoni tal-emenda li qegħda tiġi attakata, ir-rikorrenti ma kellhomx *a legitimate expectation* illi l-Bord kien se jillikwida l-kumpens f'ammont ogħla minn dak minnhom mitlub. Għalhekk, ir-rikorrenti ma kellhomx "*possediment*" fit-termini tal-**Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali**, u konsegwentement dan l-Artikolu mhux applikabbli;

11. Illi bla ħsara għas-suespost, u in kwantu l-ilment tar-rikorrenti dwar l-emendi li daħlu fis-seħħ fl-2006 permezz tal-Att I tal-2006 u l-Att III tal-2006 inkluż dwar l-artikolu 12(3) tal-Kapitolu 88 tal-Liġijiet ta' Malta, l-esponent iwieġeb li hekk kif qieset il-Qorti tal-Appell fis-sentenza esebita mir-rikorrenti stess u ċioe' dik deċiża fl-24 ta' Ottubru 2019 (Rikors numru 32/03 FDP) '*Lanqas f'dan il-kaz ma jitqies li l-intimati sofrew xi pregudizzju bl-applikazzjoni retroattiva tal-provvedimenti dwar l-imghax.*';

12. Illi bla ħsara għas-suespost, l-artikolu 12(3) tal-Kapitolu 88, anke kif emendat, jipprovdi mekkaniżmu ġust biex jikkumpensa lil dawk li jkunu damu biex ħadu l-kumpens mill-Awtorità tal-Artijiet;

13. Illi bla ħsara għas-suespost, ma hemmx ksur tal-ewwel artikolu tal-ewwel protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali stante li l-liġi u l-emendi li dwarhom qegħdin jilmentaw ir-rikorrenti: (i) kellhom għan leġittimu għax joħorġu mill-liġi; (ii) kienu fl-interess ġenerali; u (iii) kienu jżommu bilanċ ġust u ekwu bejn l-interessi tas-sid u tal-poplu b'mod ġenerali;

14. Illi bla ħsara għas-suespost, mill-lenti tal-**artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta**, l-esponent jeċepixxi li l-kuncett ta' *legitimate expectation* ma jidholx fid-definizzjoni ta' "*proprjeta*`", u konsegwentement l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ma hux applikabbli f'dan il-kuntest;

15. Illi bla ħsara għas-suespost, din l-Onorabbli Qorti ma tista' qatt issib ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Dan qiegħed jintqal għaliex id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 88 tal-Liġijiet ta' Malta daħlu fis-seħħ qabel it-tlieta (3) ta' Marzu tas-sena elf, disa' mija u tnejn u sittin (1962) u għaldaqstant l-Ordinanza dwar l-akkwist ta' artijiet għal skopijiet pubbliċi (Kapitolu 88 tal-Liġijiet ta' Malta), li illum huwa mħassar, kien imħares bl-artikolu 47(9) tal-Kostituzzjoni;

16. Illi bla ħsara għas-suespost, f'dan il-każ, l-emendi leġislattivi permezz tal-Att numru XVII tal-2004 kif ukoll dawk permezz tal-Att I tal-2016 u l-Att III tal-2006 ma wassalx għat-tkasbir tal-jeddijiet fondamentali tar-rikorrenti kif protetti taħt l-**artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali**

u l-**artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta**. Barra minn hekk, tali intervent leġislattiv la fixkel u lanqas b'xi mod laqat il-garanziji proċesswali hekk kif imħarsa bl-**artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali** u bl-**artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta**. L-emendi li permezz ta' din il-proċeduri qegħdin jiġu attakkati ma kisrux il-prinċipju tal-*equality of arms*;

17. Illi bla ħsara għas-suespost, in kwantu fejn ir-rikorrenti qegħdin jilmentaw dwar id-dewmien li ħadu l-proċeduri ġudizzjarji biex jiġu konklużi, l-esponent iwieġeb li l-irraġonevolezza taż-żmien ma għandux jiġi determinat fl-astratt jew minn numru ta' snin li tkun damet għaddejja proċedura ġudizzjarja, imma dan għandu jitqies fid-dawl taċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ li jkun. Għaldaqstant ma hemmx ksur tad-dritt għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. L-allegat dewmien lanqas jammonta għal ksur tal-artkolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-ewwel (1) artikolu tal-ewwel (1) protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali;

18. Illi dejjem bla ħsara għas-suespost, *dato ma non concesso* u biss għall-grazzja tal-argument li nkisru d-drittijiet ta' smigħ xieraq fi żmien raġonevoli tar-rikorrenti, allegazzjoni li l-esponent jopponi, ma hemm l-ebda lok għal rimedju jew kumpens pekunjarju u/jew non-pekunjarju ieħor u dan stante li:

    a. L-iskop tad-dispożizzjonijiet dwar id-drittijiet fundamentali huwa sabiex jiġu stabbiliti *standards* u huwa s-sejbien ta' vjolazzjoni ta' dawn l-istandards li huwa r-rimedju ewlieni;

    b. Illi dejjem mingħajr preġudizzju għall-fatt li ma hemmx lok għal rimedju jew kumpens kif mitlub mir-rikorrenti, l-esponent jissottometti li r-rikorrenti kienu assistiti tul il-proċeduri minn Avukat tal-għażla u ta' fiduċja tagħhom. Jirriżulta li kien fl-istadju tal-appell li r-rikorrenti ilmentaw dwar id-dewmien li ħadu l-proċeduri quddiem il-Bord tal-Arbitraġġ dwar l-Artijiet, iżda fl-ebda stadju quddiem il-Bord ma ressqu l-ilment tagħhom. Huwa d-dmir tal-partijiet li jieħdu sehem attiv fil-proċeduri u fejn jidhrilhom li hemm dewmien li huma jirritjenu li mhux ġustifikat, jipprotestaw quddiem dik il-Qorti jew Bord u sussegwentement jittieħdu provvedimenti opportuni;

    c. Illi dejjem mingħajr preġudizzju għas-suespost, hija l-umli fehma tal-esponent li għalkemm din l-Onorrabbli Qorti fil-vesti Kostituzzjonali tagħha tagħti kull rimedju li jidhrilha xieraq, inkluż jekk jidhrilha xieraq u opportun kumpens monetarju, l-ebda danni materjali ma jistgħu jiġu likwidati minn din is-sede f'kawżi dwar allegat nuqqas ta' smigħ xieraq fi żmien raġonevoli;

d. Illi dejjem mingħajr preġudizzju għas-suespost, mill-atti jirriżulta li kemm il-Kummissarju tal-Artijiet u anke l-intimati f'dawk il-proċeduri, hawnhekk ir-rikorrenti kienu talbu differimenti ta' seduti quddiem il-Bord;

e. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, il-Bord tal-Arbitraġġ dwar l-Artijiet, u sussegwentement kif ikkonfermat mill-Qorti tal-Appell, ġia ordnaw il-ħlas ta' imgħax u għalhekk dan jagħmel tajjeb għal kwalunkwe dewmien li seta' kien hemm. Għalhekk danni materjali u danni morali ma għandhomx jiġu likwidati u

f. Illi f'kull każ u dejjem bla ħsara għall-premess, ma hemm l-ebda lok għall-għoti ta' kumpens fil-każ odjern.

19. Illi bla ħsara għas-suespost, in kwantu l-**artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali**, l-esponent iwieġeb li ma hemmx ksur ta' dan l-artikolu Konvenzjonali. Illi in oltre', ma jistax jingħad li ma hemmx rimedju effettiv, meta r-rikorrenti stess preżentaw ir-rikors odjern;

20. Illi bla ħsara għas-suespost, f'kull każ, ir-rikorrenti ma jistgħux jinvokaw l-ewwel (1) artikolu tal-ewwel (1) protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali u l-artikoli 6 u 13 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali biex jilmentaw dwar ġrajjiet li seħħew qabel it-tletin (30) ta' April tas-sena elf, disa' mija u sebgħa u tmenin (1987). Dan qed jingħad għaliex skond l-artikolu 7 tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta, ebda ksur ta' dawn l-artikoli tal-Konvenzjoni Ewropea dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali li jsir qabel it-tletin (30) ta' April tas-sena elf, disa' mija u sebgħa u tmenin (1987) ma għandu jagħti lok għal xi azzjoni taħt l-artikolu 4 tal-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta;

21. Illi bla ħsara għas-suespost, u marbut sfiq mal-eċċezzjonijiet kollha ġia mqajjma, peress li ma hemmx ksur tal-jeddijiet fundamentali tar-rikorrenti, it-talbiet l-oħra tar-rikorrenti għandhom ukoll jiġu miċħuda;

22. Illi strettament bla ħsara għas-suespost, f'każ li l-Onorabbli Qorti ssib leżjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti, fiċ-ċirkostanzi odjerni, dikjarazzjoni ta' ksur tkun suffiċjenti u ma hemmx lok għar-rimedji oħra mitluba mir-rikorrenti, fosthom il-likwidazzjoni u kundanna ta' ħlas ta' danni morali u materjali;

23. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri kif permessi bil-liġi.

Għaldaqstant, l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrenti bl-ispejjeż kontra tagħhom."

Rat l-Atti tar-rikors numru 32/2003 quddiem il-Bord ta' l-Arbitraġġ dwar l-Artijiet kif ukoll ta' l-Appell konsegwenzjali li ġew deċiżi mill-Qorti ta' l-Appell fl-24 ta' Ottubru 2019 allegati ma din il-kawża b'digriet mogħti fis-27 ta' April 2022.

Rat l-Atti kollha ta' din il-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew eżebiti in atti;

Qrat ix-xhieda fil-kawża;

Rat il-verbal tal-udjenza tat-Tnejn 15 ta' Mejju 2023 fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

**Punti ta' fatti**

**1.** Dawn il-proċeduri jirrigwardaw is-segwenti tlett proprjetajiet ġewwa r-Rabat:

a) Biċċa art tal-kejl ta' madwar 203 $m^2$, li tmiss mit-Tramuntana u minn Nofsinhar ma' proprjetá ta' Mario Galea Testaferrata u oħrajn u mill-Majjistral ma' triq pubblika.
b) Biċċa art tal-kejl ta' madwar 120 $m^2$, li tmiss mill-Majjistral u mil-Lbiċ ma' triq pubblika u mill-Grigal ma' proprjetá ta' Mario Galea Testaferrata u oħrajn.
c) Biċċa art tal-kejl ta' adwar 1,699 $m^2$, li tmiss mill-Lbiċ u mix-Xlokk ma' triq pubblika, u mill-Grigal ma' proprjetá ta' Mario Galea Testaferrata u oħrajn.

Il-kronoloġija tal-fatti kif emerġenti mill-atti proċesswali juru s-segwenti:-

1. In virtù ta' dikjarazzjoni magħmula mill-President ta' Malta datata 29 ta' Settembru 1977, avviż numru 605 fil-Gazzetta tal-Gvern, dawn il-fondi ġew dikjarati bħala "*meħtieġa mill-awtoritá kompetenti għal skop pubbliku skont id-disposizzjonjiet ta' l-Ordinanza dwar l-akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 136) u illi l-akkwist tagħha għandu jkun b'xiri assolut.*" (ara fol 61 u 62 u pjanta a' fol 63);
2. Fid-19 ta' Lulju 2001, jiġifieri kważi 24 sena wara, din id-dikjarazzjoni ġiet segwita b' avviż għall ftehim (notice to treat) notifikat lir-Rikorrenti Igino Trapani Galea Feriol, Emily u Dorothy Trapani Galea u Nathalie Bianchi, qua sidien tal-proprjetajiet, skont l-Artikolu 12(1) tal-Kap. 88, qabel ma ġie emendat bl-emendi tal-2002 (ara fol 65).
3. F'dan l-Avviż il-proprjetajiet in kwistjoni ġew stmati mill-Perit Godwin Drago (ara rapport a' fol 64) bħala li jiswew is-segwenti:
   i. Proprjetá deskritta taħt (a) fil-valur ta' LM30,450 ekwivalenti għal €70,929.42.
   ii. Proprjetá deskritta taħt (b) fil-valur ta' LM18,000 ekwivalenti għal €41,928.72.
   iii. Proprjetá deskritta taħt (c) fil-valur ta' LM 254,850 ekwivalenti għal €254,850.

4. B'Ittra Uffiċjali preżentata fit-13 ta' Awwissu 2001, is-sidien rikorrenti ikkontestaw il-valuri imsemmija. Dan billi inter alia ddikjaraw li ma

jaċċettawx il-kumpens offert u talbu li dan il-kumpens għandu jkun is-segwenti:

i. Proprjetá deskritta taħt (a) fil-valur ta' LM45,675 ekwivalenti għal €106,394.13.

ii. Proprjetá deskritta taħt (b) fil-valur ta' LM27,000 ekwivalenti għal €62,893.08.

iii. Proprjetá deskritta taħt (c) fil-valur ta' LM 382,275 ekwivalenti għal €890,461.22.

5. Fit-23 ta' Mejju 2003, jiġifieri iktar minn sentejn wara li r-Rikorrenti ikkontestaw il-valuri msemmija fl-Avviż ta' Ftehim bl-Ittra Uffiċjali msemmija, il-Kummissarju tal-Artijiet intavola il-proċeduri quddiem il-Bord tal-Arbitraġġ dwar tal-Artijiet permezz ta' rikors preżentat, hekk kif kien legalment meħtieġ minnu (ara rikors a' fol 1 tal-atti tar-Rikors numru 32/2003 hawn allegati).

6. Fil-mori ta' dawn il-proċeduri daħlu fis-seħħ numru ta' emendi fil-liġi li tirregola l-akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi. Żewġ emendi li jolqtu l-vertenza in kwistjoni huma dawk li saru fl-artikolu 23(4) tal-kap. 136 u l-artikolu 12(3) introdott bl-Att XI tal-2002, jiġifieri fiż-żmien wara li nħareġ l-Avviż ta' Ftehim datat 19 ta' Lulju 2001 kif kontestat bl-ittra uffiċjali tat-13 ta' Awwissu 2001 iżda qabel ma ġew istitwiti mill-Kummissarju l-proċeduri quddiem il-Bord tal-Arbitraġġ bir-Rikors preżentat fit-23 ta' Mejju 2003:

- L-artikolu 23(4) tal-Kap. 136 kien li "*Il-partijiet jiġu mismugħa f'jum illi jiġi stabbilit mill-Bord u d-deċiżjoni tal-Bord tittieħed bil-maġġuranza*" (ara premessa numru 10).

Dan l-artikolu ġie ri-numerat artikolu 25 fil-Kap. 88 li ssostitwixxa l-Kap. 136. Permezz tal-Att XIX tal-1993 dan l-artikolu ġie emendat bis-sub-inċiż (5) li ġie jaqra hekk: "*Iċ-Chairman ikun biss obbligat li joqgħod fuq ir-rapporti tal-membri li jinsabu fuq il-Lista kull meta r-rapporti taż-żewġ membri li jinsabu fuq il-Lista f'xi każ partikolari jkunu unanimi; meta dawk iż-żewġ membri ma jkunux unanimi, iċ-Chairman għandu fuq il-bażi tar-rapporti magħmulin miż-żewġ membri, jiddeċiedi l-kwistjoni hu nnfisu.*" (ara premessa 12).

L-artikolu 25(5) reġa ġie emendat bl-Att XXI tal-2009 kif ġej: "*Iċ-Chairman għandu jiddeċiedi l-kwistjoni huwa stess wara li jkun ikkunsidra b'mod xieraq ir-rapporti taż-żewġ membri tal-Lista u kull att ieħor rilevanti ppreżentat jew sottomissjonijiet magħmula.*"

Permezz tal-Att XVII tal-2004.4, l-artikolu 25 reġa ġie emendat fit-23 ta' Diċembru 2004 bi proviso ġdid introdott minnufih wara s-subartikolu (1) tiegħu. B'din l-emenda c-*Chairman* ma baqax obbligat li joqgħod fuq ir-rapporti tal-Periti membri tekniċi tal-Bord kull fejn tnejn minnhom ikunu unanimi. Huwa ġie minflok obbligat li l-ammont ta' kumpens minnu determinat "*m'għandux jeċċedi l-*

*ogħla ammont ta' kumpens li jkun ġie propost minn xi waħda mill-partijiet.*"

Il-provvediment tranżitorju fir-regolament 4(2) tal-istess Att XVII għamel dan l-artikolu kif hekk emendat applikabbli retroattivament kif ġej: "*Il-provvedimenti ta' l-artikoli 25 u 31 kif emendati b'dan l-artikolu japplikaw għall-proċeduri kollha anke dawk dwar art li fuqha hemm Dikjarazzjoni maħruġa taħt l-artikolu 3 ta' l-Ordinanza li tkun ħarġet qabel ma jidħol fis-seħħ dan l-artikolu.*"

- L-artikolu 12(3) introdott bl-Att XI tal-2002 impona mgħax sempliċi bir-rata ta' 5% li "*għandu jibda għaddej ta' kuljum favur kull min għandu jedd għal kumpens dwar xi art miksuba bix-xiri assolut tagħha taħt din l-Ordinanza, mid-data tad-Dikjarazzjoni tal-President sad-data meta l-kumpens jitħallas jew jiġi depożitat skond ma hemm fl-artikolu 22 ta' din l-Ordinanza. L-imgħax għandu jgħaddi fuq l-ammont ta' kumpens kif ikun stabbilit skond din l-Ordinanza.*"

  Bl-att I tal-2006, dan l-artikolu 12(3) ġie sostitwit kif ġej: "*(3) Bla preġudizzju għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (3) ta' l-artikolu 22 ta' din l-Ordinanza, mgħax sempliċi bir-rata ta' ħamsa fil-mija fis-sena għandu jibqa' għaddej fuq il-valur ta' l-art maħdum skont Skeda 2 li tinsab f'din l-Ordinanza u għaż-żmien hemm indikat favur kull mingħandu jedd għall-kumpens dwar xi art miksuba bix-xiri assolut taħgha taħt din l-Ordinanza: Iżda fejn jinħareġ avviż għall-ftehim taħt*

*din l-Ordinanza, l-imgħax jinħadem fuq il-valur iffissat f'dak l-avviż, mid-data tat-teħid tal-pussess ta' l-art mill-awtoritá kompetenti sat-trasferiment tat-titolu b'xiri assolut lill-Gvern ta' Malta.*"

L-Att II tal-2006 żdied proviso ulterjuri għal dan l-Artikolu 12(3) kif ġej: "*Iżda meta jinħareġ Avviż għall-Ftehim taħt din l-Ordinanza, u l-persuna li jkollha jedd għall-kumpens tkun għażlet li ma taċċettax il-prezz offrut fl-avviż, imgħax sempliċi bir-rata ta' ħamsa fil-mija fis-sena għandu jibqa' għaddej fuq il-valur ta' l-art maħdum skont Skeda 3 li tinsab f'din l-Ordinanza u għaż-żmien hemm indikat favur kull min għandu jedd għall-kumpens dwar xi art miksuba bix-xiri assolut tagħhha taħt din l-Ordinanza.*"

7. Fis-7 ta' Frar 2012, jiġifieri **8 snin wara li ġie promulgat l-Att XVII ta' l-2004** li *inter alia* emenda l-imsemmi Artikolu 25 tal-Kap. 88, u **6 snin wara li ġew promulgati l-Atti I u III tal-2006** li permezz tiegħu ġie emendat l-imsemmi artikolu 12(3) fil-Kap. 88, il-Periti Membri tal-Bord finalment preżentaw ir-rapport tagħhom a' fol 181 tal-atti tar-Rikors numru 32/03 hawn allegati.

8. Fir-rapport tagħhom, l-esperti tekniċi membri tal-Bord iffissaw kumpens fl-ammont ta' €242,100 għall porzjon (a), €143,100 għall porzjon (b), u €2,026,300 għall porzjon (c). Il-kumpens minnhom dikjarat huwa għalhekk ferm għola minn dak dikjarat mill-Intimati hawn Rikorrenti fl-ittra uffiċjali tat-13 t'Awwissu 2001.

9. Fir-rapport tagħhom il-Periti Tekniċi naqsu milli jindikaw id-data tal-valutazzjoni tal-artijiet in kwistjoni. Din ġiet biss minnhom indikata bħala li kienet id-19 ta' Lulju 2001, jiġifieri d-data tal-Avviż għal Ftehim, wara li ġew eskussi f'dan ir-rigward mil-legali tal-Kummissarju tal-Artijiet (ara fol 188 tal-atti tar-Rikors numru 32/03 hawn allegati).

10. Il-Bord tal-Arbitraġġ sussegwentement għadda biex jiddeċiedi r-rikors b'sentenza mogħtija fit-18 ta' Novembru 2015, jiġifieri iktar minn (i) 3 snin wara li ġie preżentat ir-rapport tal-Periti Tekniċi Membri tal-Bord tal-Arbitraġġ, (ii) 12 -il sena wara r-Rikors intavolat mill-Kummissarju tal-Artijiet u (iii) 38 sena wara d-dikjarazzjoni tad-29 ta' Settembru 1977 magħmula mill-President ta' Malta (ibid a' fol 234).

11. Fis-sentenza tiegħu il-Bord iddeċida r-Rikors a tenur tal-artikolu 25 tal-Kap. 88 kif emendat bl-Att XVII tal-2004 u l-artikolu 12(3) tal-Kap. 88 kif introdott bl-Att XI tal-2002, sostitwit bl-Att I tal-2006 u miżjud bl-Att II tal-2006. Dan billi laqa' t-talbiet tar-Rikorrenti, ordna lill-Intimati sidien hawn Rikorrenti jittrasferixxu bħala liberu u frank b'titolu ta' xiri assolut il-proprjetajiet in kwistjoni u ordna lill-Kummissarju tal-Artijiet sabiex iħallas lilhom l-istess ammont ta' kumpens minnhom dikjarat fl-ittra uffiċjali tat-13 t'Awwissu 2001, ossia Lm45,675 ekwivalenti għal €106,394.13 għall-ewwel porzjoni

(a), Lm27,000 ekwivalenti għal €62,893.08 għat-tieni porzjoni (b) u Lm382,275 ekwivalenti għal €890,461.22 għat-tielet porzjoni (c), b' total ta' Lm454,950 ekwivalenti €1,059,748.43. Dan minkejja li fir-relazzjoni tagħhom, l-esperti tekniċi membri tal-Bord ffissaw kumpens ferm għola kif fuq indikat (ibid fol 181).

Il-Bord iddeċieda wkoll li għandu jiddekorri imgħax a tenur ta' l-Artikolu 12(3) tal-Kap. 88 mit-22 ta' Ottubru 1977 sad-data meta eventwalment isir it-tasferiment tat-titolu.

12. Fl-istess deċiżjoni il-Bord iddeplora espressament it-tul eċċessiv li bih ġew milquta l-proċeduri hemm deċiżi kif ġej: "*Il-Bord ma jistax, l-ewwel u qabel kollox, ma jurix id-dispjaċir kbir tiegħu lejn il-mod kif il-proċeduri odjerni ġew trattati kemm minn dana il-Bord kif kompost diversament fil-bidu, kif ukoll mill-awtoriajiet kompetenti sabiex jipprovdu l-għodda biex tali Bord jiffunzjona, peress illi hija inaċettabli fis-soċjeta tagħna ta' llum, illi kawża tiddilunga ruħha għal dawna s-snin kollha meta, għal snin sħaħ, ma ġara assolutament xejn u kien hemm prokrastinazzjoni grossolana da parte ta' l-amministrazzjoni ta' dana l-Bord. Dana ma jagħmel ebda ġieħ, la lill-Bord, u wisq anqas lill-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja, u dawna l-każijiet huma biss ta' ħsara lejn ir-reputazzjoni tal-Qrati u min imexxihom, u jineħtieġ li ma jirrepetux ruħhom.*"

13. Fit-3 ta' Diċembru 2015, ġie reġistrat appell min din id-deċiżjoni mis-sidien hawn Rikorrenti. Permezz tiegħu huma prinċipalment lmentaw fuq l-applikazzjoni retroattiva mil-Bord tal-artikolu 25 tal-Kap. 88 kif emendat bl-Att XVII tal-2004 u l-artikolu 12(3) tal-Kap. 88 kif introdott bl-Att XI tal-2002, sostitwit bl-Att I tal-2006 u miżjud bl-Att II tal-2006 (ara appell a' fol 241 fl-atti tar-Rikors Nru 32/03 hawn allegati). Ġie wkoll reġistrat appell mill-Kummissarju tal-Artijiet fl-4 ta' Diċembru 2015 (ara appell ibid a' fol 252).

14. Permezz ta' sentenza mogħtija <u>kważi 4 snin wara li ġew reġistrati l-appelli mill-partijiet</u>, Il-Qorti tal-Appell iddisponiet mill-istess billi ċaħdithom it-tnejn u kkonfermat bis-sħiħ id-deċiżjoni tal-Bord tat-18 ta' Novembru 2015. Il-Qorti waslet għal din id-deċiżjoni wara li, inter alia, kkunsidrat l-aggravji tas-sidien rikorrenti rigwardanti l-applikazzjoni retroattiva mil-Bord tal-artikolu 25 tal-Kap. 88 kif emendat bl-Att XVII tal-2004 u l-artikolu 12(3) tal-Kap. 88 bil-mod segwenti:

"*l-Bord kien korrett meta ghamel referenza ghall-Artikolu 25(1) tal-Kap. 88, li jipprovdi b'mod car li l-kumpens determinat mill-Bord m'ghandux jeccedi dak mitlub minn parti fil-kawza. Kif gustament rilevat mill-Kummissarju appellat fir-risposta tieghu, din il-materja kienet debitament ikkunsidrata diversi drabi, inkluz fis-sentenza ta' din il-Qorti tal-5 ta' Dicembru, 2014, fil-kawza fl-ismijiet* ***Agent***

***Kummissarju tal-Artijiet v. Vica Limited**, fejn gie determinat li dan l-artikolu ghandu japplika wkoll retroattivament meta nghad:*

*"Is-socjeta` Vica Limited ma taqbilx li dan il-proviso, introdott fil-ligi fl-2004, ghandu jigi applikat, pero`, skont l-Artikolu 4 tal-Att relattiv, l-Att XVII tal-2004, dak il-proviso ghandu japplika "ghall proceduri kollha anke dawk dwar art li fuqha hemm dikjarazzjoni mahruga taht l-Artikolu 3 tal-Ordinanza". Dan il-provvediment tal-ligi hu car, japplika mhux biss ghal dawk id-dikjarazzjonijiet li jkunu hargu qabel ma dahlet fis-sehh l-emenda ghall-Artikolu 25 tal-Ordinanza u ma sar xejn wara, izda anke ghal dawk iddikjarazzjonijiet li ghalihom ikunu gia` inbdew proceduri quddiem il-Bord. Il-provvediment transitorju jolqot kull art milquta b'dikjarazzjoni tal-President li tkun harget qabel id-dhul fis-sehh tal-imsemmi proviso, u interpretazzjoni mod iehor jiznatura l-effett tal-istess emenda.*

*Fil-kuntest tal-aggravju marbut mal-kostituzzjonalita` ta' dan il-proviso, din il-Qorti tirrileva li dan il-punt gia` gie trattat u ma nstabx li l-emenda tivvjola xi dritt fundamentali ta' sid ilproprjeta`. Din il-Qorti taghmel referenza ghad-decizjoni taghha moghtija fit-28 ta' Marzu 2014, fil-kawza **Neriku Confectionery Ltd v. Direttur tal-Artijiet**, fejn l-istess kwistjoni giet sollevata. Intqal hekk f'dik id-decizjoni:*

*"L-istess socjeta` appellata tissottometti wkoll li l-applikazzjoni ta' dan il-proviso jwassal ghal ksur tad-dritt fundamentali taghha ghal*

*kumpens xieraq. Din il-kwistjoni gia` giet dibattuta u deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza* ***Kummissarju tal-Artijiet v. Maria Theresa Deguara Caruana Gatto et****, deciza fis-6 ta' Settembru 2010, fejn sottomissjoni simili giet michuda. Dik ilQorti qalet hekk fil-kuntest ta' din il-kwistjoni:"*

*"39. A skans ta' ekwivoci, din il-Qorti taghmilha cara li hija mhux qed tghid li f'kaz ta' tehid ta' proprjeta` il-kumpens xieraq dovut huwa necessarjament f'kull kaz l-ammont shih li s-sid talart jitlob ghaliha. Dan ghaliex x'jikkostitwixxi kumpens xieraq f'kaz partikolari irid jigi stabbilit tenut kont tal-valur tas-suq tal-proprjeta` b'mod oggettiv, kif ukoll fid-dawl tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, li jistghu anki f'certi kazijiet jiggustifikaw kumpens inqas mill-valur oggettiv tas-suq (Ara is-sentenzi* ***James and Others v. UK*** *deċiża mill-Qorti Ewropea fil-21 ta' Frar 1986 u Lithgow and Others v. UK deċiża mill-Qorti Ewropea fit-8 ta' Lulju 1986.)*. *Dak li qed tghid din il-Qorti huwa li ladarba fil-kaz odjern is-sidien intimati ddikjaraw ilkumpens li qed jippretendu ghat-tehid tal-art taghhom – u l-ligi ma timponi l-ebda limitu fuq l-ammont li setghu jitolbu – huma kienu qieghdin effettivament jiddikjaraw l-ammont li, fl-opinjoni taghhom, kien jikkostitwixxi kumpens xieraq ghall-esproprjazzjoni li soffrew. La darba huma – bl-applikazzjoni talemenda impunjata – se jircievu dak kollu li talbu, huwa kontrosens li jinghad li se jigi miksur id-dritt*

*taghhom ghall-kumpens xieraq ghax mhux se jinghataw dak li ma talbux!"*

*"Din il-Qorti tikkondividi dan il-hsieb, u tara li darba s-socjeta` se tircievi l-ammont shih ta' kumpens li hija talbet, ma tarax kif tista' tilmenta li se jigi lez id-dritt taghha ghall-kumpens xieraq, meta se tinghata l-kumpens kollu li hija talbet."*

*Meta din il-Qorti tapplika dawn l-istess principji ghall-kaz in ezami, hawn ukoll, ma jirrizulta li ma hemm xejn censurabbli fid-decizjoni tal-Bord, in kwantu applika l-ligi ai termini tal-gurisprudenza in materja (ara f'dan is-sens ukoll is-sentenza aktar recenti ta' din il-Qorti tat-28 ta' Gunju, 2019, 1 Ara is-sentenzi James and Others v. UK deciza mill-Qorti Ewropea fil-21 ta' Frar 1986 u Lithgow and Others v. UK deciza mill-Qorti Ewropea fit-8 ta' Lulju 1986. App. Civ. 32/03 19 fil-kawza fl-ismijiet Kummissarju tal-Artijiet v. Perit Joseph Barbara). Isegwi li dan l-ewwel aggravju ma jimmeritax li jintlaqa' u ser jigi michud. ...*

*In kwantu ghall-ilmenti tal-appellanti dwar l- applikazzjoni retroattiva ta' dawn il-provvedimenti tal-ligi* [taħt l-artikolu 12(3) tal-Kap. 88] *jwasslu ghall-ksur ta' drittijiet miksuba u drittijiet fundamentali, dan il-punt kien suggett proprju ta' kawza kostituzzjonali. Kif gustament osservat mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza taghha tal-25 ta'*

*Novembru, 2016, fil-kawza fl-ismijiet* ***Emidio Azzopardi et v. Kummissarju tal-Artijiet et****:*

*"din il-Qorti tosserva li r-rikorrenti qeghdin jinjoraw il-fatt illi l-punt tat-tluq ghall-kalkolu tal-imghaxijiet in kwistjoni, ma kinitx stima tal-valur tal-art fil-mument tat-tehid fis-sena 1983, izda stima tal-art maghmula mill-Bord fis-sena 2005, jigifieri 22 sena wara t-tehid. Kif gustament sahqet l-ewwel Qorti, dan ifisser illi, ghall-finijiet tal-komputazzjoni tal-imghax dovut, ir-rikorrenti gawdew mill-beneficcju tal-awment fil-valur tal-proprjeta` mill-1983 sal-2005 stante li l-komputazzjoni saret fuq ammont akbar, ghax, ghalkemm mill-provi ma tirrizulta ebda stima tal-valur tal-art fiz-zmien tat-tehid, huwa fatt notorju li l-valur tal-proprjeta` bejn is-snin 1983 u 2005 zdied u mhux naqas. Ghalhekk kienet korretta l-ewwel Qorti meta osservat li l-komputazzjoni tal-imghaxijiet skont l-emendi agevolat lir-rikorrenti.*

*"36. Ghaldaqstant din il-Qorti hi tal-fehma li l-komputazzjoni tal-imghax fuq il-medja bejn l-ammont indikat fl-avviz ghal ftehim u l-ammont likwidat mill-Bord tirrapprezenta komputazzjoni gusta, stante li tiehu in konsiderazzjoni l-awment fil-valur tal-artijiet in kwistjoni mid-data tat-tehid taghhom sad-data tal-likwidazzjoni mill-Bord. Din il-konkluzjoni tassumi aktar qawwa fid-dawl tal-fatt li, kif ser jigi mfisser aktar 'il quddiem, qabel l-emendi l-pozizzjoni dwar l-*

*imghaxijiet ma kinitx regolata bil-ligi, izda kienet bazata fuq ir-rati bankarji vigenti.*

*…*

*"ir-rikorrenti jilmentaw mill-fatt li l-ewwel Qorti ma tatx piz lill-fatt li l-emendi introdotti kellhom effett retroattiv.*

*"39. Dwar dan, din il-Qorti tinnota illi, qabel ma gew fis-sehh l-imsemmija emendi, ma kien hemm ebda ligi li tirregola kif kellu jigi ikkalkolat l-imghax ghad-dewmien fil-hlas tal-kumpens. Kif tixhed Margaret Falzon waqt l-udjenza tal-11 ta' Mejju 2015 qabel ma dahlu l-emendi kontestati, kienet il-prattika kostanti li jithallas 5% fuq l-ammont offrut mill-Kummissarju jew fuq l-ammont likwidat mill-Bord, mid-data tal-akkwist jew tat-tehid, sad-data tal-pubblikazzjoni tal-kuntratt finali. Din, izda, ma kienet tohrog minn ebda ligi imma kienet biss il-prassi segwita bazata fuq ir-rati bankarji ta' imghax pagabbli fiz-zmien li dahlet fis-sehh tali prassi.*

*"40. Jirrizulta ghalhekk illi bl-emendi giet indirizzata u regolata mil-legislatur lacuna fil-ligi. L-emendi in kwistjoni jirregolaw sitwazzjoni li ma kinitx precedentement regolata b'ligi, u ghalhekk huwa legalment insostenibbli l-argument tar-rikorrenti illi l-applikazzjoni ta' dawn ir-regoli ghall-kaz in kwistjoni iccahadhom milli jircievu l-imghaxijiet fuq is-somma kapitali kollha dovuta lilhom mill-Istat…. Dak li jaghmlu dawn l-emendi huwa li jirregolarizzaw is-sistema ta' komputazzjoni*

*ta' imghax fuq il-hlas ta' kumpens dovut mill-Kummissarju tal-Artijiet – sistema li qabel kienet inezistenti fis-sistema guridika taghna. Ghalhekk jirrizulta car li l-emendi legislattivi ma kisru ebda "dritt akkwizit" tar-rikorrenti".*

*Applikati dawn l-istess principji ghall-kaz in ezami, il-Bord applika l-valur tal-art in kwistjoni vigenti fis-sena 2001, skont id-data tan-notifika tad-Dikjarazzjoni tal-President jew f'dan il-kaz tal-Gvernatur, kif jipprovdi l-Artikolu 27(1)(b)(i) tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghal Skopijiet Pubblici (Kap. 88). F'dan il-kaz, peress li d-dikjarazzjoni kienet notifikata lill-appellanti bejn Lulju u Awwissu tas-sena 2001, permezz tal-avviz ghall-ftehim, gustament din kellha tkun id-data tal-valutazzjoni. Meta l-Bord adotta l-pretensjoni tal-intimati appellanti, jirrizulta li l-perit ex parte inkarigat minnhom, ibbaza ruhu fuq il-prezzijiet vigenti fis-sena 2001. Kwindi huma wkoll gawdew mill-beneficcju tal-awment fil-valur tal-art bejn meta giet okkupata fis-sena 1977 u s-sena 2001. Lanqas f'dan il-kaz ma jitqies li l-intimati sofrew xi pregudizzju bl-applikazzjoni retroattiva tal-provvedimenti dwar l-imghax. Inoltre ma jitqiesx opportun li din il-Qorti tidhol fil-mertu tal-ilmenti dwar it-tnaqqis fiskali fuq l-imghax, in kwantu dan jezorbita mill-kompetenza ta' din il-Qorti li hija marbuta li tapplika l-ligi. F'dan il-kaz, il-Bord gustament ghamel referenza ghall-Artikolu 12(3) tal-Kap. 88 fil-kuntest tal-komputazzjoni tal-imghax, li japplika*

*ghall-kaz in ezami. Ghalhekk lanqas it-tielet u r-raba' aggravji tal-intimati appellanti ma jimmeritaw li jintlaqghu u ser jigu michuda.*"

15. Is-sentenza tal-Bord tal-Artbitraġġ dwar l-Artijiet tat-18 ta' Novembru 2015 kif konfermata permezz tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-24 ta' Ottubru 2019, ġiet finalment eżegwita b'kuntratt datat 15 ta' Diċembru 2020, jiġifieri <u>sena u kważi tlet xhur wara</u> li ngħatat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell (ara kuntratt a' fol 91).

Mhux l-Intimati kollha li kienu parti fil-proċeduri tar-Rikors numru 23/03, hawn Rikorrenti, deheru fil-kuntratt imsemmi iżda biss Igino Trapani Galea Feriol, Dorothy Trapani Galea, il-Perit Nicholas Bianchi, ħutu Andre Bianchi u Anne Marie Tabone, Colin, Christopher u John aħwa Huber u Dr. Nicholas Trapani Galea Feriol mal-Perit Nicholas Bianchi bħala Eżekuturi Testamentarji tal-mejta Emily Trapani Galea. Tħallew barra għalhekk l-intimati, hawn Rikorrenti, Bettina mart Malcolm Azzopardi, Michael Trapani Galea Feriol, Greta mart Paul Apap Bologna, Paul Trapani Galea Feriol u Dr. Nicholas Trapani Galea Feriol f'ismu.

Permezz tal-kuntratt imsemmi ir-Rikorrenti hemm indikati biegħu, ċedew u trasferew favur il-Gvern ta' Malta kif rappreżentat minn Dottor Marisa Grech li aċċetta xtara u akkwista t-tlett biċċiet art imsemmija bil-prezz kif stabbilit mis-sentenza tal-Bord tal-Arbitraġġ Dwar Artijiet u kkonfermata mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell, jiġifieri

dak ta' €1,059,748.43 (miljun, disgħa u ħamsin elf, seba' mija u tmienja u erbgħin Ewro u tlieta u erbgħin ċenteżmi). Ma dan l-ammont il-Gvern ta' Malta ħallas ukoll lil-vendituri aċċettanti, hawn Rikorrenti, is-somma ta' €1,906,698.83 (miljun, disa' mija u sitt elef, sitt mija tmienja u disgħin Ewro u tlieta u tmenin ċenteżmu) liema somma tirrappreżenta interessi dovuti mill-Gvern ta' Malta lill-Vendituri, hawn Rikorrenti. Dan l-interessi ġew kalkolati bir-rata ta' 5% fis-sena skont skif stipulat fit-tielet skeda tal-artikolu 12(3) tal-Kap. 88 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-Gvern ta' Malta għaldaqstant ħallas lil-vendituri aċċettanti, hawn Rikorrenti, is-somma globali ta' €2,966,447.23 (żewġ miljuni, disa' mija u sitta u sittin elf, erba' mija u sebgħa u erbgħin Ewro u sitta ugħoxrin ċenteżmu).

16. Isegwi għalhekk li, mid-dikjarazzjoni tal-President fl-Avviż numru 605 tal-Gazzetta tal-Gvern datata 29 ta' Settembru 1977 sal-kuntratt datat 15 ta' Diċembru 2020, l-akkwist b'xiri assolut tal-proprjetajiet imsemmija ħa xejn inqas minn **43 sena, xahrejn u sittax -il ġurnata** biex jiġi eżegwit.

**Punti ta' Liġi**

**2.** Din hija azzjoni ta' ksur ta' jeddijiet fundamentali. Ir-Rikorrenti jilmentaw li, bid-dewmien eċċessiv li ħadu l-awtoritajiet kompetenti sabiex jeżegwixxu l-akkwist tal-artijiet in kwistjoni b'xiri assolut, ġew lilhom vjolati d-drittijiet fundamentali tagħhom sanċiti fl-Artikolu 37 u 39 tal-Kostituzzjoni

u fl-artikolu 6 u l-ewwel artikolu protokollari tal-Konvenzjoni Ewropeja kif ukoll fl-artikolu 13 tal-istess Konvenzjoni (l-Ewwel Skeda tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta’ Malta).

**L-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni**

**3.** L-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni jfittex li jiżgura l-protezzjoni tal-liġi lill-individwu billi jeżiġi li “*Kull qorti jew awtorità oħra ġudikanti mwaqqfa b’liġi għad-deċiżjoni dwar l-eżistenza jew l-estensjoni ta’ drittijiet jew obbligi ċivili għandha tkun indipendenti u imparzjali; u meta l-proċeduri għal deċiżjoni bħal dik huma mibdija minn xi persuna quddiem qorti jew awtorità oħra ġudikanti bħal dik, il-każ għandu jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli.*”

**4.** L-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni jfittex l-istess protezzjoni billi jeżiġi li “*Fid-deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu..., kulħadd huwa ntitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b’liġi.*”

**5.** Ir-Rikorrenti jirreklamaw vjolazzjoni ta’ dawn l-artikoli fuq żewġ ilmenti prinċipali: wieħed ibbażat fuq in-nuqqas innifsu ta’ smiegħ xieraq fi żmien raġjonevoli tal-proċeduri istitwiti b’Rikors numru 32/03 (ara premessi 26 sa 28) u l-ieħor ibbażat fuq in-nuqqas ta’ smigħ imparzjali tal-istess proċeduri bil-fatt li dan ma ngħatax lilhom fi żmien raġonevoli (ara premessa 25 u 28).

**L-ILMENT TA' NUQQAS TA' SMIEGĦ XIERAQ FI ŻMIEN RAĠJONEVOLI**

**6.** Iż-żmien raġonevoli tal-proċedimenti huwa wieħed mill-aktar garanziji proċedurali importanti tad-drittijiet fundamentali għall-proċess ġust imnaqqax fl-Artikolu 6 § 1 tal-Konvenzjoni u l-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni.

**7.** L-Artikolu 6 § 1 jobbliga lill-Istati Membri sabiex jorganizzaw is-sistemi legali u ġudizzjarji tagħhom b'mod li l-qrati tagħhom ikunu jistgħu jikkonformaw ma' dan ir-rekwiżit hemm impost. Dan jiġifieri li l-Qrati nazzjonali jkunu kapaċi jiggarantixxu lill-kullħadd id-dritt għal deċiżjoni finali fuq kwistjonijiet ta' drittijiet u obbligi ċivili fi żmien raġonevoli (**Comingersoll S.A. v. Portugal** [GC], § 24; **Lupeni Greek Catholic Parish and Others v. Romania** [GC], § 142).

**8.** Dan l-obbligu japplika wkoll għall-Qrati Kostituzzjonali, għalkemm b'interpretazzjoni differenti tenut kont tal-irwol tagħhom, bħala gwardjani tal-Kostituzzjoni, li jqisu n-natura u l-importanza tal-każ f'termini politiċi u soċjali (**Süssmann v. Germany**, § 56; **Voggenreiter v. Germany** §§ 51-52; **Oršuš and Others v. Croatia** [GC], § 109).

**9.** Kif jingħad fir-*Report of the European Commission on the Efficiency of Justice (CEPEJ)*, b'dan l-obbligu is-sistemi ġudizzjarji ġew tassew mogħtija għan ġdid: li jipproċessaw kull każ "*within an optimum and foreseeable timeframe*" (CEPEJ(2004)19REV2, p. 3).

**10.** F'dan is-sens il-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (QEBD) kemm-il darba saħqet fuq l-importanza li l-ġustizzja tiġi amministrata mingħajr dewmien li jista' jqiegħed l-effettivitá u l-kredibilitá tagħha fil-periklu (**H. v. France, § 58; Katte Klitsche de la Grange v. Italy, § 61; Scordino v. Italy (no 1) [GC], § 224)**. Stat Kontraenti li nstab li vvjola dan ir-rekwiżit frekwentament u ħoloq kumulu ta' vjolazzjonijiet identiċi, ġie kemm-il darba meqjus mill-QEBD bħala Stat li jħaddan prattika inkompatibbli mal-Konvenzjoni. Dan għaliex tali vjolazzjonijiet jirriflettu sitwazzjoni kontinwa li għadha ma ġietx rimedjata u li għalhekk qed iċċaħħad il-partijiet minn rimedju domestiku. Il-QEBD qieset tali ċirkostanza bħala waħda li tikkostitwixxi ksur aggravanti tal-Artikolu 6 § 1 tal-Konvenzjoni (ara **Bottazzi v. Italy [GC], § 22; Scordino v. Italy (no 1) [GC], § 225**).

**11.** Il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (QEDB) kif riflessa fil-ġurisprudenza kostanti tal-Qrati Maltin, stabbilit il-prinċipji li għandhom jiddeterminaw it-tul taż-żmien tal-proċedimenti u l-kriterji indikattivi tar-raġjonevolezza ta' dan it-tul taż-żmien.

<u>Id-determinazzjoni tat-tul taż-żmien tal-proċedimenti</u>

**12.** *Id-dies a quo* tal-kejl tar-raġonevolezza taż-żmien fil-każ ta' proċeduri ċivili huwa d-data li fiha l-ilment jew talba tiġi indirizzata quddiem il-Qorti domestika f'forma preskritta mill-liġi applikabbli (**Poiss v. Austria, § 50; Bock v. Germany, § 35; Portington v. Greece §20**). Ġie iżda aċċettat f'ċertu ċirkostanzi eċċezzjonali li l-perjodu tal-kejl tar-

raġonevolezza taż-żmien għandu jibda jiddekorri qabel id-data li fiha l-applikant jippreżenta l-att li bih jibda l-proċeduri quddiem Qorti kontenzjuża (**Golder v. the United Kingdom, § 32 in fine; Erkner and Hofauer v. Austria, § 64; Vilho Eskelinen and Others v. Finland [GC], § 65**). Dan meta, ad eżempju, azzjoni partikolari tkun teħtieġ li, qabel ma tiġi hekk istitwita, jittieħdu ċerti passi proċedurali preliminari (**Blake v. the United Kingdom, § 40; Nicolae Virgiliu Tănase v. Romania [GC], §§ 207-208, u Koziy v. Ukraine, § 25**) jew ikun hemm impost bħala pre-rekwiżit l-obbligu li tiġi sottomessa applikazzjoni lil xi awtoritá amministrattiva bħal fil-każ tal-artikolu 469 A tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta inkwantu jkun hemm okkażjonijiet fejn l-ewwel għandhom jiġu eżawriti r-rimedji ordinarji li tagħti l-liġi domestika. F'dak il-każ il-perjodu tal-kejl tar-raġonevolezza taż-żmien għandu jinkludi wkoll din il-proċedura amministrattiva preliminari mandatorja (**König v. Germany, § 98; X v. France, § 31; Schouten and Meldrum v. the Netherlands, § 62; Kress v. France [GC], § 90; Siermiński v. Poland § 65**).

**13.** L-Artikolu 6 § 1 jista' jsib applikabbilitá wkoll fi proċeduri li, għalkemm ma humiex kompletament ġudizzjarji fin-natura tagħhom, huma madanakollu marbuta mill-qrib ma' superviżjoni minn korp ġudizzjarju. Dan kien il-każ, pereżempju, fi proċedura għall-qasma ta' patrimonju li tmexxiet fuq bażi mhux kontenzjuża quddiem żewġ nutara, iżda ġiet ordnata u approvata minn qorti (**Siegel v. Franza, §§33-38**). It-tul tal-proċedura

quddiem in-nutara, għalkemm sttrettament wieħed extra-ġudizzjarju, xorta ġie kkunsidrat fil-kalkolu taż-żmien raġonevoli.

**14.** Id-*dies ad quem* ta' dan il-kejl taż-żmien rilevanti huwa l-mument fejn l-ilment in disputa jkun ġie solvut b'sentenza li tkun definittiva, finali u eżegwita/enforzata (**Poiss v. Austria, § 50; Blake v. the United Kingdom §40**). Dan iż-żmien għalhekk ikopri wkoll l-istadju tal-appell (**König v. Germany, § 98 in fine; Kudła v. Poland §122**) u ma jeskludix l-istadji sussegwenti s-sentenza fuq il-mertu (**Robins v. the United Kingdom, §§ 28-29**). Jekk qorti tiddeċiedi li tikkunsidra t-talbiet tal-attur separatament, it-tmiem tal-proċeduri ċivili ġie determinat bħala dak il-mument fejn it-talbiet kollha jkunu ġew ikkunsidrati (**Makarova v. Russia** § 35; **Silva Pontes v. Portugal §33**).

**15.** L-eżekuzzjoni ta' sentenza mogħtija minn qorti hija meqjusa bħala parti integrali tal-proċeduri għall-finijiet ta' kalkolu taż-żmien rilevanti fit-termini tal-Artikolu 6 (**Martins Moreira v. Portugal**, § 44; **Silva Pontes v. Portugal**, § 33; **Di Pede v. Italy**, **§ 24; Hornsby v. Greece §40)**. Iż-żmien ma jieqafx għaddej sakemm id-dritt asserit fil-proċeduri jsir effettiv (**Estima Jorge v. Portugal, §§ 36-38**). Proċeduri quddiem Qorti Kostituzzjonali jistgħu jittieħdu in konsiderazzjoni fejn, għalkemm ma jkolliex ġurisdizzjoni biex tiddeċiedi fuq il-mertu, is-sentenza mogħtija minnha taffettwa r-riżoluzzjoni tat-tilwima pendenti quddiem qrati ordinarji (**Deumeland v. Germany, § 77; Pammel v. Germany, §§ 51-57; Süssmann v. Germany, § 39**).

**16.** Fil-każ ta' ntervent ta' terzi fi proceduri ċivili, issir distinzjoni skont jekk it-terz in kwistjoni intervjeniex fil-proceduri domestiċi f'ismu stess jew bħala werriet. Fil-każ tal-ewwel, il-perjodu għandu jiġi kkunsidrat li jibda jiddekorri mid-data li fiha t-terz intervjena fil-proċeduri. Fil-każ tat-tieni, it-terz jista', fil-kwalitá tiegħu ta' werriet, jilmenta dwar it-tul kollu tal-proċeduri (**Scordino v. Italy (no. 1) [GC], § 22**0).

Determinazzjoni tar-raġonevolezza taż-żmien

**17.** Kif ġie kemm il-darba affermat, ir-raġjonevolezza taż-żmien meħud fis-smigħ ta' kawża għandu jiġi determinat f'kull każ speċifiku fid-dawl taċ-ċirkostanzi kollha tiegħu "*magħdudin flimkien b'effett kumulattiv*" u globali (**Anton Camilleri vs Avukat Generali, Qorti Kostituzzjonali, 1 ta' Frar 2016; (Frydlender v. France [GC], § 43); Obermeier v. Austria, § 72; Comingersoll S.A. v. Portugal [GC], § 23; Nicolae Virgiliu Tănase v. Romania [GC], § 214**).

**18.** Tabilħaqq il-proċeduri kollha għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni (**König v. Germany, § 98 in fine**). Ċertu tul fi stadji differenti tal-proċeduri jista', fih innifsu, ma jitqiesx bħala irraġonevoli. Iżda meta meqjus komplessivament u b'mod kumulattiv, jista' jirriżulta in eċċess tar-rekwiżit taż-żmien raġonevoli sanċit fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni (**Deumeland v. Germany, § 90; Satakunnan Markkinapörssi Oy and Satamedia Oy v. Finland [GC], §§ 210-11). Dewmien fi stadju partikulari tal-proċeduri**

**jista' jkun permissibli sakemm it-tul kollu tal-proċedimenti ma jkunx eċċessiv (Pretto and Others v. Italy, § 37**).

**19.** Ġie stabbilit li dan ir-rekwiżit ta' żmien raġonevoli sanċit fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni m'għandux jimmina l-prinċipju ġenerali tal-amministrazzjoni xierqa tal-ġustizzja, wkoll stabbilit b'dan l-artikolu. Għandu għalhekk jintlaħaq bilanċ ġust bejn id-diversi aspetti varji ta' dan ir-rekwiżit fundamentali (**Boddaert v. Belgium ċitata supra § 39; ara wkoll Raymond Bonnici et vs Avukat Generali, Qorti Kostituzzjonali, 2 ta' Marzu 2015, para 27**).

**20.** Sabiex jiġi żgurat dan il-bilanċ, fil-kejl tagħha tar-raġjonevolezza taż-żmien il-Qorti Ewropea, u bl-istess mod il-Qrati tagħna, konsistentement qieset iċ-ċirkostanzi individwali u partikolari tal-każ fid-dawl ta' erba' kriterji ġenerali (ara fost ħafna oħrajn **Kurzac v. Poland § 30; Comingersoll S.A. v. Portugal [GC]; Frydlender v. France [GC], § 43; Sürmeli v. Germany [GC], § 128; Lupeni Greek Catholic Parish and Others v. Romania [GC], § 143; Nicolae Virgiliu Tănase v. Romania [GC], § 209**). Dawn huma:

(i) il-kumplessità tal-każ;

(ii) il-kondotta tal-parti li qed tilmenta;

(iii) il-kondotta tal-awtorijiet kompetenti, jiġifieri l-azzjonijiet tal-qorti in kwistjoni u tal-awtoritajiet governattivi oħra involuti fil-proċess;

(iv) l-importanza tal-każ għall-attur;

Il-Kumplessitá tal-każ

**21.** Il-kumplessitá tal-każ tista' tinsorġi kemm minħabba kwistjoniijiet fattwali u proċedurali kif ukoll minħabba kwistjonijiet legali (**Katte Klitsche de la Grange v. Italy, § 55; Papachelas v. Greece [GC], § 39**). Każ jitqies fattwalment u/jew proċeduralment kumpless meta jinvolvi numru kbir ta' partijiet (**H. v. the United Kingdom, § 72**) jew il-produzzjoni ta' volum kbir ta' provi u/jew numru kbir ta' smiegħ ta' xhieda (**Humen v. Poland [GC], § 63**) jew ikun jenħtieġ numru kbir ta' rapporti peritali (**Nicolae Virgiliu Tănase v. Romania [GC] (§ 210**). Każ jitqies legalment kumpless minħabba nuqqas ta' preċedent fuq livell nazzjonali, jew il-ħtieġa li tintalab deċiżjoni mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewopea (QtĠ) dwar kwistjonijiet relatati mal-interpretazzjoni tal-liġi Ewropea (**Satakunnan Markkinapörssi Oy and Satamedia Oy v. Finland** [**GC], § 212**). Ġie stabbilit ukoll li anki jekk il-każ fih nnifsu ma jkunx partikolarment kumpless, in-nuqqas ta' kjarezza u prevedibbiltá fil-liġi jista' wkoll jagħmel l-eżami diffiċli u deċiżivament jikkontribwixxi għad-dewmien tal-proċeduri (**Lupeni Greek Catholic Parish and Others v. Romania [GC], § 150**).

**22.** Il-QEBD irrikonoxxiet li każijiet kumplessi jenħtieġu aktar żmien biex jiġu konklużi (**Tierce v. San Marino § 31**). Hija madanakollu stqarret li l-kumplessitá fiha nnifisha mhux neċessarjament tiġġustifika proċedimenti twal li xorta jistgħu jwasslu għal vjolazzjoni tar-rekwiżit taż-żmien raġjonevoli (**Matoń vs Poland**, **QEBD, 9 ta' Ġunju 2009, §30; Rutkowski**

**and Others v. Poland, QEBD, 7 ta' Lulju 2015, § 137**). Difatti fil-każ **Cipolletta v. Italy** il-QEBD, għalkemm għarfet il-kumplessitá ta' proċeduri ta' insolvenza, sabet li tul ta' madwar ħamsa u għoxrin sena u sitt xhur ma jissodisfax ir-rekwiżit ta' "żmien raġonevoli" (ara §44). Tabilħaqq il-kumplessitá waħidha tal-każ ma twassalx sabiex kwalunkwe dewmien jitqies bħala raġonevoli (**Ferrantelli u Santangelo vs Italy, QEBD, 7 ta' Awwissu 1996, § 42**).

<u>Il-kondotta tal-parti li qed tilmenta</u>

**23.** Il-QEBD tikkonsidra li l-persuna konċernata hija meħtieġa biss li turi diliġenza fit-twettiq tal-każ tagħha, li żżomm lura milli tuża tattiċi ta' dewmien u li tużuffruwixxi ruħha mill-azzjonijiet disponibbli fil-liġi domestika għat-tqassir tal-proċeduri. Iżda ma hija taħt l-ebda dmir li tieħu azzjoni li ma hiex adattata għal dak il-għan (**Unión Alimentaria Sanders SA vs Spain, QEBD, 7 ta' Lulju 1989, § 35**).

**24.** L-Artikolu 6§1 ma jeħtieġx li l-parti li qed tilmenta tikkopera b'mod attiv ma' l-awtoritajiet ġudizzjarji biex tħaffef il-proċeduri. Lanqas ma titqies responsabbli għad-dewmien fejn tkun għamlet użu sħiħ mir-rimedji domestiċi disponibbli għaliha (**Erkner and Hofauer v. Austria § 68**) jew minħabba l-konsegwenzi marbuta mal-kundizzjoni medika tagħha (**Nicolae Virgiliu Tănase v. Romania [GC], § 211**). Ġie stabbilit iżda li tali kondotta, għalkemm ma titfax ħtija fuq l-parti konċernata għad-dewmien kawżat, "<u>*għandha jkollha relevanza għal-likwidazzjoni tal-kumpens lilhom*</u>

*<u>dovut</u>*" (**Iris Cassar et vs. Avukat Ġenerali, Qorti Kostituzzjonali, 27 ta' Marzu 2015**).

**25.** L-awtoritajiet nazzjonali min-naħa tagħhom lanqas ma jistgħu jinżammu responsabbli għal-dewmien ikkawżat b'riżultat ta' dan l-aġir (**Nicolae Virgiliu Tănase v. Romania [GC], § 211**). Tabilħaqq, il-kondotta tal-parti li qed tilmenta għandha tiġi kkunsidrata fid-determinazzjoni tar-rekwiżit taż-żmien raġjonevoli impost fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni għaliex tikkostitwixxi fatt oġġettiv li l-istat m'għandux kontroll fuqha u li għalhekk ma jistax jiġi attribwit lilu (**Poiss v. Austria** § 57; **Wiesinger vs Austria** § 57; **Humen v. Poland** [GC], § 66).

**26.** <u>Ġie iżda stabbilit li l-istat ma jistax jinqeda bl-imġieba tal-applikant sabiex jiġġustifika perjodi ta' inattività</u>. Huwa meħtieġ għalhekk li l-kondotta tal-qrati f'dan ir-rigward tiġi analizzata. Dan jiġifieri li jiġu eżaminati l-azzjonijiet u l-miżuri li ħadu l-Qrati sabiex iħeġġu l-partijiet fil-proċeduri iwettqu b'mod attiv id-dmirijiet proċedurali tagħhom. **<u>Il-QEBD irriteniet f'iktar minn okkażjoni waħda li l-Qrati domestiċi ma jistgħux jibqgħu indifferenti għall-abbuż mill-partijiet tad-drittijiet proċedurali u dewmien persistenti fil-proċeduri: l-attitudni tal-partijiet ma teżonerax lill-Qrati mid-dmir tagħhom li jiżguraw is-smiegħ xieraq tal-proċess ġudizzjarju għeluq żmien raġonevoli impost fl-artikolu 6 § 1</u>** (**Pafitis and Others v. Greece** § 93; **Tierce v. San Marino** § 31; **Sürmeli v. Germany** [GC] § 129; **Guincho v. Portugal** §32; **Buchholz v. Germany**

§50; **Capuano v. Italy** §§24-25; **Baraona v. Portugal** §48; **Martins Moreira v. Portugal** §46; **Neves e Silva v. Portugal** §43; **Union Alimentaria Sanders S.A. v. Spain** §§34; **Vernillo v. France** §30; **Scopelliti v. Italy** §25; **Ciricosta and Viola v. Italy** §30; **Mincheva v. Bulgaria** § 68) (ara t-tielet kriterju aktar l-isfel).

**27.** Kif ritenut, "*filwaqt li l-Istat ma jaħtix ta' ksur ta' d-dritt għal smigħ xieraq minħabba l-għamil jew dewmien imnissel mill-parti li kontra tagħha l-applikant iressaq proċeduri ċivili, jew minħabba n-nuqqas ta' tħabrik minn avukat maħtur għall-applikant ukoll jekk bil-benefiċċju tal-għajnuna legali, "in non-criminal cases, States have been held responsible for delays in civil and administrative courts in performing routine registry tasks, in the conduct of the hearing by the court... and for delays caused by lack of co-ordination between administrative authorities*" *(Harris, O'Boyle & Warbrick Op. cit., paġ. 225)*" (**Nicholas Debono et vs Re[istratur Prinċipali tal-Qrati tal-Ġustizzja et, Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali), 29 ta' April 2003**);

**28.** Eżempji li jikkonċernaw il-kondotta tal-parti li qed tilmenta jinkludu s-segwenti:

a. nuqqas ta' ħeġġa mill-partijiet biex jippreżentaw is-sottomissjonijiet tagħhom. Dan in-nuqqas ġie meqjus bħala kontributur deċiżiv għad-dewmien fil-proċeduri (**Vernillo v. France**, § 34);

b. bidliet frekwenti u ripetuti tal-avukat difensur (**König v. Germany**, §103);

c. talbiet jew omissjonijiet li jħallu impatt fuq it-tmexxija tal-proċeduri (**Acquaviva v. France** § 61);

d. nuqqas ta' diliġenza fil-passi proċedurali meħuda (**Keaney v. Ireland**, § 95);

e. tentattivi biex tiġi żgurata transazzjoni tal-kawża barra l-Qorti (*out-of-court settlement*) (**Pizzetti v. Italy**, § 18; **Laino v. Italy** [GC], § 22);

f. proċeduri istitwiti erronjament quddiem qorti nieqsa mill-ġurisdizzjoni (**Beaumartin v. France**, § 33);

g. litigazzjoni kontenzjuża esternata bil-preżentata ta' għadd konsiderevoli ta' rikorsi bi pretensjonijiet addizzjonali (**Pereira da Silva v. Portugal**, §§ 76-79).

<u>Il-kondotta tal-awtoritajiet kompetenti</u>

**29.** L-istat huwa responsabbli għall-awtoritajiet kollha tiegħu: <u>**mhux biss għall-organi ġudizzjarji, iżda għall-istituzzjonijiet pubbliċi kollha**</u> (**Martins Moreira v. Portugal**, § 60). Dewmien attribwibbli lill-Istat biss jiġġustifika sejbien ta' vjolazzjoni tal-artikolu 6 § 1 minħabba nuqqas ta' konformitá mar-rekwiżit taż-żmien raġonevoli (**Buchholz v. Germany** §49; **Papageorgiou v. Greece** § 40; **Humen v. Poland** [GC], § 66).

**30.** Kif sewwa rriteniet il-**Qorti Kostituzzjonali fil-kawża John Bugeja vs L-Avukat Generali et, 11 ta' Awwissu 2003**,

"*d-dritt fundamentali ta' l-individwu li jkollu l-kawza tieghu mismugha u finalizzata eghluq iz-zmien ragonevoli, jimponi tassattivament fuq l-istat, li jrid josserva s-Saltna tad-Dritt, l-obbligu li jkollu fis-sehh sistema efficjenti t' amministrazzjoni tal-gustizzja. Il-gudikatura tifforma t-tielet kolonna li fuqha hu mibni l-istat. Fis-sistema taghna, huma z-zewg kolonni l-ohra ta' l-istat, cjoe` l-ezekuttiv u l-legislattiv, li ghandhom obbligu li jipprovdu r-rizorsi, l-istrutturi u l-ghodod l-ohra kollha necessarji biex il-Qrati jkunu f' pozizzjoni li jwettqu l-gustizzja fi zmien ragonevoli.*

*Il-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem dejjem ghallmet li l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni: "…. imposes on the Contracting States the duty to organise their juridical system in such a way that the Courts can meet the requirements of this provision* ***Salesi vs Italy*** *(26/02/1993). It wishes to reaffirm the importance of administerting justice without delays which might prejudice its effectiveness and credibility* ***Katte Klitsche de la Grange vs Italy*** *(27/10/1994) – (ara A.P. vs Italy 28/07/1999 Application 35265/97 – para. 18).*" (emfażi u sottolinear ta' din il-Qorti) (ara wkoll **Von Maltzan and Others v. Germany** (dec.) [GC], § 132).

**31.** Ġie madanakollu stabbilit li "*Dewmien li jista' jiġi attribwit għall-istat jeħtieġ li jitqies (QEDB, Buchholz vs Germany paragrafu 49. Ara wkoll QEDB, Yagtzilar u oħrajn vs Il-Greċja, Nru 41727/98, is-6 ta' Diċembru 2001), iżda l-attribuzzjoni tar-responsabbiltà għandha tkun ikkunsidrata bir-reqqa. Pereżempju, dewmien fil-proċedimenti li jirriżulta mir-riferiment ta' mistoqsija lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea għal deċiżjoni*

*preliminari mhuwiex ħtija tal-istat (QEDB, Pafitis u oħrajn vs Il-Greċja, Nru 20323/92, 26 ta' Frar 1998, paragrafu 95). Madankollu, ir-responsabbiltà ewlenija għall-preparament ta' każ u għat-tmexxija mgħaġġla tas-smigħ tal-kawża taqa' taħt l-imħallef (QEDB, Capuano vs L-Italja, Nru 9381/81, 25 ta' Ġunju 1987, paragrafi 30-31).* [Difatti ġie stabbilit li r-responabbilitá ta' dewmien kaġunat minn differimenti ħabba nuqqas ta' attendenza tal-persuni rilevanti (bħal xhieda, ko-akkużati u rappreżentanti legali) taqa' fuq il-Qrati nazzjonali (**Tychko v. Russja**, **§ 68; ara wkoll Andrew Ellul Sullivan et vs L-Avukat Ġenerali tar-Repubblika et, Qorti Kostituzzjonali, 18 ta' Ġunju 2008**). Ġie stabbilit ukoll, kif ġia ingħad fil-kunsiderazzjoni tal-kriterju preċedenti, li l-attitudni passiva tal-partijiet ma jeħlisx lill-Qrati mill-obbligu li jiżguraw is-smiegħ tal-proċess ġudizzjarju għeluq żmien raġonevoli kif rikjest fl-artikolu 6 § 1 (ara sentenzi ġia ċitati supra). L-istess huwa l-każ għad-dewmin kawżat mill-ħtieġa ta' perizja teknika: "*minkejja l-apatija tal-partijiet infushom u tal-bosta periti li gew mahtura tul is-snin f'dawn il-kawzi, kien il-poter-dover tal-Qorti illi tizgura li tali dewmien ma jigix permess. Kif spiss sahqu l-qrati taghna, fl-ahhar mill-ahhar id-dmir jibqa' tal-Qorti li ma tippermetti lil hadd mill-partijiet, inkluzi d-difensuri, li jabbuzaw mill-process gudizzjarju u fl-istess waqt tizgura li l-periti gudizzjarji jaqdu dmirijiethom fi zmien ragjonevoli minghajr il-htiega li toqoghod tistenna lill-partijiet biex jattirawlha l-attenzjoni (PA Joseph Gatt et v. L-intimat, 29/07/2013 [deciza mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Frar 2014)*" (**Zakkarija Calleja vs. Avukat Ġenerali, Qorti Kostituzzjonali, 29 ta'**

**Lulju 2013; ara wkoll Capuano v. Italy §§ 30-31; Versini v. France § 29; Sürmeli v. Germany [GC], § 129)**]. *Il-QEDB sabet li bidliet ripetuti tal-imħallef "ma jistgħux jeżoneraw l-Istat, li huwa responsabbli sabiex jiżgura li l-amministrazzjoni tal-ġustizzja tkun organizzata sew" (QEDB, Lechner u Hess vs L-Awstrija, Nru 9316/81, 23 ta' April 1987, paragrafu 58). Bl-istess mod, "tagħbija żejda kronika" ta' każijiet ma tiġġustifikax proċedimenti eċċessivament twal (QEDB, Probstmeier vs Il-Ġermanja, Nru 20950/92, 1 ta' Lulju 1997, paragrafu 64).* ***L-istat huwa responsabbli għall-awtorita-jiet tal-istat kollha – mhux biss il-qrati*** *(498 QEDB, Martins Moreira vs Il-Portugall, Nru 11371/85, 26 ta' Ottubru 1988, paragrafu 60.)* [Ladarba huwa fuq l-Istati Membri li jorganizzaw is-sistemi legali tagħhom b'tali mod li jiggarantixxu d-dritt għal deċiżjoni finali fi żmien raġoevoli, l-eżistenza ta' ammont eċċessiv ta' xogħol ma jistax jittieħed in konsiderazzjoni (**Vocaturo v. Italy** § 17, **Cappello v. Italy** § 17)]... [Madanakollu,] *Xogħol tal-qorti pendenti temporanju ma jiskattax ir-responabbiltà tal-istat jekk jieħu azzjoni korrettiva immedjata, xierqa sabiex tipprova tirrisolvi l-problema (*QEDB, *Probstmeier vs Il-Ġermanja,* Nru 20950/92, 1 ta' Lulju 1997, paragrafu 64*)* [ara wkoll **Buchholz v. Germany** § 51]*. Sabiex jiġi megħlub l-ammont ta' xogħol pendenti, l-Istati jistgħu jadottaw miżuri provviżorji, bħall-għażla li jindirizzaw il-kawżi f'ordni partikolari (Milasi vs L-Italja, Nru 10527/83, il-25 ta' Ġunju 1987, paragrafu18).* [Eżempju ta' dan huwa meta jiġu indirizzati l-kawżi skont il-prioritá, l-urġenza u l-importanza tagħhom, b'mod partikolari x'ikun hemm involut għal persuni konċernati.]

*Madankollu, jekk dawn l-azzjonijiet temporanji jonqsu milli jaħdmu, l-Istati jridu jadottaw miżuri iżjed effettivi sabiex tiġi indirizzata l-problema (QEDB, Zimmermann u Steiner vs L-Isvizzera, Nru 8737/79, 13 ta' Lulju 1983, paragrafu29)* [ara wkoll **Guincho v. Portugal** § 40]*. L-Istati għandhom ifittxu modi sabiex jiġu żgurati li s-sistemi ġudizzjarji tagħhom ma joħolqux dewmien fil-proċedimenti.*" (Manwal dwar id-dritt tal-Unjoni relatat mal-aċċess għall ġustizzja, paġna 150-151; parenteżi ta' din il-Qorti).

**32.** Tabilħaqq, il-fatt li tali sitwazzjonijiet ta' *backlog* saru komuni, ma jistgħax jiġġustifika t-tul eċċessiv tal-proċeduri (**Unión Alimentaria Sanders S.A. v. Spain** § 40). Barra minn hekk, l-introduzzjoni ta' riforma mmirata biex tħaffef id-determinazzjoni tal-każijiet lanqas ma jista' jiġġustifika dewmien għaliex l-Istat xorta jkun qiegħed jonqos mid-dover tiegħu li jorganizza d-dħul fis-seħħ u l-implimentazzjoni ta' dawn il-miżuri b'mod li jevitaw dan id-dewmien f'kawżi pendenti (**Fisanotti v. Italy** § 22). F'dak ir-rigward, l-adegwatezza jew le tar-rimedju domestiċi introdotti minn Stat Membru biex jipprevjeni jew jipprovdi rimedju għall-problema ta' proċeduri eċċessivament twal għandhom jiġu vvalutati fid-dawl tal-prinċipji stabbiliti mill-Qorti (**Scordino v. Italy** (no. 1) [GC], §§ 178 et seq. and 223).

**33.** L-istat inżamm ukoll responsabbli għan-nuqqas ta' konformitá mar-rekwiżit ta' żmien raġonevoli f'dawn il-każijiet:

a. fejn kien ammont eċċessiv ta' attivitá ġudizzjarja li ffokat biss fuq l-istat mentali tal-applikant għal aktar min disa' snin (Bock v. Germany § 47);

b. Strajk minn membri tal-Kamra tal-Avukati. Għalkemm minnu nnifsu dan ma rrendix Stat Membru responsabbli għar-rigward tar-rekwiżit taż-żmien raġonevoli, l-isforzi magħmula mill-Istat biex inaqqas kwalunkwe dewmien riżultanti minn dan l-istrike ġew kkunsidrati sabiex jiġi determinat jew dan ir-rekwiżit ġiex osservat (**Papageorgiou v. Greece** § 47).

c. Għalkemm ma hijiex il-funzjoni tal-Qorti li tanalizza l- mod li bih il-qrati nazzjonali nterpretaw u applikaw il-liġi domestika, ġie meqjus li t-tħassir min qrati superjuri ta' deċiżjonijiet ta' qrati inferjuri u r-rinviju tal-każ lura lilhom huwa ġeneralment dovut għall-iżbalji mwettqa mill-istess qrati inferjuri. Ir-ripetizzjoni ta' sentenzi konsegwenza ta' dawn l-iżbalji tindika nuqqas fis-sistema ġudizzjarja (**Lupeni Greek Catholic Parish and Others v. Romania** [GC], § 147).

**34.** Jista' jirriżulta minn eżami komplessiv tal-proċeduri kollha li, l-awtoritajiet nazzjonali, għalkemm ikunu tqiesu responsabbli għal ċerti difetti proċedurali li kkawżaw dewmien fil-proċedimenti, jkunu xorta kkonformaw mad-dmir tagħhom li jisimgħu il-każ egħluq iż-żmien raġonevoli skont l-Artikolu 6 (**Nicolae Virgiliu Tănase v. Romania** [GC], § 211).

**35.** Il-kondotta ta' Qorti Kostituzzjonali wkoll tiġi eżaminata billi, kif ġia ingħad, hija wkoll marbuta bl-obbligu mpost fl-artikolu 6§1, għalkemm b'interpretazzjoni differenti. Għal eżempju ta' proċeduri irraġonevolent twal

quddiem qorti kostituzzjonali, ara s-sentenza **Project-Trade d.o.o. v. Croatia**, §§ 101-102.

X'hemm involut għall-persuna li qed tilmenta

**36.** Ċerti fatturi partikolari li jinvolvu lill-applikant jistgħu jenħtieġu l-applikazzjoni ta' standards iktar rigorużi biex jiġi assigurat li l-proċeduri jingħataw prijoritá, jiġu trattati b'urġenza u ndirizzati b'iżjed ħeffa.

**37.** Għandu għalhekk jitqies jekk l-awtoritajiet applikawx din id-diliġenza speċjali fil-konsiderazzjoni tar-raġonevolezza tat-tul tal-proċeduri (**Abdoella v. the Netherlands** ċitata supra § 24; **Starokadomskiy v. Russia (no. 2)**, 13 ta' Marzu 2014, §§ 70-71).

**38.** Każijiet fejn ġie stabbilit li kellu jiġi applikat diliġenza speċjali minħabba dak li kien hemm involut għal persuna li qed tilmenta jinkludu s-segwenti:

1. fejn l-applikant huwa afflit b'mard ta' theddid għal ħajja u/jew etá avvanzata (***X vs France*** §§ 45 u 47; **Pailot v. France** § 68; **A. and Others v. Denmark** §§ 78-81);
2. każijiet li jikkonċernaw it-tfal bħal kustodja (**Hokkanen vs Finland** § 72; **Niederböster v. Germany** § 39) jew rimozzjoni illeċta ta' minuri minħabba li d-dewmien jista' effettivament jiddetermina l-eżitu tal-każ (**Hoholm vs Slovakia** § 51). Dan speċjalment fejn it-trapass ta' żmien jikkaġuna konsegwenzi irriversibli fir-relazzjoni bejn il-ġenitur u l-wild (**Tsikakis v. Germany** §§ 64 and 68). Każijiet li jikkonċernaw

ir-responsabbilitá tal-ġenituri u d-drittijiet ta' aċċess ukoll jitolbu spedizzjoni partikolari (**Paulsen-Medalen and Svensson v. Sweden** § 39; **Laino v. Italy** [GC] § 22).

3. kawżi li jikkonċernaw tilwim relatat ma' pensjonijiet (**Borgese v. Italy** § 18)), inkluż pensjoni ta' disabilitá (**Mocié v. France** § 22) jew ma' mpjieg (**Vocaturo vs Italy** § 17; **Bauer vs Slovenia** §19; **Ruotolo v. Italy** § 17; u **Frydlender v. France** [GC] § 45) – bħal jekk il-kwistjoni involuta tirrigwarda aċċess għal professjoni liberali (**Thlimmenos v. Greece** [GC] §§ 60 u 62), l-għajxien professjonali kollu tal-applikant (**König v. Germany** § 111), il-kontinwazzjoni tal-okkupazzjoni tal-applikant (**Garcia v. France** § 14), appell kontra tkeċċija (**Buchholz v. Germany** § 52; **Frydlender v. France** [GC] § 45), is-sospensjoni tal-applikant (**Obermeier v. Austria** § 72), *transfers* (**Sartory v. France** § 34) jew *reinstatements* (**Ruotolo v. Italy** § 117), jew fejn l-ammont mitlub huwa ta' importanza vitali għall-applikant (**Doustaly v. France** § 48).
4. kawżi li jikkonċernaw stat ċivili, bħal dawk għal dikjarazzjoni jew ċaħda ta' paternitá (**Mikulić vs Croatia** § 44; **Bock v. Germany** § 49; **Laino v. Italy** [GC] § 18).
5. Ilmenti mressqa minn individwi li jallegaw li ġew soġġetti għal vjolenza minn uffiċjali tal-pulizija (**Caloc v. France** § 120).
6. Azzjonjiet ta' danni riżultanti minn ħsara fiżika fuq persuna ta' etá avvanzata (**Codarcea v. Romania** § 89).

7. Azzjoni rigwardanti l-ħarisen tad-dritt tal-edukazzjoni (**Oršuš and Others v. Croatia** [GC] § 109).

**39.** Minn naħa l-oħra ġie stabbilit li ma kienetx meħtieġa diliġenza speċjali f'proċeduri għad-danni mġarrba konsegwenza ta' inċident tat-traffiku (**Nicolae Virgiliu Tănase v. Romania** [GC], § 213).

Meta issir valutazzjoni globali u ġenerali

**40.** Ġie stabbilit li meta, wara analiżi ta' kull wieħed mill-erba kriterji deskritti hawn fuq, jibqa impossibbli li jiġi konkluż jekk iż-żmien raġonevoli ta' proċedimenti kienx osservat f'każ speċifiku, jista' jiġi applikat kriterju addizzjonali. Dan huwa l-evalwazzjoni globali tat-tul kollu tal-proċedimenti fil-każ tenut kont tal-kriterji kollha eżaminati (**Obermeier v. Austria** § 72; **Manzoni v. Italy** § 18; **Laghouati and Others v. Luxembourg** § 33).

**41.** Ġie stabbilit ulterjorment li f'każ li l-kriterji għal valutazzjoni tar-raġonevolezza taż-żmien fi proċeduri ċivili jkunu intimament relatati, il-Qorti tagħmel ukoll valutazzjoni ġenerali (**Konig v. the Federal Republic of Germany (merits)** §§105 and 111; **Buchholz v. the Federal Republic of Germany** §63; **Zimmermann and Steiner v. Switzerland** §32; **Pretto and others v. Italy** §37; **Guincho v. Portugal** §41);

**42.** Għalhekk, l-imġieba tal-partijiet tista' żżid il-kumplessitá tal-proċeduri filwaqt li s-sinjifikat tal-eżitu għall-applikant jimmerita diliġenza speċjali eżerċitata mill-awtoritajiet. F'xi każijiet ċertu dewmien sostanzjali ġie perċepiet bħala normali. Madanakollu fil-valutazzjoni ġenerali tagħha il-

Qorti sabet ksur taż-żmien raġonevoli sanċit fl-artikolu 6 § 1 meta ħadet in konsiderazzjoni is-segwenti:

a. It-tul tal-proċedimenti, meqjus fih innifsu u b'mod ġenerali, speċjalment jekk il-Gvern konvenut ma pprovda l-ebda spjegazzjoni (**Obermeier v. Austria** §72 Editions; **Periscope v. France** §44; **Messina v. Italy** §28; **Darnell v. the United Kingdom** §21; **Allenet de Ribemont v. France** §57);
b. L-istat konċernat jirrikonoxxi li huwa fit-tort (**Darnell v. the United Kingdom** §20);
c. Eżitu tal-proċedimenti, għallinqas fil-każ ta' *out-of-court settlement* (**Cormio v. Italy** §§16-17);
d. Il-proporzjon tat-tul kollu tal-proċedimenti tal-każ man-numru tal-istanzi tal-qrati li quddiemhom il-każ ġie mistħarreġ (**Cesarini v. Italy** §20 (tliet istanzi); **Salerno v. Italy** §21 (tliet istanzi); **Abdoella v. the Netherlands** §22 (ħames istanzi); **Olsson v. Sweden (No. 2)** §§105 and 106 (tliet istanzi); **Raimondo v. Italy** §44 (żewġ istanzi) **Vendittelli v. Italy** §29; **Hokkanen v. Finland** §72 (tliet istanzi);
e. Dewmien riżultanti minn difetti proċedurali minkejja li l-awtoritajiet nazzjonali setgħu baqgħu attivi matul il-proċeduri kollha (**Nicolae Virgiliu Tănase v. Romania** [GC], § 213);
f. Ġie wkoll stabbilit bħala mhux aċċettabli proċeduri milquta b'perjodi twal ta' staġnar bla ma tiġi mogħtija ebda spjegazzjoni (**Beaumartin v. France**, § 33).

**43.** L-istudju mis-CEPEJ dwar id-dewmien tal-proċeduri kif ibbażata fuq il-ġurisprudenza tal-QEBD jagħtu linji gwida fuq dan ir-rekwiżit ta' żmien raġonevoli.

**44.** Ġie ritenut li, fil-prinċipju, sena għal kull istanza tal-qorti tista' titqies bħala żmien raġonevoli (**Obasa v. the United Kingdom** § 35). Anke sena u nofs ġie meqjus bħala żmien raġonevoli (**Satakunnan Markkinaporssi Oy and Satamedia Oy v. Finland** § 88). Id-durata taż-żmien sa sentejn għal kull stadju ta' ġurisdizzjoni f'każijiet mhux kumplessi ġeneralment tqiesu bħala raġonevoli. Fejn il-proċeduri damu iktar min sentejn, il-QEBD teżamina l-każ bi skrutinju sabiex tiddetermina jekk kienx hemm raġunijiet oġġettivi għal dan id-dewmien, bħal kumplessita tal-każ jew jekk l-awtoritajiet nazzjonali wrewx diliġenza fil-proċedimenti. F'każijiet kumplessi, il-QEBD tippermetti żmien itwal, iżda tagħti attenzjoni speċjali għal perjodi ta' inattivitá li huma b'mod ċar eċċessivi. **L-itwal ħin aċċettat mill-Qorti huwa madankollu rarament aktar minn ħames snin u kważi qatt aktar minn tmien snin ta' dewmien. Fil-każijiet meqjusa bħala ta' prijoritá li fihom kwistjoni partikolari hija f'riskju, il-Qorti ddevjat mill-pożizzjoni ġenerali, u sabet ksur anke jekk il-każ dam inqas minn sentejn f'kull stadju tal-proċeduri. Dan bħal fil-każ fejn l-istat ta' saħħa tal-applikant hija kritika jew fejn id-dewmien jista' jkollu konsegwenzi irreparabbli għall applikant. L-uniċi każijiet li fihom il-Qorti ma sabitx ksur minkejja t-tul manifestamet eċċessiv tal-proċeduri kienu każijiet fejn l-imġieba ta' l-applikant kienet fattur**

**ewlieni** (*European Commission for the Efficiency of Justice (CEPEJ): Length of court proceedings in the member states of the Council of Europe based on the case law of the European Court of Human Rights(CEPEJ(2018)26*).

## L-ILMENT TA' NUQQAS TA' SMIGĦ IMPARZJALI BIL-FATT LI S-SMIEGĦ TAR-RIKORS NUMRU 32/03 MA NGĦATAX FI ŻMIEN RAĠJONEVOLI

**45.** Ir-Rikorrenti jippremettu li, bid-dewmien eċċessiv li ħa biex jistitwitixxi u jistrada dawn il-proċeduri, l-Istat ippermetta lilu nnifsu li, b'applikazzjoni retroattiva, jemenda l-artikolu 23(4) tal-Kap. 136 u l-artikolu 12(3) fil-Kap. 88 bil-mod ġia fuq deskritt (ara premessa 25 u 28). Ir-Rikorrenti jsostnu li b'dan il-mod l-Istat "*biddel il-parametri ossia l-binarji li fuqhom kellha suppost timxi l-kawża...b'mod detrimentali għall-esponenti ... u ... sostanzjalment favur l-Istat.*" (ara premessa numru 25). B'hekk "*ma baqgħax iseħħ l-equality of arms hemm neċessarju skont ir-rule of law*" b'dana illi l-proċeduri ġew reżi mparzjali (ara pemessa numru 28).

**46.** Il-ġurisprudenza tal-QEBD tqis bħala kwistjoni ta' prinċipju li, fid-determinazzjoni tad-drittijiet u l-obbligi ċivili tiegħu, l-litigant għandu jkun intitolat għal smigħ imparzjali minn Tribunal kompetenti. Il-QEBD dejjem emfażizzat il-post prominenti li għandu f'soċjetá demokratika d-dritt għal smigħ imparzjali garantit taħt il-Konvenzjoni. Tali garanzija ġiet fil-fatt

minnha meqjusa bħala waħda mill-prinċipji fundamentali ta' kull soċjetá demokratika, fis-sens tal-istess Konvenzjoni (**Stanev v. Bulgaria** [GC], 2012, § 231; **Airey v. Ireland**, 1979, § 24; **Pretto and Others v. Italy**, 1983, § 21).

**47.** Il-QEBD rriteniet li d-dritt għal smigħ imparzjali għandu jiġi interpretat fid-dawl tal-Preambolu tal-Konvenzjoni, li jiddikjara, fost l-oħrajn, is-saltna tad-dritt (rule of law) bħala parti mill-wirt komuni tal-Istati Kontraenti. Il-QEBD qieset li dan il-prinċipju fundamentali tas-saltna tad-dritt għandu jipprevali anke f'kuntest ta' stat ta' emerġenza (**Pişkin v. Turkey**, 2020, § 153).

**48.** Billi l-arbitrarjetá twassal għaċ-ċaħda tas-saltna tad-dritt, din m'għandhiex tiġi tollerata mhux biss fir-rigward tad-drittijiet sostantivi iżda wkoll fir-rigward tad-drittijiet proċedurali. Il-QEBD ikkonkludiet għalhekk li ma hemm ebda ġustifikazzjoni għalfejn l-Artikolu 6 § 1 għandu jiġi interpretat restrittivament. Hija tabilħaqq saħqet li tant id-dritt għal amministrazzjoni imparzjali tal-ġustizzja għandu post prominenti f'soċjetá demokratika fis-sens tal-Konvenzjoni, li interpretazzjoni restrittiva ta' dan l-Artikolu ma hijiex kompatibbli mal-għan u l-iskop ta' l-istess Artikolu (**Moreira de Azevedo v. Portugal**, 1990, § 66; **Grzęda v. Poland** [GC], 2022, §§ 339-340; **Guðmundur Andri Ástráðsson v. Iceland** [GC], 2020, §§ 237 et seq.; **Sabeh El Leil v. France** [GC], 2011, § 46; **Nejdet Şahin**

**and Perihan Şahin v. Turkey** [GC], 2011, § 57; **Brumărescu v. Romania**, 1999, § 61; **Ryakib Biryukov v. Russia**, 2008, § 37).

**49.** Il-QEBD irrikonoxxiet li, billi l-Istati Kontraenti għandhom latitudni aktar wiesgħa f'kawżi ċivili milli f'kawżi kriminali, l-prinċipji inerenti fil-kunċett ta' smigħ imparzjali f'ta l-ewwel ma humiex neċessarjament l-istess bħal f'tat-tieni (**Peleki v. Greece**, 2020, § 70; **Dombo Beheer B.V. v. the Netherlands**, 1993, § 32; **Levages Prestations Services v. France**, 1996, § 46). Ir-rekwiżiti tal-Artikolu 6 § 1 huma tabilħaqq inqas onerużi f'każijiet rigwardanti drittijiet ċivili milli f'każijiet rigwardanti akkużi kriminali (**König v. Germany**, 1978, § 96). Il-QEBD fil-fatt ikkonfermat li d-drittijiet ta' persuni akkużati b'reat kriminali jeħtieġu protezzjoni akbar mid-drittijiet ta' partijiet fi proċeduri ċivili (**Moreira Ferreira v. Portugal** (no. 2) [GC], 2017, §§ 66-67). Il-QEBD madanakollu rriteniet li, sabiex jiġi determinat jekk proċeduri ċivili tmexxewx skont dan ir-rekwiżit ta' smigħ imparzjali, Qorti tal-Ġustizzja għandha teżamina l-istess proċeduri fl-intier tagħhom skont l-istess prinċipju applikat fil-proċeduri kriminali (**Stran Greek Refineries and Stratis Andreadis v. Greece**, 1994, § 49; **De Tommaso v. Italy** [GC], 2017, § 172; **Regner v. the Czech Republic** [GC], 2017, § 161; **Beuze v. Belgium** [GC], 2018, § 120; **López Ribalda and Others v. Spain** [GC], 2019, § 152; **Čivinskaitė v. Lithuania**, 2020, § 121; **Dilipak and Karakaya v. Turkey**, 2014, § 80; **Carmel Saliba v. Malta**, 2016, §§ 67 u 70-71; **R.S. v. Germany** (dec.), 2017, §§ 35 u 43; **Carmel Saliba v. Malta**, 2016, § 73).

**50.** Il-ġurisprudenza tal-QEBD tkopri bosta sitwazzjonijiet fejn fihom sabet nuqqas ta' smiegħ imparzjali. Dan fuq sensiela ta' fatturi ta' import differenti. Hija rriteniet bħala ġustifikabbli dan in-nuqqas unikament f'ċirkostanzi eċċezzjonali ħafna, preċiżament fejn ittieħdet in konsiderazzjoni l-ħtieġa partikolari li l-Qorti domestika tippronunzja b'ħeffa d-deċiżjoni tagħha (**Adorisio and Others v. the Netherlands** (dec.), 2015).

**51.** Is-sitwazzjoni li fuqha hija msejsa l-azzjoni odjerna, ossia l-applikazzjoni retroattiva ta' liġi li daħlet fis-seħħ fil-mori ta' proċeduri li fihom l-Istat huwa parti, ġiet ukoll trattata mil-QEBD fil-ġurisprudenza tagħha f'dan ir-rigward. Hemm irrikonoxxiet li applikazzjoni retroattiva ta' liġi bħal din għandha l-effett li tinfluwenza d-determinazzjoni ta' proċeduri ġudizzjarji li fihom l-Istat huwa parti. Hija għaldaqstant qieset li, għalkem fil-prinċipju l-leġislatur mhux prekluż milli f'materji ċivili jippromulga liġijiet retroattivi sabiex jirregola drittijiet naxxenti minn liġijiet eżistenti, l-prinċipju tas-saltna tad-dritt u l-kunċett ta' smigħ imparzjali minqux fl-artiklu 6 tal-Konvenzjoni jipprekludi kwalunkwe indħil mil-leġiżlatur maħsub biex fl-amministrazzjoni tal-ġustizzja jinfluwenza d-determinazzjoni ġudizzjarja ta' tilwima. Dan l-indħil huwa meqjus bħala ġustifikabbli biss "*on compelling grounds of the general interest*" (**Zielinski, Pradal, Gonzalez and Others v. France** [GC], 1999, § 57; **Scordino v. Italy (no. 1)** [GC], 2006, § 126).

**52.** <u>Qorti nazzjonali għandha għalhekk tqis dan l-indħil bħala vjolanti tad-dritt għal smigħ imparzjali protett bl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni biss meta l-Istat ikun hekk irrikorra għal applikazzjoni retroattiva ta' liġi bħal din mingħajr ma jiġġustifika dan taħt raġunijiet impellenti ta' interess ġenerali/pubbliku</u> (**Azienda Agricola Silverfunghi S.a.s. and Others v. Italy**, 2014, u 88-89).

**53.** Skont il-QEBD, ir-rispett għas-saltna tad-dritt u l-prinċipju ta' smigħ imparzjali jitlob li kwalunkwe ġustifikazzjoni mressqa b'dan il-mod għandha tiġi trattata bl-akbar grad possibbli ta' ċirkospezzjoni (**Ibid** §§ 76). Dan billi jitqiesu iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ u jiġu suġġetti għal skrutinju/eżami mill-qrib kwalunkwe raġunijiet invokati mill-istat bħala ġustifikazzjoni għal dan l-indħil (**National & Provincial Building Society, Leeds Permanent Building Society and Yorkshire Building Society v. the United Kingdom**, 1997, § 112).

**54.** Fejn il-konsiderazzjonijiet invokati mill-Istat konvenut instabu li kienu tabilħaqq imsejsa fuq raġunijiet impellenti ta' interess ġenerali/pubbliku li jiġġustifikaw l-applikazzjoni retroattiva ta' liġi bħal din, il-QEBD dejjem ikkonkludiet li ma tissustiex il-vjolazzjoni reklamata taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni u għaddiet biex tiddikjara bħala inamissibli l-ilment tal-applikant (**National & Provincial Building Society, Leeds Permanent Building Society and Yorkshire Building Society v. the United Kingdom**, 1997, § 112; **Forrer-Niedenthal v. Germany**, 2003, § 64;

**OGIS-Institut Stanislas, OGEC Saint-Pie X and Blanche de Castille and Others v. France**, 2004, §§ 71-72; **EEG-Slachthuis Verbist Izegem v. Belgium** (dec.), 2005; **Hôpital local Saint-Pierre d'Oléron and Others v. France**, 2018, §§ 72-73).

**<u>L-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-ewwel artikolu protokollari tal-Konvenzjoni</u>**

**55.** Ir-Rikorrenti jirreklamaw vjolazzjoni tad-drittijiet tagħhom sanċiti f'dawn l-artikoli fuq il-premessa li huma kellhom *"*aspettattiva leġittima" fir-rigward tal-kumpens u l-imgħax lilhom dovut.

**56.** Skont kif premess mir-Rikorrenti, l-aspettattiva leġittima tagħhom fir-rigward tal-kumpens lilhom dovut hija dik *"li tiġi applikata fil-konfront tagħhom il-liġi kif kienet in vigore dak iż-żmien* [li kkontestaw l-offerta fin-*Notice to Treat* skont kif kien jipprovdi l-Kap. 88] *u li ma jkunx hemm emendi li b'xi mod ifixklu jew inaqqsu l-kumpens li kienu intitolati għalih*" (ara premessa 29). Ir-Rikorrenti jinsistu għalhekk li huma kellhom aspettativa leġittima li l-Bord tal-Arbitragg jillikwida l-kumpens skont l-istima unanima tal-Periti Membri Tekniċi tal-Bord hekk kif kien obbligat jagħmel skont il-liġi viġenti fiż-żmien li nħareġ l-Avviż ta' Ftehim, jiġifieri fid-19 ta' Lulju 2001 (ara premessa 30). Dejjem skont ir-Rikorrenti, bl-emendi li saru f'din il-liġi, "*dak il-kumpens ġie ċirkoskritt irrispettivament mill-fehma tal-membri tekniċi, u kwindi ma baqax isir abbażi tal-konsiderazzjoni li għandha tkun ewlenija f'każijiet bħal dawn, u ċjoè li l-kumpens pagabbli lis-sid ikun*

*wieħed oġġettivament adekwat*" (ara premessa 31). Ir-Rikorrenti jippremettu wkoll li "*bil-promulgazzjoni tal-emenda fuq imsemmija, li ingħatat effett retroattiv, kien hemm l-effett impost fuq l-esponenti li jekwivali għar-rinunzja forzata ta' kull parti min dak il-kumpens li huwa in eċċess tal-ammont indikat mill-esponenti fl-atti intavolati minnhom. ... Din ir-rinunzja forzata minnha nnifisha tikkostitwixxi teħid ta' proprjetá u interferenza fit-tgawdija ta' possediment li huma leżivi tal-jeddijeit fondamentali tal-esponenti kif tutelati mill-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjni Ewropea, u mill-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni.*" (ara premessa 32).

**57.** Ir-Rikorrenti jippremettu li huma kellhom wkoll aspettattiva leġittima dwar l-ammont t'imgħax "*li huma kellhom ġja' meta nbdew l-istess proċeduri*" (premessa 23). Skont ir-Rikorrenti din l-aspettattiva leġittima ġiet lilhom "*leża u vjolata bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni sussegwenti*", jiġifieri "*bl-emendi fuq riprodotti, li daħlu fis-seħħ fl-2006 waqt is-smigħ tal-proċeduri quddiem il-Bord tal-Arbitraġġ dwar Artijiet*" (ibid).

<u>L-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni</u>

**58.** Il-Qrati nostrali għarfu konsistentement li t-teħid ta' art taħt il-Kap. 88 ma jistax jivvjola l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni. Dan għaliex l-imsemmi Kap igawdi mill-protezzjoni mogħtija fl-artikolu 47(9) tal-istess Kostituzzjoni. Dan l-artikolu jistipula li "*Ebda ħaġa fl-artikolu 37 ta' din il-Kostituzzjoni ma għandha tolqot il-ħdim ta' xi liġi fis-seħħ minnufih qabel it-3 ta' Marzu 1962*

*jew xi liġi magħmula fi jew wara dik id-data li temenda jew tissostitwixxi xi liġi fis-seħħ minnufih qabel dik id-data (jew xi liġi li minn żmien għal żmien tkun emendata jew sostitwita bil-mod deskritt f'dan is-subartikolu).*"

**59.** Ladarba l-Kap. 88 kien fis-seħħ qabel it-3 ta' Marzu 1962, u l-emendi li saru fih ma humiex tax-xorta msemmija fil-paragrafi (a) sa (d) tal-imsemmi artikolu 47(9) tal-Kostituzzjoni, il-Qorti hija prekluża milli tistħarreġ l-eventwalitá ta' ksur tal-artikolu 37 bit-tħaddim tal-Kap. 88 u/jew bl-aġir tal-Gvern ta' Malta (ara fost oħrajn **Pawlu Cachia vs Avukat Ġenerali et, Qorti Ċivili Prim' Awla (Sede Kostituzzjonali), 9 ta' April 1999; Dr. Rene Frendo Randon et vs Il-Kummissarju tal-Artijiet et, Qorti Kostituzzjonali, 10 ta' Lulju 2009, Lawrence Fenech Limited et vs Kummissarju tal-Artijiet et, Qorti Kostituzzjonali, 9 ta' Novembru 2012; Peter Caruana et vs. Kummissarju tal-Artijiet, Qorti Kostituzzjonali, 31 t'Ottubru 2014; Peter Azzopardi noe vs Kummissarju tal-Artijiet et, Qorti Kostituzzjonali, 11 ta' Novembru 2011**).

**60.** Għaldaqstant u safejn jirrigwarda dan l-ilment, il-Qorti se tkun qed tiċħdu. Konsegwentement il-Qorti sejra tilqa' r-raba' eċċezzjoni tal-intimata Awtoritá tal-Artijiet u l-ħmistax -il eċċezzjoni tal-intimat Avukat tal-Istat f'dan ir-rigward.

L-ewwel artikolu protokollari tal-Konvenzjoni

**61.** L-ewwel artikolu protokollari tal-Konvenzjoni jinkludi fih tlett regoli distinti stabbiliti fl-ewwel parti tal-ewwel paragrafu, fit-tieni parti tal-ewwel paragrafu u fit-tieni paragrafu ta' dan l-artikolu.

**62.** L-ewwel regola, stabbilita fl-ewwel parti tal-ewwel paragrafu, tenunċja l-prinċipju ġenerali li "*Kull persuna naturali jew persuna morali għandha dritt għat-tgawdija paċifika tal-possedimenti tagħha.*" Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (QEBD) stabbiliet li "*... By recognising that everyone has the right to the peaceful enjoyment of his possessions, Article 1 is in substance guaranteeing the right of property.*" (***Marckx v. Belgium***, § 63-6).

**63.** It-tieni u t-tielet regoli, stabbiliti fit-tieni parti tal-ewwel paragrafu u t-tieni paragrafu, jippermettu każijiet partikolari ta' indħil ("interference") f'dan id-dritt għat-tgawdija paċifika tal-proprjetá stabbilit fl-ewwel regola. It-tieni regola tippermetti ndħil fir-rigward ta' deprivazzjoni ta' "pussess" li jkun "*fl-interess pubbliku u bla ħsara tal-kundizzjonijiet provduti bil-liġi u bil-prinċipji ħenerali tal-internazzjonali*". It-tielet regola umbagħad tirrikonoxxi d-"*dritt ta' Stat li jwettaq dawk il-liġijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-użu ta' proprjetà skont l-interess ġenerali jew biex jiżgura l-ħlas ta' taxxi jew kontribuzzjonij*iet oħra jew pieni." (tieni paragrafu) (**Sporrong and Lönnroth v. Sweden, § 61; Iatridis v. Greece [GC], § 55; J.A. Pye (Oxford) Ltd and J.A. Pye (Oxford) Land Ltd v. the United Kingdom**

**[GC], § 52; Anheuser-Busch Inc. v. Portugal [GC], § 62;締ališić and Others v. Bosnia and Herzegovina, Croatia, Serbia, Slovenia and the Former Yugoslav Republic of Macedonia [GC], § 98; Immobiliare Saffi v. Italy [GC], § 44; Broniowski v. Poland [GC], § 134; and Vistiņš and Perepjolkins v. Latvia [GC], § 93; Former King of Greece and Others v. Greece [GC], § 50; Bruncrona v. Finland, § 65; Anheuser-Busch Inc. v. Portugal [GC], § 62**).

**64.** Ġie stabbilit li dan l-indħil ("interference") ikun biss kompatibbli mal-ewwel artikolu protokollari jekk jissodisfa tlett kriterji - li jkun wieħed legali, magħmul għal skop leġittimu fl-interess ġenerali u jilħaq bilanċ ġust bejn l-interess ġenerali tal-komunitá u l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali tal-individwu (**Cassar v. Malta** § 43; **Beyeler v. Italy** [GC], §§ 108-114; **締ališić and Others v. Bosnia and Herzegovina, Croatia, Serbia, Slovenia and the Former Yugoslav Republic of Macedonia** [GC], § 108; ara wkoll **Dr. Philip Saliba et vs Kummissarju tal-Artijiet et**, **Qorti Ċivili Prim' Awla (Sede Kostituzzjonali), 16 ta' Ottubru 2008**: "*l-imsemmi artikolu jitkellem kemm dwar it-teħid u kif ukoll dwar il-kontroll ta' possediment. Dak l-artikolu, li kif ilu jingħad u kif ilu stabbilit (sa mis-sentenza Q.E.D.B. 23.9.1982 fil-kawża fl-ismijiet Sporrong & Lonnroth vs Svezja (Applik. Nru. 7151/75) § 61), huwa ġabra ta' tliet (3) regoli msenslin waħda mal-oħra u li għandhom jinftehmu b'qari ma' xulxin. B'mod partikolari, fil-ħarsien tal-jedd imsemmi f'dak l-artikolu irid jintwera li jkun inżamm u tħares bilanċ xieraq*

*bejn l-interessi tal-komunita' u dawk tal-individwu li ġidu jkun intlaqat mill-għamil tal-Istat (f'dan il-każ, l-esproprjazzjoni).*"

**65.** Kif stabbiliet il-QEBD fil-ġurisprudenza tagħha, applikant jista' jinvoka ksur ta' dan l-artikolu biss safejn l-ilment minnu reklamat jirrigwarda "possedimenti" tiegħu bil-mod imfisser fl-istess dispożizzjoni (**Maggio and Others v. Italy**, § 54).

**66.** Għaldaqstant, qabel ma timbarka fuq analiżi sostantiva taċ-ċirkostanzi ilmentati taħt dan l-artikolu Konvenzjonali, l-Qorti għandha l-ewwel tkun sodisfatta li dan l-artkolu huwa applikabbli għaċ-ċirkostanzi tal-każ. Fi kliem ieħor, il-Qorti għandha l-ewwel teżamina f'kull każ jekk iċ-ċirkostanzi tal-kawża, fl-assjem tagħhom, jikkonferux fuq ir-Rikorrenti titolu għal dawk il-"possedimenti" protetti fl-ewwel parti tal-ewwel artikolu protokollari tal-Konvenzjoni.

**67.** F'dan ir-rigward ġie ribadit mill-QEBD li "*The concept of "possessions" referred to in the first part of Article 1 of Protocol No. 1 has an autonomous meaning which is not limited to ownership of physical goods and is independent from the formal classification in domestic law: certain other rights and interests constituting assets can also be regarded as "property rights", and thus as "possessions" for the purposes of this provision. The issue that needs to be examined in each case is whether the circumstances of the case, considered as a whole, conferred on the applicant title to a substantive interest protected by Article 1 of Protocol No.*

*1*” (**Anheuser-Busch Inc. v. Portugal [GC], § 63; Öneryıldız v. Turkey [GC], § 124; Broniowski v. Poland [GC], § 129; Beyeler v. Italy [GC], § 100; Iatridis v. Greece [GC], § 54; Centro Europa 7 S.R.L. and di Stefano v. Italy [GC], § 171; Fabris v. France [GC], §§ 49 and 51; Parrillo v. Italy [GC], § 211; Béláné Nagy v. Hungary [GC], § 76; Elif Kizil v. Turkey, § 61**) (emfażi u sottolinear ta' din il-Qorti).

**68.** Il-QEBD tkompli tafferma li “*Article 1 of Protocol No. 1 does not guarantee the right to acquire property (see Van der Mussele v. Belgium, judgment of 23 November 1983, Series A no. 70, p. 23, § 48; Kopecký v. Slovakia [GC], no. 44912/98, § 35, ECHR 2004-IX). This provision does no more than enshrine the right of everyone to the peaceful enjoyment of “his” possessions, and that consequently it applies only to a person's existing possessions (see Marckx v. Belgium, judgment of 13 June 1979, Series A no. 31, p. 23, § 50). Where a person actually possessed a property and was considered its owner for all legal purposes he or she can be said to have had a “possession” within the meaning of Article 1 of Protocol No. 1 (see Bečvář and Bečvářová v. the Czech Republic, no.58358/00, § 131, 14 December 2004). **“Possessions” can also be assets, including claims, in respect of which the applicant can argue that he or she has at least a “legitimate expectation” of obtaining effective enjoyment of a property right** (Kopecký, ibid, § 35). By way of contrast, the hope of recognition of a property right which it has been impossible to exercise effectively cannot be considered a “possession” within the meaning of*

*Article 1 of Protocol No. 1.* ***A "legitimate expectation" must be of a nature more concrete than a mere hope, and must be based on a legal provision or a legal act such as a judicial decision*** *(Kopecký, ibid, §§ 35, 49).* ***A person who complains of a violation of his or her right to property must first show that such a right existed*** *(see Pištorová v. the Czech Republic, no. 73578/01, § 130* [recte § 38]*, 26 October 2004).*" (**Zhigalev v. Russia**, § 131; ara wkoll **Centro Europa 7 S.R.L. and di Stefano v. Italy** [GC], § 173; **Saghinadze and Others v. Georgia**, § 103; **Ceni v. Italy**, § 39; **Béláné Nagy v. Hungary [GC], § 75**).

**69.** F'dan ir-rigward l-**Qorti Ċivili Prim' Awla (Sede Kostituzzjonali) fil-kawża AIC Joseph Barbara et v. Onorevoli Prim Ministru datata 4 ta' Jannar 2001** tiċċita "*L-awturi Harris, O'Boyle u Warbrick, fil-ktieb taghhom "Law of the European Convention on Human Rights" (Butterworths (London)), 1995* [li] *ifissru l-kuncett ta' "possessions" fil-kuntest tal-artikolu in ezami hekk: "The English language text uses the word "possessions" to describe the protected interest but any suggestions that it should be read narrowly is refuted by the word "biens" in the French text which indicates that a wide range of proprietorial interests were intended to be protected. … . The essential characteristic is the acquired economic value of the individual interest. Expectations do not have the degree of concreteness to bring them within the idea of "possessions". Initially, the ascription and identification of property rights is for the national legal system, and it is incumbent on the applicant to establish the precise nature of the right in*

*<u>the national law and his entitlement to enjoy it.</u>" (p. 517, sottolinear tal-Qorti). Fl-istess kuntest, van Dijk u van Hoof, fit-tielet edizzjoni tal-ktieb "Theory and Practice of the European Convention on Human Rights" (Kluwer (The Hague), 1998) jghidu hekk: "According to constant case-law, <u>"possessions" may be either existing possessions or valuable assets, including claims, in respect of which the applicant can argue that he has at least a "legitimate expectation" that they will realise. There is no question of possessions until the moment at which one can lay claim to the property concerned.</u> As stated above, **<u>a claim may constitute a "possession" in the sense of Article 1, but it should then be a concrete, adequately specified claim</u>**." (p. 622, sottolinear ukoll tal-Qorti)."*

**70.** Il-kwistjoni tal-aspetattiva leġittima kif reklamata mir-Rikorrenti fir-rigward tal-kumpens lilhom dovut, ossia li l-Bord tal-Arbitragg jillikwida l-kumpens skont l-istima unanima tal-Periti Membri Tekniċi tiegħu a tenur tal-liġi kif kienet fi żmien li nħareġ l-Avviż ta' Ftehim, ġia ġiet mressqa u trattata darbtejn quddiem il-Qrati nostrali bil-mezz ta' riferenza kostituzzjonali fil-kawżi **Kummissarju tal-Artijiet v. Maria Theresa Deguara Caruana Gatto et**, ċitata mill-Qorti tal-Appell stess fis-sentenza tal-24 ta' Ottubru 2019 fl-atti tar-Rikors 32/03 hawn allegat, u **Kummissarju tal-Artijiet v. Frank Calleja et**, it-tnejn mogħtija mil-Qorti Kostituzzjonali fis-6 ta' Settembru 2010.

**71.** Fis-sentenza ta' **Deguara Caruana Gatto et**, il-Qorti Kostituzzjonali rrikonoxxiet li, qabel ma ġie miżjud b'applikazzjoni retroattiva l-proviso għall-Artikolu 25(1) tal-Kap. 88 bl-Att XVII ta' l-2004, li daħal fis-seħħ fit-23 ta' Diċembru 2004, il-proċedura legali applikabbli qabel daħlu fis-seħħ l-emendi ta' l-2002 ghall-Kap. 88 ma kienet timponi ebda limitazzjoni - la fuq is-sid tal-art esporjata biex jindika x'kien il-kumpens li kien qed jippretendi, u lanqas fuq il-Bord, fir-rigward tal-ammont ta' kumpens li seta' jistabilixxi għall-art li kienet qed tiġi esproprjata. Il-Qorti Kostituzzjonali f'dan is-sens iddikjarat li, tali liġi:

1. "*ma kienet timponi l-ebda obbligu fuq is-sid ta' l-art esproprjata li huwa jindika x'kien il-kumpens li kien qed jippretendi ghall-art de quo, u kien sufficjenti ghalih illi huwa jikkontesta biss dak li kien qed joffrilu l-Kummissarju ta' l-Artijiet billi jsostni biss illi dak il-kumpens offrut ma kienx gust u reali, u seta' jistrieh biss u joqghod fuq dak il-kumpens li kien ser jiffissa l-Bord.*" (vide para 16).
2. "*il-Kap. 88 ma kien jimponi fuq il-Bord l-ebda limitazzjoni dwar l-ammont ta' kumpens illi huwa seta' jistabilixxi relattivament ghall-art li kienet qed tigi esproprjata, salv biss illi tali kumpens kellhu jkun mahdum u ibbazat fuq id-disposizzjonijiet applikabbli ta' l-istess Kap. 88. Fil-fatt, qabel id-dhul fis-sehh ta' din l-emenda, kien hemm ghall-inqas tlett kazijiet fejn il-Bord illikwida kumpens aktar minn dak li talbu is-sidien. ... (Ara s-sentenzi, **Kummissarju ta' l-Artijiet v. John Saliba et**, **Il-Kummissarju ta' l-Artijiet v. John Mary Vella***

***et**, u **Il-Kummissarju ta' l-Artijiet vs. Paul Vella et** kollha decizi mill-Bord ta' Arbitragg dwar Artijiet fit-30 ta' Mejju 2006). Kif sewwa osserva l-Bord f'dawn it-tlett sentenzi ta' ritrattazzjoni: "In fatti l-fatt fih innifsu illi giet fis-sehh tali emenda bl-att fuq imsemmi u l-fatt ukoll illi nhasset il-htiega illi jinghata ukoll effett il-provvediment transitorju illi ghamel din l-emenda applikabbli anke ghall-proceduri li huma diga` pendenti huma fatti ndikattivi illi tali limitazzjonijiet introdotti bl-emenda ta' l-Att XVII ta' l-2004 ma kienux applikabbli ghall-proceduri li kienu pendenti quddiem il-Bord qabel ma ghaddiet tali emenda."* (para 19). Għaldaqstant "*l-emenda in kwistjoni tikkostitwixxi fir-realtá imposizzjoni ta' limitazzjoni <u>ohra</u> fuq l-ammont ta' kumpens li l-Bord jista' jillikwida faur is-sid intimat.*" (para 20).

**72.** Il-Qorti Kostituzzjonali sussegwentement ikkonkludiet li, l-istadju partikolari li fih kienu wasslu l-proċeduri fil-mument li ġiet promulgata l-emenda in kwistjoni, ma jagħmilx l-aspettattiva tas-sidien waħda leġittima. Dan għas-segwenti raġunijiet:

1. "*La darba ir-relazzjoni tal-membri l-godda tal-Bord ma kienitx fl-atti qabel il-promulgazzjoni ta' l-emenda in kwistjoni, ma kien hemm l-ebda raguni li kienet ragonevolment tiggustifika lill-intimati jippretendu li l-ammont li kien se jigi likwidat bhala kumpens mill-Bord kien se jkun ghola mill-ammont li huma stess kienu talbu* ....

2. *Fi kwalunkwe kaz, lanqas jirrizulta li f'xi stadju tal-proceduri qabel il-promulgazzjoni ta' l-emenda in kwistjoni l-intimat appellati ghamlu xi dikjarazzjoni fis-sens li huma kienu qieghdin jitolbu kumpens oghla minn dak* [mitlub minnhom] *ta' LM380,000.*
3. *In vista tal-fatt li l-Periti La Ferla u Jaccarini regghu gew appuntati mill-gdid wara l-promulgazzjoni ta' l-emenda in kwistjoni, l-intimati appellati kienu konsapevoli tal-fatt li l-Bord ma setghax jillikwida kumpens oghla mill-ammont li huma stess kienu talbu. Fil-fatt fid-digriet tan-nomina mill-gdid ta' dawn il-membri teknici tal-Bord, il-Bord ordnalhom espressament illi r-relazzjoni taghhom kellha tigi redatta "fid-dawl ukoll ta' tibdil fil-Kap. 88 tal-Ligijiet ta' Malta.""* (para 28).

**73.** Il-Qorti għaldaqstant ikkonkludiet li "*qabel il-promulgazzjoni ta' l-emenda impunjata, l-intimati appellati ma kellhomx a legitimate expectation illi l-Bord kien se jillikwida l-kumpens ta' l-esproprju f'ammont oghla minn dak minnhom mitlub. Ghalhekk, l-intimati appellati ma kellhomx "possediment" fit-termini ta' l-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea, u konsegwentement dan l-Artikolu mhux applikabbli*" (para 29).

**74.** Fis-sentenza ta' **Frank Calleja** l-istess Qorti tal-Appell inverżament sabet li, l-istadju partikolari li fih kienu wasslu l-proċeduri fil-mument li ġiet promulgata l-emenda fl-artikolu 25 tal-Kap. 88 bl-Att XXVII tal-2004,

għamel l-aspettattiva tas-sidien waħda leġittima/ġustifikata. Dan għaliex f'dak il-każ l-emenda fl-artikolu 25 ġiet promulgata wara li l-membri tekniċi tal-Bord kienu ġia ddeterminaw l-ammont ta' kumpens skont il-liġi, preċiżament fi stadju fejn is-sidien kienu espressament irrimettew ruħhom għar-relazzjoni ta' l-istess membri tekniċi u l-proċeduri kienu ġia ġew differiti iktar min darba għas-sentenza. Il-Qorti Kostituzzjonali għalhekk ikkonkludiet li, l-emenda fl-artikolu 25 f'dak l-istadju tal-proċeduri, għalkemm waħda raġonevoli, ikkawżat lis-sidien, li allura kellhom aspettattiva leġittima li l-Bord kien se jillikwida favur tagħhom il-kumpens kollu stabbilit mill-membri tekniċi tiegħu, *"an individual and excessive burden"* bi vjolazzjoni tal-artikolu 1 tal-ewwel protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea:

"*19. Mis-suespost, din il-Qorti tikkonkludi li:*

*1. In vista tad-dispost ta' l-Artikolu 25(5) tal-Kap. 88 fuq citat, l-intimati appellati kienu gustifikati li jippretendu li la darba il-membri teknici tal-Bord kienu unanimi, il-Bord ma kellux xelta hlief li jistabbilixxi l-kumpens dovut lilhom fl-ammont indikat mill-membri teknici tal-Bord fir-rapport taghhom. Fil-fatt huma kienu espressament irrimettew ruhhom ghar-relazzjoni ta' l-istess membri teknici, b'mod li l-Bord seta' jillikwida kumpens oghla minn dak li jitolbu il-partijiet.*

*2. Meta il-proceduri gew differiti ghas-sentenza, l-emenda in kwistjoni kienet ghadha mhux promulgata. Ghalhekk, kieku l-Bord ta s-sentenza*

*tieghu fl-ewwel jew anke t-tieni differiment ghas-sentenza, l-emenda ma kienx ikollha effett fuq il-proceduri ghall-kumpens ta' l-intimati appellati.*

*20. Konsegwentement, fil-mument li fih il-proceduri quddiem il-Bord gew differiti ghas-sentenza, l-intimati appellati kellhom a legitimate expectation illi l-Bord kien se jillikwida l-kumpens ta' l-esproprju, fl-ammont stabbilit (unanimament) mill-membri teknici tal-Bord. Ghalhekk, l-intimati appellati kellhom "possediment" fit-termini ta' l-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea.*

*21. Konsegwenza ta' din l-emenda b'applikazzjoni retroattiva, l-intimati appellati gew imcahhda milli jiehdu il-kumpens stabbilit mill-membri teknici – li kien oghla minn dak li kien mitlub minnhom stess fil-bidu tal-proceduri – u din l-interferenza tammonta ghal tehid ta' possediment, jew ahjar, ta' parti minnu. Konsegwentement, wiehed irid jara jekk din l-interferenza kienitx gustifikata.*

*22. Ma hux kontestat li l-interferenza kienet giet stabbilita b'ligi, u cioe bl-Att XVII ta' l-2004. Jirrizulta li din l-emenda giet introdotta mill-legislatur sabiex iwaqqaf lill-Bord ta' l-Arbitragg dwar Artijiet mill-prattika li kien beda f'dawk iz-zminijiet li jiffissa kumpens oghla minn dak li l-istess sid intimat ikun talab ghall-esproprjazzjoni, u ma liema prattika il-legislatur ma kienx jaqbel (Ara diskors ta' l-Onor. Vici Prim Ministru Dottor Tonio Borg fl-Kumitat Permanenti ghall-Konsiderazzjoni ta' Abbozzi ta' Ligi (Laqgha Nru. 37 mizmuma fis-16 ta' Dicembru 2004), li kopja tieghu tinsab a fol. 206 tal-*

*process in prim'istanza). F'dan is-sens,* ***din l-emenda hija wahda ragonevoli, ghaliex meta sid l-art jiddikjara l-kumpens li jkun qed jippretendi in kontrakambju ghall-esproprju, fil-verita` huwa jkun qieghed jiddikjara l-ammont li huwa stess iqis bhala kumpens xieraq ghat-tehid ta' l-art. Jista ghalhekk jigi validament argumentat li ma huwiex fl-interess pubbliku li l-Gvern jigi mgieghel ihallas ta' l-art esproprjata kumpens oghla minn dak li sidha stess minn rajh ikun talab ghaliha ghas-semplici raguni li z-zewg membri teknici jkunu ta' opinjoni – anke jekk opinjoni esperta – diversa minn sid l-art ghal dak li huwa l-prezz gust skond il-ligi. Ghalhekk ir-rekwizit ta' l-interess pubbliku huwa sodisfatt****.*

*23. Jonqos, pero`, li jigi kkunsidrat jekk din l-interferenza mad-dritt ta' l-intimati appellati ghat-tgawdija pacifika tal-possedimenti taghhom tirrispettax, fid-dawl tal-fattispeci partikolari tal-kaz, dak il-bilanc gust bejn l-interess generali tal-kommunita` u l-esigenza li jigu protetti d-drittijiet fundamentali ta' l-individwu. ...*

*24. Kif diga` nghad, l-intimati appellati kellhom a legitimate expectation li l-Bord kien se jillikwida l-kumpens fl-istess ammont li kienu ffissaw il-membri teknici tal-Bord, u cioe` fl-ammont ta' Lm451,845 ghal tlett kwarti (3/4) indivizi ta' l-art esproprjata. Dak li gara f'dan il-kaz kien li, minghajr ebda htija tas-sidien appellati, il-goal posts tbiddlu mill-istess Gvern li huwa rappresentat fil-kawza mill-Kummissarju tal-Artijiet wara li l-ammont kien*

*gie determinat skond il-ligi u wara li kawza kienet thalliet ghas-sentenza. Konsegwenza ta' l-applikazzjoni retroattiva ta' l-emenda impunjata, il-Bord iffissa kumpens ta' Lm375,000 – l-oghla kumpens li kienu talbu l-istess intimati appellati – u cioe` ammont ta' Lm76,845 inqas minn dak iffissat mill-membri teknici skond ligi, ligi li sa dak iz-zmien kienet tipprovdi li l-kumpens xieraq kien proprju dak stabbilit mill-Bord jew, meta l-membri teknici jkunu unanimi, effettivament minn dawn il-membri teknici. ... .*

*25. Huwa veru li kienu l-istess intimati appellati li stabbilew il-kumpens li, fil-fehma taghhom, kien xieraq ghat-tehid ta' l-art taghhom, meta talbu il-kumpens ta' Lm375,000. Pero` tajjeb jew hazin, il-ligi kif kienet qabel l-emenda impunjata, kienet tippermetti lill-Bord li jiffissa kumpens oghla minn dak mitlub mis-sidien intimati, liema kumpens kien allura l-kumpens gust ossia xieraq skond il-ligi. L-intimati appellati kellhom proceduri pendenti quddiem il-Bord li kienu differiti ghas-sentenza qabel dahlet fis-sehh l-emenda in kwistjoni, u ghar-ragunijiet fuq spjegati, huma kellhom a legitimate expectation li Bord kien se jillikwida favur taghhom, il-kumpens kollu stabbilit mill-membri teknici tieghu. L-emenda in kwistjoni kellha effett retroattiv b'tali mod li harbtet kompletament dak il-bilanc gust li jrid jezisti bejn l-interess generali tas-socjeta` u l-ezigenza li jigu protetti d-drittijiet fondamentali tal-individwu, bilanc li huwa, tista' tghid, is-substrat ta' kwazi d-disposizzjonijiet kollha tal-Konvenzjoni Ewropea, u li certament huwa fondamentali fil-kuntest tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll. F'dan is-sens, u dejjem tenut kont tal-fattispeci partikolari tal-kaz, wiehed jista' jghid li l-*

*appellati konjugi Calleja u Agnes Gera de Petri sofrew dak li l-Qorti Ewropea ssejjah "an individual and excessive burden." S'intendi,* ***is-sitwazzjoni kienet tkun kompletament differenti li kieku l-emenda in kwistjoni giet fis-sehh qabel ma l-membri teknici kienu lahqu rrelataw****.*" (emfażi u sottolinear ta' din il-Qorti).

**75.** Fil-kawża ta' **Maria Theresa Deguara Caruana Gatto**, l-istess Qorti tal-Appell ukoll qieset l-emenda fl-artikolu 25 tal-Kap. 88 bl-Att XXVII tal-2004 bħala waħda 'loġika' u li 'tagħhmel sens'. Dan għaliex 'ikkristallizżat b'disposizzjoni pożittiva' r-regola tas-suq liberu li s-sid, qua bejjiegħ, għalkemm furzat, jieħu l-għola kumpens li talab huwa stess, min jeddu, bla ma kien legalment limitat u wisq iżjed obbligat li jitolbu:

"*34. Fis-suq liberu tal-bejgh tal-proprjeta`, il-prezz tal-proprjeta` jiddependi fuq l-evalwazzjoni soggettiva tal-bejjiegh tal-valur tal-proprjeta` tieghu, u min-naha l-ohra l-valur soggettiv li xerrej potenzjali jaghti lill-istess proprjeta`. Huwa prezunt li meta l-bejjiegh jiddikjara l-prezz, huwa jkun iddikjara l-valur li bih hu jkun lest li jbiegh. Fi kliem iehor, huwa l-bejjiegh li jistabbilixxi l-kumpens li jkun jixtieq. Issa, huwa ovvju li meta bejjiegh jitfa' l-proprjeta` tieghu ghall-bejgh u jiddikjara l-prezz li jrid taghha, ma huwiex verosimili, u lanqas l-istess bejjiegh ma jkun qed jippretendi, li – f'cirkostanzi normali – huwa sa jsib xerrej potenzjali li se joffrilu li jixtriha bi prezz oghla milli l-istess bejjiegh ikun iddikjara li jrid.*

*35. L-emenda in kwistjoni tippreskrivi li l-Bord ta' l-Arbitragg dwar Artijiet ma jistax jiffissa ammont ta' kumpens li "jeccedi l-oghla ammont ta' kumpens li jkun gie propost minn xi wahda mill-partijiet." Fil-fehma tal-Qorti,* ***din l-emenda sempliciment ikkristalizzat, b'ligi ossia disposizzjoni pozittiva, ir-regola tas-suq liberu, u cioe` li huwa l-bejjiegh li jistabbilixxi l-prezz ghall-bejgh tal-proprjeta` tieghu.*** *Huwa veru li hawn mhux qieghdin nitkellmu fl-isfond ta' suq ghall-kollox liberu, imma fl-isfond ta' bejgh forzat, cioe` ta' esproprju. Pero` xorta wahda din il-Qorti hi tal-fehma li* ***jaghmel sens u huwa logiku li din ir-regola, li l-bejjiegh jistabbilixxi fl-ewwel lok il-prezz ghal bejgh tal-proprjeta` tieghu, tibqa' l-istess ossia tkun applikata wkoll fil-kaz ta' esproprju****. Fil-kaz odjern, l-intimati appellati kollha, hlief Anna Maria Spiteri Debono u Caren Preziosi, minn rajhom u minghajr ma kienu obbligati bil-ligi kif kienet fiz-zmien rilevanti, iddikjaraw quddiem il-Bord li l-kumpens li kellu jigi moghti lilhom mill-Kummissarju appellant ghall-proprjeta` esproprjata kien ta' tlett mija u tmenin elf Lira Maltin (Lm380,000). Effettivament l-intimati appellati Anna Maria Spiteri Debono u Caren Preziosi talbu kumpens inqas, u cioe` dak ta' mitejn u hamsin elf Lira Maltin (LM250,000).*

*36. Ma hemmx dubbju li fl-opinjoni ta' l-intimati appellati l-ammont ta' LM380,000 kien l-oghla ammont ta' kumpens li kienu intitolati ghalih in kontrakambju ma' l-esproprjazzjoni ta' l-art taghhom, ghax il-ligi ma timponi l-ebda limitu ta' kumpens li s-sid intimat jista' jitlob. ...*

*37. Huwa ragonevoli li wiehed jipprezumi illi l-intimati appellati ddikjaraw li huma riedu l-ammont ta' LM380,000 bhala kumpens, u gabu provi biex jissotanzjaw din it-talba taghhom, biex fl-eventwalita` li l-Bord jillikwida kumpens f'ammont inqas minn dak mitlub minnhom, huma jkunu jistghu jipprocedu ghal proceduri kostituzzjonali u konvenzjonali fejn jallegaw ksur tad-dritt taghhom ta' kumpens xieraq, ghaliex il-Bord ma illikwidax favur taghhom l-ammont kollu li huma talbu.*

*38. Izda fil-fatt, bl-applikazzjoni ta' l-emenda de quo il-Bord illikwida l-kumpens precizament fl-oghla ammont intier minnhom mitlub, u cioe dak ta' LM380,000. Konsegwentement huma se jircievu l-ammont shih ta' kumpens li huma talbu, u ghall-precizjoni fil-kaz ta' l-intimati Anna Maria Spiteri Debono u Caren Preziosi, dawn se jircievu aktar milli talbu. Ironikament, issa li l-intimati appellati nghataw il-kumpens kollu li talbu, qed jilmentaw ghax ma nghatawx iktar – cioe` ghax ma nghatawx dak li ma talbux! Fid-dawl ta' dan, din il-Qorti ma tistax tifhem kif l-intimati appellati jistghu jilmentaw li gie lez id-dritt taghhom ghal kumpens xieraq, meta l-Bord illikwida favur taghhom il-kumpens kollu li huma talbu.*

*39. A skans ta' ekwivoci, din il-Qorti taghmilha cara li hija mhux qed tghid li f'kaz ta' tehid ta' proprjeta` il-kumpens xieraq dovut huwa necessarjament f'kull kaz l-ammont shih li s-sid ta' l-art jitlob ghaliha. Dan ghaliex x'jikkostitwixxi kumpens xieraq f'kaz partikolari irid jigi stabbilit tenut kont tal-valur tas-suq tal-proprjeta` b'mod oggettiv, kif ukoll fid-dawl tac-*

*cirkostanzi kollha tal-kaz, li jistghu anki f'certi kazijiet jiggustifikaw kumpens inqas mill-valur oggettiv tas-suq (Ara is-sentenzi* ***James and Others v. UK*** *deciza mill-Qorti Ewropea fil-21 ta' Frar 1986 u* ***Lithgow and Others v. UK*** *deciza mill-Qorti Ewropea fit-8 ta' Lulju 1986.). Dak li qed tghid din il-Qorti huwa li* ***ladarba fil-kaz odjern is-sidien intimati ddikjaraw il-kumpens li qed jippretendu ghat-tehid ta' l-art taghhom – u l-ligi ma timponi l-ebda limitu fuq l-ammont li setghu jitolbu – huma kienu qieghdin effettivament jiddikjaraw l-ammont li, fl-opinjoni taghhom, kien jikkostitwixxi kumpens xieraq ghall-esproprjazzjoni li soffrew. La darba huma – bl-applikazzjoni ta' l-emenda impunjata – se jircievu dak kollu li talbu, huwa kontrosens li jinghad li se jigi miksur id-dritt taghhom ghall-kumpens xieraq ghax mhux se jinghataw dak li ma talbux!***

*40. Il-fatt li l-membri teknici tal-Bord stmaw l-art esproprjata f'ammont oghla milli talbu l-intimati appellati ma jbiddilx il-posizzjoni legali. Fl-ewwel lok, dan il-kaz ghandhu fattispjece partikolari hafna. ...*

*41. Fit-tieni lok,* ***l-emenda fil-ligi bl-ebda mod ma naqqset l-ammont ta' kumpens xieraq li l-intimati appellati ddikjaraw li qed jippretendu, ghax, kif gja` nghad, il-kumpens li huma talbu, gie likwidat favur taghhom fl-intier tieghu. Certament, bejjiegh ma jistax jippretendi li xerrej ihallas prezz oghla minn dak li huwa stess ikun talab ghall-bejgh tal-proprjeta` tieghu.****"* (emfażi u sottolinear ta' din il-Qorti).

**<u>Konsiderazzjonijiet</u>**

**76.** Senjalati l-prinċipji legali stabbiliti mill-QEBD kif riflessa fil-ġurisprudenza kostanti tal-Qrati Maltin, il-Qorti sejra issa tqis l-eċċezzjonijiet preliminari sollevati mill-Intimati.

**77.** Permezz tal-ewwel eċċezzjoni preliminari, l-intimat Avukat tal-Istat issolleva li ma huwiex il-leġittimu kontradittur u għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju a tenur tal-artikolu 181B tal-Kap. 12. Dan "*in kwantu r-rikorrenti qegħdin jilmentaw dwar li l-Avviż ta' Ftehim (li huwa l-att li jorbot il-prezz) intbagħat fit-23 ta' Mejju 2001 iżda kien biss kważi sentejn wara li l-Kummissrju tal-Artijiet intavola l-proċeduri quddiem il-Bord' u dwar l-allegat dewmien sabiex il-Kummissarju tal-Art jibgħat l-Avviż tal-Ftehim u t-terminu bejn il-mument li jkun hemm il-kontestazzjoni għall-Avviż tal-ftehim u dakinhar li jintavola l-proċess quddiem il-Bord tal-Arbitraġġ dwar l-Artijiet*".

**78.** Permezz tal-ewwel u t-tieni eċċezzjoni preliminari, l-Intimata Awtoritá tal-Artijiet ukoll issollevat li ma hiex il-leġittimu kontradittur u għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju "*kemm -il darba f'din l-azzjoni qed jiġi ravviżat xi ksur ta' drittijiet fundamentali minħabba d-dispożizzjonijiet tal-liġi*" u "*għaliex l-Awtoritá eżerċitat id-drittijiet tagħha korrettament skont il-liġi. Għalhekk kull lanjanza li jista' jkollhom l-atturi mhijiex indirizzata lejn xi att jew deċiżjoni skorretta tal-Awtoritá (li dejjem imxiet skont il-liġi) imma*

*hija diretta proprju lejn l-artikoli tal-liġi. L-Awtoritá ma tfassalx u ma tippromulgax liġijiet hi anzi bħal kull ħaddieħor hija obbligata li tottempera ruħha mal-liġi.*"

**79.** Kif ġia senjalat fil-prinċipji legali supra, b'din l-azzjoni ir-rikorrenti qed jilmentaw ksur ta' drittijiet fundamentali kemm minħabba applikazzjoni ta' dispożizzjonijiet legali tal-Kap. 88 kif ukoll minħabba dewmien mhux biss tal-Kummissarju, kif issa rappreżentat mill-Awtoritá Intimata (ara artikolu 83 tal-Kap. 573), sabiex jibgħat l-Avviż ta' Ftehim u jistitwixxi l-proċeduri appożiti quddiem il-Bord iżda wkoll tal-Bord innifsu fl-istess proċeduri.

**80.** Għaldaqstant għandhom jibqgħu fil-kawża kemm l-Avukat tal-Istat kif ukoll l-Awtoritá Intimata. Dan sabiex dak tal-ewwel iwieġeb għal dik il-parti tal-ilment li qed tirraviża ksur tad-drittijiet fundamentali minħabba d-dispożizzjonijiet tal-liġi taħt il-Kap. 88 u dewmien kaġonat mill-Bord tal-Arbitraġġ dwar l-Artijiet, filwaqt li dik tal-aħħar twieġeb għal dik il-parti tal-ilment li tirraviża ksur tad-drittijiet fundamentali minħabba id-dewmien kaġonat mill-Kummissarju kif issa minnha rappreżentat. L-ebda intimat ma jista' għaldaqstant jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju.

**81.** Il-Qorti qiegħda f'dan ir-rigward tapplika l-istess raġonament addottat mill-**Qorti Ċivili Prim' Awla (Sede Kostituzzjonali) fis-sentenza Andrew Attard et vs Awtoritá tal-Artijiet et, Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali), 30 ta' Ottubru 2018** (ara wkoll **Frank Calleja et vs Kummissarju tal-Artijiet et, Qorti Kostituzjzonali, 14 ta' Frar 2011**).

**82.** L-ewwel eċċezzjoni tal-intimat Avukat tal-Istat u l-ewwel u t-tieni eċċezzjoni tal-Intimata Awtoritá tal-Artijiet sejrin għaldaqstant jiġu miċħuda.

**83.** Permezz tar-raba' eċċezzjoni tal-intimat Avukat tal-Istat qed jiġi sollevat li uħud mill-ilmenti li permezz tar-Rikors Kostituzzjonali qegħdin jitressqu mir-Rikorrenti ġia ġew deċiżi mil-Qorti tal-Appell fis-sentenza ta' l-24 ta' Ottubru 2019 u għalhekk ir-Rikorrenti qed jinqdew b'din il-Qorti bħala xi Qorti tat-tielet istanza sabiex jiddisturbaw is-sentenza hemm mogħtija. Din l-eċċezzjoni, li ġiet sollevata diverżi drabi f'azzjoni ta' din ix-xorta, ġiet konsistentement trattata kif ġej:

"...*ghalkemm huwa minnu li l-komputazzjoni tal-kumpens dovut ghall-esproprju taqa' specifikatament fil-mansjoni tal-Bord li ghandu jiddeciedi skont l-kriterji oggettivi stabbiliti fil-Kap. 88, u li ghalhekk huwa kompost ukoll minn membri teknici proprju sabiex b'applikazzjoni tal-ligi jaslu ghall-kumpens dovut f'kull kaz, il-qrati ta' gurisdizzjoni kostituzzjonali ghandhom il-kompetenza li jistabbilixxu jekk il-kumpens li wasal ghalih il-Bord huwiex tali li jpoggi fuq l-individwu li tkun ittehditlu l-art, "a disproportionate and excessive burden" li jwassal ghall-izbilanc bejn l-interessi tal-kollettivita`, u dawk tal-individwu koncernat. Huwa minn din l-ottika legali li l-quantum tal-kumpens offrut ghandu jigi ezaminat. L-ghoti ta' kumpens xieraq u gust huwa nsitu fil-protezzjoni tad-dritt kontemplat fl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni. Ghalhekk il-kompitu ta' din il-qorti ma huwiex li tisma' appell mid-decizjoni tal-Bord izda li tara jekk il-kumpens huwiex*

*wiehed xieraq u proporzjonat, kif irid l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll. Biex il-kumpens jitqies xieraq ma huwiex bilfors mehtieg li jkun daqs il-prezz fis-suq hieles, izda jekk id-differenza tkun hekk kbira illi jintilef il-proporzjon bejn kemm tassew jiswa l-jedd illi sejjer jittiehed lis-sid u l-kumpens li sejjer jithallas ghal dak it-tehid, mela l-kumpens ma jkunx xieraq u jkun hemm ksur tal-artikolu 1 tal- Ewwel Protokoll.*" (**Bezzina Wettinger vs Avukat Ġenerali**, Qorti Kostituzzjonali, 31 ta' Mejju 2013).

"*Din il-Qorti taqbel li hi ma tistax u ma ghandhiex isservi bhala Qorti tat-tielet istanza minn decizjoni tal-Bord u tiffissa kumpens jew tirrevedi ammonti likwidati mill-Bord tal-Arbitragg. Din mhix il-funzjoni taghha. Li trid tara din il-Qorti huwa jekk id-decizjoni tal-Bord, fil-kuntest tal-fattispecie tal-kaz u tal-ligi applikabbili, ttiehditx b'mod li setghu gew lezi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti.*" (**Maria Nicolina sive Marlene Azzopardi vs. Awtorità tal-Artijiet et**, Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali), 12 ta' Ġunju 2018).

**84.** Il-Qorti sejra tapplika l-istess raġunament insenjat f'dawn is-sentenzi u għaldaqshekk tiċħad ir-raba' eċċezzjoni tal-intimat Avukat tal-Istat.

**85.** Permezz tal-ħames eċċezzjoni, l-Intimata Awtoritá tal-Artijiet eċċepiet l-inammissibilitá ratione temporis fit-termini tal-artikolu 7 tal-Kap. 319 sa fejn l-ilment huwa msejjes fuq l-Artikoli Konvenzjonali.

**86.** Il-Qorti tqis li tali eċċezzjoni hija bla bażi. Għalkemm id-dikjarazzjoni tal-President ħarġet fid-29 ta' Settembru 1977, l-akkwist b'xiri assolut tal-

proprjetajiet imsemmija ma ġiex konkluż qabel iktar minn 43 sena wara bil-kuntratt tal-15 ta' Diċembru 2020, jiġifieri ferm wara t-30 ta' April 1987. Ladarba l-att tal-esproproprju in kwistjoni kif regolat taħt il-Liġijiet hawn impunjati baqa' jippersisti wara t-30 ta' April 1987, l-istess baqgħa għaldaqstant effettiv għal perjodu li jmur oltre dan il-*cut-off date* stabbilit fl-artikolu 7 tal-Kap. 319. Isegwi li l-esproprju lmentat mir-rikorrenti m'għandux jiġi ċirkoskritt għaż-żmien wara din id-data.

**87.** Kif ġie ritenut mill-**Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) (per Imħallef Joseph R. Micallef) fil-kawża Raymond u Geraldin konjuġi Cassar Torreggiani vs Avukat Ġenerali et deċiża fil-11 ta' Frar 2015**, "*in-natura tal-ksur li dwaru jitqajjem l-ilment tiegħu siwi ewlieni biex wieħed iqis jekk huwiex il-każ jew le li l-ksur ikun sar qabel dawk id-dati msemmija. Dan qiegħed jingħad għaliex huwa aċċettat li fejn il-ksur jibqa' jseħħ jew fejn il-qagħda li ġġib magħha l-ksur tal-jedd fundamentali ma tkunx waħda istantaneja (Kost. 10.10.2003 fil-kawża fl-ismijiet* ***Francis Beżżina Wettinger et vs Kummissarju tal-Artijiet****; u Kost. 28.2.2005 fil-kawża fl-ismijiet* ***Attilio Ghigo vs Direttur għall-Akkomodazzjoni Soċjali*** *et fost oħrajn), allura minkejja li l-ġrajja setgħet seħħet qabel id-dati msemmija, l-Qorti xorta waħda tista' tqis u tistħarreġ il-ksur jekk il-qagħda tibqa' ttul wara (Ara, b'eżempju, Kost. 28.12.2001 fil-kawża fl-ismijiet* ***Cachia vs Avukat Ġenerali et*** *(Kollez. Vol: LXXXV.i.615)). Ta' min jgħid hawnhekk li din il-kwestjoni tqajmet ukoll quddiem il-Qorti ta' Strasbourg f'każijiet imressqin kontra Malta u dik il-Qorti sabet li, ladarba d-dikjarazzjoni magħmula mill-*

*Gvern Malti f'April tal-1987 kienet b'effett retrospettiv, allura l-istħarriġ li dik il-Qorti tista' tagħmel imur lura għall-1967, jiġifieri meta l-Konvenzjoni kienet ratifikata mill-Parlament Malti (Ara, b'eżempju, Q.E.D.B. 8.4.2008 fil-kawża fl-ismijiet* ***Beżżina Wettinger et vs Malta*** *(Applik. Nru. 15091/06) §54 u Q.E.D.B. 5.4.2011 fil-kawża fl-ismijiet* ***Gera de Petri Testaferrata Bonici Għaxaq vs Malta*** *(Applik. Nru. 26771/07) §38);"*

**88.** Fil-kawża ġia fuq ċitata **Francis Beżżina Wettinger et vs Kummissarju tal-Artijiet**, il-Qorti Kostituzzjonali rriteniet li "*darba li l-att ta' akkwist ta' l-art de quo ghadu ma giex iffinalizzat sal-lum, allura il-procedura ta' esproprijazzjoni ghadha "in corso", u kwindi hija sindakabbli mill-qrati. Risposta cara u tonda ghas-sottomissjonijiet ta' l-appellant biex jimmotiva l-ewwel aggravju tieghu, insibuha fid-decizjoni surreferita in re* ***Pawlu Cachia vs Avukat Generali et*** *ma' liema din il-Qorti wkoll taqbel, fejn gie ritenut li, "Ghalkemm iz-zewg dikjarazzjonijiet tal-Gvernatur Generali hargu fl-1969 u ghalkemm anke dawk li huma l-proceduri ghall-akkwist da parti tal-Gvern b'xiri assolut ta' l-artijiet bdew qabel it-30 ta' April 1987, ir-rikorrent, kemm qabel kif ukoll wara din id-data kien assoggettat ghal interferenza fit-tgawdija pacifika tal-possedimenti tieghu. Tali interferenza ossia nuqqas ta' tgawdija pacifiku tal-possedimenti in kwistjoni, ghalkemm kienet ir-rizultat ta' att istantanju – id-dikjarazzjonijiet ippublikati u nnotifikati skond l-Artikolu 9 tal-Kap. 88 – kienet interferenza ta' natura kontinwa u li ghadha tezisti sal-lum".*

*Id-dritt ta' azzjoni favur l-appellati johrog mill-kostatazzjoni li l-process ta' esproprijazzjoni, ghalkemm mibdi ghadu sal-lum ma giex ikkompletat. Isegwi mela li l-appellati ghad jistghu jagixxu kontra l-intimat appellant, kif fil-fatt ghamlu; ifisser ukoll li tali azzjoni hija gudizzjarjament sindakabbli minn dawn il-qrati.*

*Aktar ricenti mbaghad, il-Qorti ta' l-Appell in re* ***Julian Aquilina et – vs – Ministeru ta' l-Ambjent*** *deciza fit-8 ta' Gunju 2001 gie mtenni kif gej "Indubbjament minn mindu tigi ppubblikata l-ordni ta' l-espropriju sakemm isir l-att definittiv ta' trasferiment favur il-Gvern, il-proprjeta` tibqa' stricto jure f'idejn il-persuna esproprijata .....*

*- omissis –*

*"Dan ifisser li s-sid tal-proprjeta` jigi ezawtorat ghal kollox minn kull jedd fir-rigward tal-pussess u tad-disponibbilita` materjali taghha. Disponibbilita` materjali li naturalment ma testendix ukoll ghad-dritt tat-trasferiment taghha, naturalment soggett ghall-fattur gdid ta' l-espropriju u tallimitazzjoni li dan necessarjament jimplika.*"

**89.** Il-Qorti sejra għaldaqstant u għall-istess raġunijiet tiċħad din l-eċċezzjoni tal-Intimata Awtoritá tal-Artijiet.

**90.** Permezz tat-tieni eċċezzjoni preliminari, l-Intimat Avukat tal-Istat qed jissolleva l-ħtieġa li r-rikorrenti jressqu prova siewja li biha juru t-titolu tagħhom fuq l-artijiet in kwistjoni u x'sehem kull wieħed mir-rikorrenti kellu

fuq l-istess artijiet kif ukoll l-interess ġuridiku li kull wieħed mir-Rikorrenti għandu f'dawn il-proċeduri (ara eċċezzjoni a' fol 33).

**91.** Il-Qorti tinnota li r-Rikorrenti m'għamlu ebda tentattiv biex jissodisfaw din l-eċċezzjoni u lanqas biss ressqu sottomissjonijiet fuqha fin-nota tagħhom preżentata a' fol 99.

**92.** L-Intimat Avukat tal-Istat jissottometti f'paragrafu 17 tan-nota tiegħu li r-rikorrenti Bettina mart Malcolm Azzopardi, Michael Trapani Galea Feriol, Greta mart Paul Apap Bologna, Paul Trapani Galea Feriol u Dr. Nicholas Trapani Galea Feriol f'ismu, ladarba ma deherux fil-Kuntratt tal-15 ta' Diċembru 2020 (a' fol 91) minkejja li kienu intimati fil-proċeduri tar-rikors numru 32/03, "*ma rnexxilhomx jipprovaw li huma kienu s-sidien tal-artijiet in kwistjoni u għalhekk lanqas irnexxielhom jipprovaw l-interess ġuridiku tagħhom f'din il-kawża. Konsegwentement, f'kull każ, it-talbiet ma jistgħux jintlaqgħu fil-konfront tagħhom.*"

**93.** Huwa ormai assodat fil-ġurisprudenza tagħna li "*fi kawżi li fihom jiġi allegat xi ksur ta' dritt fundamentali taħt il-Kostituzzjoni r-rikorrent jeħtieġlu juri li għandu "interess personali b'appoġġ għall-azzjoni tagħha". Dan mhux biss hu dettat mill-prinċipji ġenerali tad-Dritt iżda tesiġih il-Kostituzzjoni stess a contrariu sensu ta' dak previst fl-Artikolu 116 tagħha fejn l-eżenzjoni mill-ħtieġa li persuna turi interess personali b'appoġġ għall-azzjoni tagħha hi espressament ristretta għal azzjonijiet għal dikjarazzjoni li liġi tkun invalida għal raġunijiet mhux ta' inkonsistenza mal-Artikoli 33 sa 45 tal-*

*Kostituzzjoni u l-azzjonijiet tal-aħħar tip huma espressament eċċettwati minn din l-eżenzjoni. Dan hu wkoll konformi mal-Artikolu 46(1) tal-Kostituzzjoni li jirregola t-twettiq tad-disposizzjonijiet protettivi tad-drittijiet u libertajiet fundamentali tal-individwu taħt il-Kostituzzjoni u jipprovdi li rimedju taħt l-istess Artikolu jista' jintalab meta persuna tallega li xi waħda mid-disposizzjonijiet tal-Artikoli 33 sa 45 tal-Kostituzzjoni "tkun ġiet, tkun qed tiġi jew tkun x'aktarx ser tiġi miksura dwarha" (sottolinear tal-Qorti).*

*<u>In kwantu għal allegazzjonijiet ta' ksur tad-drittijiet fundamentali tal-individwu sanċiti mill-Konvenzjoni taħt il-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta is-sitwazzjoni hi legalment indentika mhux biss skont il-prinċipji ġenerali tad-Dritt li huma applikabbli għal kull azzjoni taħt xi liġi ordinarja bħal ma huwa l-Kap. 319 iżda wkoll in vista ta' dak previst fl-Artikolu 4(1) tal-istess Kap.</u> li wkoll jipprovdi fil-parti relevanti tiegħu li rimedju taħt l-istess Artikolu jista' jintalab meta persuna tallega xi wieħed mid-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali "jkun ġie, ikun qed jiġi jew ikun x'aktarx ser jiġi miksur dwarha"*. (**Raymond Farrugia et vs L-Avukat Ġenerali et, Qorti Ċivili Prim' Awla (Sede Kostituzzjonali), 21 ta' Ottubru 2015 u konfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fis-27 ta' Mejju 2016**).

**94.** Ir-rikorrenti li wrew dan l-"*interess personali b'appoġġ għall-azzjoni*" odjerna huma loġikament dawk li, qua sidien, trasferew l-artijiet in kwistjoni bl-att tal-15 ta' Diċembru 2020 in eżekuzzjoni tas-sentenza tal-Bord tal-Arbitraġġ Dwar l-Artijiet tat-18 ta' Novembru 2015 kif konfermata mill-Qorti

tal-Appell fis-sentenza tal-24 ta' Ottubru 2019 in atti tar-Rikors numru 32/03 istitwit wara d-dikjarazzjoni tal-President numru 605 tas-7 ta' Otturu 1977, a tenur tal-Kap. 88 tal-Liġijiet ta' Malta. L-ilment f'din l-azzjoni u r-rimedju hemm mitlub jista' għaldaqstant jitressaq biss minn dawk li deheru fuq l-att imsemmi, jiġifieri Andre Bianchi, Perit Nichoals Bianchi, Dorothy Trapani Galea, Anna-Maria Tabone Bianchi, John Huber, Colin Huber u Christopher Huber, Igino sive Gino Trapani Galea Feriol u Dottor Nicholas Trapani Galea Feriol flimkien mal-Perit Nicholas Bianchi qua eżekuturi testamentarji tal-assi tal-mejta Emilie Trapani Galea.

**95.** Il-Qorti għalhekk tilqa' t-tieni eċċezzjoni tal-Intimat Avukat tal-Istat limitatament fil-konfront tar-rikorrenti Bettina mart Malcolm Azzopardi, Michael Trapani Galea Feriol, Greta mart Paul Apap Bologna, Paul Trapani Galea Feriol u Dr. Nicholas Trapani f'ismu. Ladarba dawn ma dehrux fl-imsemmi kuntratt tal-15 ta' Diċembru 2020, huma ma ħtiġilhomx juru li kellhom titolu fuq l-artijiet in kwistjoni. Konsegwentement l-azzjoni ma tistax tirnexxi fil-konfront tagħhom.

**96.** Il-Qorti sejra tgħaddi issa biex tikkunsidra l-ilment kostituzzjonali b'applikazzjoni tal-prinċipji ġenerali stabbiliti u delinjati aktar il-fuq f'din is-sentenza.

## L-ILMENT TA' NUQQAS TA' SMIEGĦ XIERAQ FI ŻMIEN RAĠJONEVOLI

**97.** *Id-dies a quo* tal-kejl tar-raġonevolezza taż-żmien, fil-każ tal-proċeduri ċivili istittwiti mill-Kummissarju bir-Rikors numru 32/56, beda ħafna qabel, preċiżament mid-data tad-dikjarazzjoni Presidenzjali li ħarġet permezz ta' Avviż numru 605 fil-Gazzetta tal-Gvern, jiġifieri mid-29 ta' Settembru 1977. Dan għaliex tali proċedura ma setgħetx tiġi hekk istitwita qabel ma l-ewwel toħroġ tali dikjarazzjoni segwita b'avviż għall ftehim (notice to treat) notifikat lis-sidien tal-proprjetajiet kif hekk kien meħtieġ fl-Artikolu 12(1) tal-Kap. 88 qabel ma ġie emendat bl-emendi tal-2002 (ara senenzi fuq ċitati **Blake v. the United Kingdom**, § 40; **Nicolae Virgiliu Tănase v. Romania** [GC], §§ 207-208, u **Koziy v. Ukraine**, § 25; **König v. Germany**, § 98; **X v. France**, § 31; **Schouten and Meldrum v. the Netherlands**, § 62; **Kress v. France** [GC], § 90; **Siermiński v. Poland** § 65).

**98.** Il-Gvern, kif rappreżentat mill-Kummissarju, ħalla jgħaddu 25 sena sakemm għoġbu jibgħat l-Avviż tal-Ftehim imsemmi. Wara li s-sidien, hawn Rikorrenti, kkontestaw l-ammont hemm indikat bl-ittra uffiċjali tat-13 ta' Awwissu 2001, l-istess Gvern kif hekk rappreżentat għoġbu jħalli jgħaddu kważi sentejn oħra sakemm intavola l-proċeduri ġuddizzjarji quddiem il-Bord ta' l-Arbitraġġ fit-23 ta' Mejju 2003 bir-Rikors numru 32/56.

**99.** Min-naħa tiegħu l-Bord ħa kważi 12-il sena u nofs sakemm l-istess ġew konklużi b'sentenza mogħtija minnu fit-18 ta' Novembru 2015 (ara fol

234 atti allegati). Wara l-appelli li ġew reġistrati minn entrambi l-partijiet fit-3 u l-4 ta' Diċembru 2015 (ibid fol 241 u 252), l-Qorti tal-Appell umbagħad ħalliet jgħaddu iktar minn tlett snin sakemm appuntat l-istess fl-14 ta' Marzu 2019 (ibid fol 273) u iktar minn 7 xhur oħra sakemm tat is-sentenza finali tagħha fl-24 ta' Ottubru 2019 (ibid fol 276). Sussegwentement, l-Gvern kif issa rappreżentat mill-Awtoritá Intimata għoġbu jeżegwixxi s-sentenza sena u kważi xahrejn wara bil-kuntratt tal-15 ta' Diċembru 2020 (fol 91).

**100.** Skont kif ġie ritenut mill-QEBD u applikat fil-qrati tagħna, id-*dies ad quem* tal-kejl taż-żmien rilevanti huwa l-mument fejn l-ilment in disputa jkun ġie solvut b'sentenza li tkun definittiva u finali u eżegwita, f'dan il-każ bil-kuntratt tal-15 ta' Diċembru 2020 (**Poiss v. Austria**, ibid; **Blake v. the United Kingdom** §40; **König v. Germany** § 98; **Kudła v. Poland** §122).

**101.** Joħroġ mid-dati su esposti li, mid-dikjarazzjoni tal-President fl-Avviż numru 605 tal-Gazzetta tal-Gvern datata 29 ta' Settembru 1977 sal-kuntratt datat 15 ta' Diċembru 2020, l-akkwist b'xiri assolut tal-proprjetajiet imsemmija ħa xejn inqas minn **<u>43 sena, xahrejn u sittax -il ġurnata</u>** biex jiġi eżegwit.

**102.** Huwa veru li l-Qorti Ewropea ma preskrivitx terminu oġġettiv ta' żmien li kawża tista' tieħu biex tiġi konkluża fiż-żmien raġjonevoli. Tabilħaqq, minflok ma għamlet dan, il-Qorti Ewropea stabbilit li l-kejl tar-raġjonevolezza taż-żmien għandu jitqies wara li jiġu applikati l-erba' kriterji (ġia fuq esposti) għaċ-ċirkostanzi partikolari ta' kull każ, jew wara valutazzjoni ġenerali meta dawn il-kriterji jkunu intimament relatati (ara

kunsiderazzjonijiet legali supra). Madankollu, kif ukoll ġia aċċennat supra, jirriżulta mill-istudju li wettqet is-CEPEJ li l-itwal ħin aċċettat mill-Qorti huwa rarament aktar minn ħames snin u kważi qatt aktar minn tmien snin ta' dewmien. Fil-każijiet meqjusa bħala ta' prijoritá li fihom kwistjoni partikolari hija f'riskju, il-Qorti sabet ksur anke jekk il-każ dam inqas minn sentejn f'kull stadju tal-proċeduri. L-uniċi każijiet li fihom il-Qorti ma sabitx ksur minkejja t-tul manifestament eċċessiv tal-proċeduri kienu każijiet fejn l-imġieba ta' l-applikant kienet fattur ewlieni.

**103.** Huwa għalhekk evidenti li dewmien ta' **43 sena, xahrejn u sittax-il ġurnata** f'kawża ta' kumpens għat-teħid ta' proprjetá huwa bla dubju inordinatament twil u in eċċess ta' dak raġjonevolment meħtieġ sabiex il-ġustizzja tiġi amministrata b'mod tajjeb u xieraq a tenur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni u l-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni.

**104.** Fid-dawl ta' dak li sabet l-ECEJ fl-istudju tagħha tal-każistika tal-QEBD, biex il-Qorti ma ssibx l-Istat ħati ta' ksur tar-rekwiżit taż-żmien raġonevoli minkejja dan id-dewmien manifest u eċċessiv tal-proċeduri hawn ilmentati, hija trid issib li l-imġieba tar-rikorrenti kienet fattur ewlieni ta' dan id-dewmien.

**105.** Difatti, kif ġia kkunsidrat supra, l-Istat ma jinżammx responabbli għal dewmien ikkawżat b'riżultat ta' l-aġir tal-parti li qed tilmenta. Dan peress li l-kondotta tal-parti msemmija tikkostitwixxi fatt oġġettiv li l-istat m'għandux kontroll fuqha u li għalhekk ma jistax jiġi attribwit lilu (**Nicolae Virgiliu**

**Tănase v. Romania** [GC], §211; **Poiss v. Austria** § 57; **Wiesinger vs Austria** § 57; **Humen v. Poland** [GC] § 66 ġia ċitati supra).

**106.** Mill-atti proċesswali marbutin mar-Rikors numru 32/03, jirriżulta li l-Gvern, kif dak iż-żmien rappreżentat mill-Kummissarju, ħa 27 sena mid-dikjarazzjoni Presidenzjali tad-29 ta' Settembru 1977 biex beda l-proċedura appożita sabiex jassigura li s-sid jiġi kkumpensat għat-teħid tal-proprjetá tiegħu: 25 sena biex jibgħat l-Avviż tal-Ftehim u kważi sentejn biex intavola l-proċeduri ġuddizzjarji quddiem il-Bord ta' l-Arbitraġġ fit-23 ta' Mejju 2003 bir-Rikors numru 32/56.

**107.** Min-naħa tagħhom il-proċeduri quddiem il-Bord ġew milquta b'dewmien manifest ta' 12 -il sena oħra.

**108.** F'dawn il-proċeduri s-sidien intimati hawn Rikorrenti, talbu differiment darba biss minħabba safar (ara atti allegati, rikors a' fol 66 u verbal tal-1 ta' Ottubru 2005 a' fol 68) qabel ma ddikjaraw li għalqu l-provi fil-verbal tat-8 ta' Novembru 2007 (ibid fol 119). Il-Bord madanakollu, għal raġuni mhux magħrufa, ħalla lis-sidien intimati hawn Rikorrenti għaddejjin bil-provi tagħhom għal iktar min sena u nofs oħra, preċiżament sal-4 ta' Ġunju 2009, minkejja li kienu ġia għalqu l-provi tagħhom (ara verbal a' fol 152). F'din is-sena u nofs, s-sidien Intimati ħlew 3 seduti konsekutivi fejn fihom sempliċiment talbu differiment biex jirregolaw u jressqu l-provi tagħhom (ara verbal 15 ta' Mejju 2008 a' fol 137, verbal 19 ta' Ġunju 2008 a' fol 138 u 23 ta' Ottubru 2008 a' fol 141). Joħroġ għalhekk li, f'dawn il-

proċeduri, d-dewmien li setgħu kkontribwew għalih is-sidien kien ta' mhux iktar minn sena u nofs, u dan minħabba n-nuqqas tal-Bord li ta konċessjoni għat-talbiet tagħhom għal differiment minkejja li kienu ġia għalqu l-provi.

**109.** Huwa veru li bil-kondotta tiegħu l-avukat tas-sidien Intimati, hawn rikorrenti, xejn ma ħabrek biex fl-interess tagħhom ifittex jikseb sentenza f'qasir żmien. Madanakollu, kif joħroġ mill-konsiderazzjonijiet legali supra, l-istat ma jistax jinqeda bl-imġieba tal-avukat tas-sidien hawn rikorrenti sabiex jiġġustifika dak il-perjodu inordinatament twil u eċċessiv ta' inattivitá. Ir-responsabbiltá ewlenija għall-preparament ta' każ u għat-tmexxija mgħaġġla tas-smiegħ tal-kawża taqa' taħt il-ġudikant, f'dan il-każ il-Bord (**Capuano vs Italy** § 30-31 ġia ċitata supra).

**110.** Il-Bord ma setgħax jibqa' indifferenti għall-abbuż mill-avukat tal-Intimati hawn Rikorrenti tad-drittijiet proċedurali u dewmien persistenti fil-proċeduri: l-attitudni tiegħu ma teżonerax lill-Bord mid-dmir tiegħu li jikkonforma mar-rekwiżit kostitutuzzjonali u konvenzjonali billi jiżgura s-smiegħ xieraq tal-proċess ġudizzjarju egħluq żmien raġonevoli (ara sentenzi ġia ċitati supra).

**111.** Dan id-dmir iżda l-Bord ma laħqux, mhux biss għax ftit li xejn ħa azzjoni u miżuri biex iħeġġeġ l-avukati tal-partijiet iwettqu b'mod attiv id-dmirijiet proċedurali tagħhom (ara f'dan ir-rigward talbiet għal differimenti fuq talba tal-Kummissarju fil-verbali tal-10 ta' Jannar 2005 a' fol 41 u tad-9 ta' Diċembru 2010 a' fol 175) iżda, għar min hekk, għax ħalla l-istess

proċeduri jintlaqtu minn, fi kliemu stess, "*prokrastinazzjoni grossolana da parte ta' l-amministrazzjoni ta' dana l-Bord*" (ara sentenza tat-18 ta' Novembru 2015 a' fol 233).

**112.** Tabilħaqq id-dewmien manifest ta' dawn il-proċeduri kien konsegwenza prinċipali tal-aġir tal-istess Bord li ddiferixxa numru kbir ta' seduti (madwar 25 waħda) b'ordni tiegħu stess, prinċipalment minħabba indispożizzjoni tac-Chairman, għaliex il-periti membri ma ppreżentawx ir-rapport tagħhom u għax jeħtieġlu iktar żmien għas-sentenza (ara verbali tat-8 ta' Frar 2007 a' fol 115, 18 ta' April 2007 a' fol 117, 28 ta' Ġunju 2007 a' fol 118, 22 ta' Jannar 2008 a' fol 144, 22 ta' Ottubru 2009 a' fol 153, 14 ta' Jannar 2010 a' fol 156, 18 ta' Frar 2010 a' fol 157, 22 ta' April 2010 a' fol 172, 10 ta' Ġunju 2010 a' fol 173, 14 ta' Ottubru 2010 a' fol 174, 7 ta' Jannar 2011 a' fol 176, 17 ta' Marzu 2011 a' fol 177, 26 ta' Mejju 2011 a' fol 178, 27 ta' Ottubru 2011 a' fol 179, 18 ta' Jannar 2012 a' fol 180, 21 ta' Novembru 2012 a' fol 187, 21 ta' Novembru 2012 a' fol 210, 10 ta' April 2013 a' fol 223, 9 ta' Ottubru 2013 a' fol 225, 11 ta' Diċembru 2013 a' fol 226, 26 ta' Frar 2014 a' fol 227, 21 ta' Mejju 2014 a' fol 228, 22 ta' Ottubru 2014 a' fol 229, 14 ta' Jannar 2015 a' fol 230 u 17 ta' Ġunju 2015 a' fol 231)

**113.** Din il-Qorti għaldaqstant tilqa' l-ilment ta' nuqqas ta' smiegħ xieraq fi żmien raġjonevoli tal-proċeduri msemmija u tiddikjara li f'dan ir-rigward saret vjolazzjoni flagranti tal-jedd tagħhom għas-smiegħ xieraq fi żmien raġonevoli protett bl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni.

## L-ILMENT TA' NUQQAS TA' SMIGĦ IMPARZJALI

**114.** Kif ġia espost fil-kunsiderazzjonijiet legali supra, il-QEBD qieset bħala leżiv tad-dritt għal smigħ imparzjali protett bl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni applikazzjoni retroattiva ta' liġi li daħlet fis-seħħ fil-mori ta' proċeduri li fihom l-Istat huwa part biss meta l-Istat ikun irrikorra għal din il-liġi mingħajr ma jiġġustifika dan taħt raġunijiet impellenti ta' interess ġenerali/pubbliku ("*on compelling grounds of the general interest*") (ara **Zielinski, Pradal, Gonzalez and Others v. France** [GC], 1999, § 57; **Scordino v. Italy (no. 1)** [GC], 2006, § 126); **Azienda Agricola Silverfunghi S.a.s. and Others v. Italy**, 2014, u 88-89).

Il-proviso fl-artikolu 25(1) tal-Kap. 88 miżjud bl-Att XXVII tal-2004

**115.** Huwa minnu li l-artikolu 25 tal-Kap. 88, qabel ma ġie emendat bl-Att imsemmi, ma kien jimponi ebda limitu fuq il-Bord, fir-rigward tal-ammont ta' kumpens li seta' jistabilixxi għall-art li kienet qed tiġi esproprjata. L-istess Kap. 88 però lanqas ma kien jimponi fuq is-sid ta' art esproprjata li jitlob huwa stess il-kumpens għal dan it-teħid.

**116.** L-applikazzjoni retroattiva ta' dan il-proviso fl-artikolu 25(1) tal-Kap. 88 ġie miżjud bl-Att imsemmi proprju sabiex tipprovdi għal din il-prattika adoperata mis-sidien li, minflok għażlu li jistrieħu u joqgħodu fuq il-kumpens li kien se jiffissa l-Bord, iddeċidew minn jeddhom u bla ma kienu legalment limitati u wisq iżjed obbligati, li jitolbu huma stess l-ammont ta'

kumpens għall-art li ġiet lilhom meħuda mill-gvern. Dan possibilment biex jikkawtelaw id-drittijiet kostituzzjonali tagħhom, f'każ li l-Bord jillikwida kumpens inqas minn dak minnhom mitlub (ara **Maria Theresa Deguara Caruana Gatto** para 37 u 38)

**117.** Kif sewwa rriteniet il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża **Frank Calleja et** "*meta sid l-art jiddikjara l-kumpens li jkun qed jippretendi in kontrakambju ghall-esproprju, fil-verita` huwa jkun qieghed jiddikjara l-ammont li huwa stess iqis bhala kumpens xieraq ghat-tehid ta' l-art. Jista ghalhekk jigi validament argumentat li ma huwiex fl-interess pubbliku li l-Gvern jigi mgieghel ihallas ta' l-art esproprjata kumpens oghla minn dak li sidha stess minn rajh ikun talab ghaliha ghas-semplici raguni li z-zewg membri teknici jkunu ta' opinjoni – anke jekk opinjoni esperta – diversa minn sid l-art ghal dak li huwa l-prezz gust skond il-ligi.* ***Ghalhekk ir-rekwizit ta' l-interess pubbliku huwa sodisfatt.***"

**118.** Kif sewwa irriteniet ukoll l-istess **Qorti tal-Appell fil-kawża ta' Deguara Caruana Gatto**, l-proviżo miżjuda fl-artikolu 25(1) bl-Att imsemmi 'ikkristallizżat b'disposizzjoni pożittiva' r-regola tas-suq liberu li s-sid, qua bejjiegħ, għalkemm furzat, jieħu l-għola kumpens li talab huwa stess, min jeddu, bla ma kien legalment limitat u wisq iżjed obbligat li jitolbu: " *jaghmel sens u huwa logiku li din ir-regola, li l-bejjiegh jistabbilixxi fl-ewwel lok il-prezz ghal bejgh tal-proprjeta` tieghu, tibqa' l-istess ossia tkun applikata wkoll fil-kaz ta' esproprju. ... ladarba fil-kaz odjern is-sidien intimati*

*ddikjaraw il-kumpens li qed jippretendu ghat-tehid ta' l-art taghhom – u l-ligi ma timponi l-ebda limitu fuq l-ammont li setghu jitolbu – huma kienu qieghdin effettivament jiddikjaraw l-ammont li, fl-opinjoni taghhom, kien jikkostitwixxi kumpens xieraq ghall-esproprjazzjoni li soffrew. La darba huma – bl-applikazzjoni ta' l-emenda impunjata – se jircievu dak kollu li talbu, huwa kontrosens li jinghad li se jigi miksur id-dritt taghhom ghall-kumpens xieraq ghax mhux se jinghataw dak li ma talbux!*

*... l-emenda fil-ligi bl-ebda mod ma naqqset l-ammont ta' kumpens xieraq li l-intimati appellati ddikjaraw li qed jippretendu, ghax, kif gja` nghad, il-kumpens li huma talbu, gie likwidat favur taghhom fl-intier tieghu. Certament, bejjiegh ma jistax jippretendi li xerrej ihallas prezz oghla minn dak li huwa stess ikun talab ghall-bejgh tal-proprjeta` tieghu."*

**119.** L-applikazzjoni retroattiva tal-proviso tal-artikolu 25(1) tal-Kap. 88 bl-Att XXVII tal-2004 hija għalhekk ġustifikata billi msejsa fuq raġunijiet impellenti ta' interess ġenerali/pubbliku fuq esposti fil-sentenzi ċitati.

**120.** Il-Qorti għaldaqstant tikkonkludi li, fir-rigward ta' dan l-artikolu, ma tissustix il-vjolazzjoni reklamata taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni.

<u>L-artikolu 12(3) tal-Kap. 88</u>

**121.** L-artikolu 12(3) ġie introdott fil-Kap. 88 bl-Att XI tal-2002 u sussegwentement emendat bl-Atti I u II tal-2006, jiġifieri ferm qabel ma ġie

ffissat il-valur tal-kumpens mill-Bord fis-sentenza tat-18 ta' Novembru 2015 kif konfermata mil-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha tal-24 ta' Ottubru 2019.

**122.** Ma jistgħax jingħad għalhekk li saret applikazzjoni retroattiva ta' dan l-artikolu fil-konfront tas-sidien hawn Rikorrenti. Dan billi l-imsemmi artikolu seta jsir biss applikabbli mal-mument li l-valur tal-kumpens ġie hekk iffissat mil-Bord u konfermat mil-Qorti tal-Appell.

**123.** Il-Qorti hija perplessa kif ir-rikorrenti qed jippretendu li għandu jiġi applikat favur tagħhom l-artikolu 12(3) kif kien introdott bl-Att XI tal-2002 u mhux kif ġie emendat bl-Att III tal-2006. Iż-żewġ Atti daħlu fis-seħħ fil-mori tal-eżekuzzjoni tal-akkwist b'xiri assolut tal-artijiet meħuda mil-Gvern permezz ta' dikjarazzjoni tal-President fil-Gazzetta tal-Gvern tad-29 ta' Settembru 1977. Għalhekk ma hemm l-ebda raġuni għalfejn għandu japplika għar-rikorrenti l-artikolu 12(3) kif introdott bl-Att XI tal-2002 u mhux kif ġie emendat bl-Att III tal-2006.

**124.** Kif ġia kunsidrat, id-*dies a quo* tal-proċeduri ċivili quddiem il-Bord permezz tar-rikors numru 32/03 ma hijiex id-data li fiha l-Gvern, kif dak iż-żmien rappreżentat, għogbu jintavola l-istess Rikors, iżda hija d-data li fiha l-Gvern ħa l-pussess tal-art permezz ta' dikjarazzjoni tal-President fil-Gazzetta tal-Gvern tad-29 ta' Settembru 1977. Dan għaliex hija min dik id-data li l-Gvern kellu josserva dik id-diliġenza raġjonevoli mistennija minnu

li mill-aktar fis jibda l-proċess ta' likwidazzjoni biex is-sidien jiġu adegwatament kompensati.

**125.** Ir-Rikorrenti ma jistgħux l-ewwel jilmentaw bid-dilungar eċċessiv tal-gvern f'li jibda l-proċess ta' likwidazzjoni imbagħad jinqdew bl-istess delungar biex japplikaw favurihom liġi li ma kienetx fis-seħħ fil-mument li ttieħdet il-proprjetá in kwistjoni u li setgħet biss tiġi applikata mal-mument li l-valur ġie ffissat mill-Bord u konfermat mill-Qorti tal-Appell.

**126.** Ladarba fil-mument li ħarġet id-dikjarazzjoni, jiġifieri fid-29 ta Settembru 1977, ma kien hemm l-ebda liġi li tgħati dan id-dritt għall-imgħax pretiż mir-Rikorrenti, l-introduzzjoni ta' dan id-dritt fl-artikolu 12(3) permezz ta' l-Att XI tal-2002 u l-emenda bl-Att III tal-2006 xejn ma "*naqsu u affettwaw drastikament id-dritt tar-Rikorrenti għall-imgħax*" (premessa numru 33). Anzi, kif tajjeb osservat mill-Qorti Kostiuzzjonali fis-sentenza ta' **Emidio Azzopardi et v. Kummissarju tal-Artijiet et** gia kwotata mill-Qorti tal-Appell fl-atti tar-Rikors numru 32/3002 hawn allegati, "*l-komputazzjoni tal-imghax fuq il-medja bejn l-ammont indikat fl-avviz ghal ftehim u l-ammont likwidat mill-Bord tirrapprezenta komputazzjoni gusta, stante li tiehu in konsiderazzjoni l-awment fil-valur tal-artijiet in kwistjoni mid-data tat-tehid taghhom sad-data tal-likwidazzjoni mill-Bord. Din il-konkluzjoni tassumi aktar qawwa fid-dawl tal-fatt li, kif ser jigi mfisser aktar 'il quddiem, qabel l-emendi l-pozizzjoni dwar l-imghaxijiet ma kinitx regolata bil-ligi, izda kienet bazata fuq ir-rati bankarji vigenti.... qabel ma gew fis-sehh l-imsemmija*

*emendi, ma kien hemm ebda ligi li tirregola kif kellu jigi ikkalkolat l-imghax ghad-dewmien fil-hlas tal-kumpens. Kif tixhed Margaret Falzon waqt l-udjenza tal-11 ta' Mejju 2015 qabel ma dahlu l-emendi kontestati, kienet il-prattika kostanti li jithallas 5% fuq l-ammont offrut mill-Kummissarju jew fuq l-ammont likwidat mill-Bord, mid-data tal-akkwist jew tat-tehid, sad-data tal-pubblikazzjoni tal-kuntratt finali. Din, izda, ma kienet tohrog minn ebda ligi imma kienet biss il-prassi segwita bazata fuq ir-rati bankarji ta' imghax pagabbli fiz-zmien li dahlet fis-sehh tali prassi.*

*"40. Jirrizulta ghalhekk illi bl-emendi giet indirizzata u regolata mil-legislatur lacuna fil-ligi. L-emendi in kwistjoni jirregolaw sitwazzjoni li ma kinitx precedentement regolata b'ligi, u ghalhekk huwa legalment insostenibbli l-argument tar-rikorrenti illi l-applikazzjoni ta' dawn ir-regoli ghall-kaz in kwistjoni iccahadhom milli jircievu l-imghaxijiet fuq is-somma kapitali kollha dovuta lilhom mill-Istat…. Dak li jaghmlu dawn l-emendi huwa li jirregolarizzaw is-sistema ta' komputazzjoni ta' imghax fuq il-hlas ta' kumpens dovut mill-Kummissarju tal-Artijiet – sistema li qabel kienet inezistenti fis-sistema guridika taghna. Ghalhekk jirrizulta car li l-emendi legislattivi ma kisru ebda "dritt akkwizit" tar-rikorrenti".*

**127.** Fid-dawl ta' dak appenna ikkonsidrat il-Qorti tikkonkludi li ma tissusisti ebda vjolazzjoni ta' smiegħ imparzjali protett bl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni. Konsegwentement tiddikjara inamissibbli dan l-ilment tar-Rikorrenti.

## L-ilment taħt l-ewwel artikolu protokollari tal-Konvenzjoni

**128.** Ir-Rikorrenti jirreklamaw vjolazzjoni tad-drittijiet tagħhom sanċiti f'dawn l-artikoli fuq il-premessa li huma kellhom *"*aspettattiva leġittima" fir-rigward tal-kumpens u l-imgħax lilhom dovut.

**129.** Kif joħroġ mill-prinċipji legali ġia kunsiderati supra l-kwistjoni tal-aspetattiva leġittima kif reklamata mir-Rikorrenti fir-rigward tal-kumpens lilhom dovut, ossia li l-Bord tal-Arbitragg jillikwida l-kumpens skont l-istima unanima tal-Periti Membri Tekniċi tiegħu a tenur tal-liġi kif kienet fi żmien li nħareġ l-Avviż ta' Ftehim, ġia ġiet mressqa u trattata darbtejn quddiem il-Qrati nostrali bil-mezz ta' riferenza kostituzzjonali fil-kawżi **Kummissarju tal-Artijiet v. Maria Theresa Deguara Caruana Gatto et**, ċitata mill-Qorti tal-Appell stess fis-sentenza tal-24 ta' Ottubru 2019 fl-atti tar-Rikors 32/03 hawn allegat, u **Kummissarju tal-Artijiet v. Frank Calleja et**, it-tnejn mogħtija mil-Qorti Kostituzzjonali fis-6 ta' Settembru 2010.

**130.** Fiż-żewġ kawżi, l-Qorti Kostituzzjonali ddeterimnat il-leġittimitá o meno tal-aspettativa tar-Rikorrenti skont l-istadju partikolari li fih kienu wasslu l-proċeduri fil-mument li ġie promulgat b'applikazzjoni retroattiva il-proviso għall-artikolu 25 tal-kap. 88 bl-Att XXVII tal-2004. Il-Qorti Kostituzzjonali partikolarment qieset jekk il-proviso ġiex hekk promulgat qabel jew wara l-preżentata fl-atti ir-rapport tal-Periti Tekniċi tal-Bord.

**131.** Il-Qorti Kostituzzjonali kkonkludiet li l-aspettattiva tas-sidien ma hijiex waħda leġittima f'ċirkostanzi fejn ir-relazzjoni tal-membri tal-Bord ma kienetx fl-atti qabel il-promulgazzjoni ta' l-emenda. Dan għaliex, f'dak il-każ "*ma kien hemm l-ebda raguni li kienet ragonevolment tiggustifika lill-intimati jippretendu li l-ammont li kien se jigi likwidat bhala kumpens mill-Bord kien se jkun oghla mill-ammont li huma stess kienu talbu*". Dan speċjalment fid-dawl ta' żewġ fatturi oħra li huma: (1) in-nuqqas ta' dikjarazzjoni min naħa tas-sidien, f'xi stadju tal-proċeduri qabel il-promulgazzjoni ta' l-emenda in kwistjoni, li huma qed jitolbu kumpens ogħla minn dak mitlub minnhom (2) il-konsapevolezza tas-sidien li l-Bord ma setgħax jillikwida kumpens ogħla mill-ammont li huma stess kienu talbu konsegwenza tal-liġi kif emendata bl-inklużjoni tal-proviso imsemmi. (ara **Maria Theresa Deguara Caruana Gatto** ċitata supra).

**132.** Inverżament, l-aspettattiva tas-sidien titqies bħala waħda leġittima/ġustifikata jekk l-emenda fl-artikolu 25 ġiet promulgata wara li l-membri tekniċi tal-Bord kienu ġia ddeterminaw l-ammont ta' kumpens skont il-liġi u l-proċeduri kienu ġia differiti iktar min darba għas-sentenza wara li s-sidien kienu espressament irrimettew ruħhom għar-relazzjoni ta' l-istess membri tekniċi. F'dak il-każ l-aspettativa tas-sidien tqieset bħala waħda leġittima u tali emenda f'dak l-istadju tal-proċeduri tqieset baħal waħda li kkostitwiet *interferenza li tammonta ghal tehid ta' possediment, jew ahjar, ta' parti minnu* u kaġonat *"an individual and excessive burden" fuq is-sid* bi

vjolazzjoni tal-artikolu 1 tal-ewwel protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea (ara **Frank Calleja** ċitata supra).

**133.** Fil-każ odjern ir-relazzjoni tal-periti tekniċi tal-Bord daħlet fl-atti fis-7 ta' Frar 2012 (ara fol 181 tal-atti hawn allegati), jiġifieri ben 8 snin wara li l-proviso in kwistjoni ġie promulgat bl-Att XXVII tal-2004. Magħdud dan, ma saret l-ebda dikjarazzjoni min-naħa tas-sidien li huma qed jitolbu kumpens ogħla minn dak mitlub minnhom. Lanqas ma ġie minnhom reġistrat ilment għal din l-emenda minkejja li kienu ben konsapevoli tagħha (ara verbal tal-14 ta' Ottubru 2010 a' fol 174 tal-atti hawn allegati).

**134.** B'applikazzjoni għal prinċipji kunsidrati fiż-żewġ sentenzi imsemmija, ma jistax jingħad għalhekk li qabel il-promulgazzjoni ta' l-emenda impunjata, is-sidien Rikorrenti kellhom aspettattiva leġittima illi l-Bord kien se jillikwida l-kumpens ta' l-esproprju f'ammont ogħla minn dak minnhom mitlub. Għaldaqstant, ir-Rikorrenti m'għandhomx "possediment" fit-termini ta' l-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea, u konsegwentement dan l-Artikolu mhux applikabbli.

**135.** Lanqas ma jista jingħad li, fir-rigward tal-ammont t'imgħax, ir-Rikorrenti kellhom aspettattiva leġittima li ġiet lilhom "*leża u vjolata bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni sussegwenti*", jiġifieri "*bl-emendi fuq riprodotti, li daħlu fis-seħħ fl-2006 waqt is-smigħ tal-proċeduri quddiem il-Bord tal-Arbitraġġ dwar Artijiet*" (premessa 23).

**136.** Kif ġia ingħad fil-parti fejn din il-Qorti kkunsidrat il-leżjoni għad-dritt tas-smigħ imparzjali reklamata mir-Rikorrenti, fil-mument li ġew meħuda l-artijiet in kwistjoni bid-dikjarazzjoni presidenzjali tad-29 ta Settembru 1977, ma kien hemm l-ebda liġi li tgħati dan id-dritt għall-imgħax pretiż mir-Rikorrenti. L-introduzzjoni ta' dan id-dritt fl-artikolu 12(3) permezz ta' l-Att XI tal-2002 u l-emenda bl-Att III tal-2006 daħlu fis-seħħ ben tlettax il-sena qabel ma setgħu jiġu applikabli bil-fissazzjoni tal-valur mil-Bord kif konfermat mil-Qorti tal-Appell bis-sentenza tal-24 ta' Ottubru 2019. Għaldaqstant dawn l-emendi mhux talli xejn ma "*naqsu u affettwaw drastikament id-dritt tar-Rikorrenti għall-imgħax*" iżda, kif tajjeb osservat mil-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza ta' **Emidio Azzopardi et v. Kummissarju tal-Artijiet et** gia su ċitata "*giet indirizzata u regolata mil-legislatur lacuna fil-ligi. L-emendi in kwistjoni jirregolaw sitwazzjoni li ma kinitx precedentement regolata b'ligi, u ghalhekk huwa legalment insostenibbli l-argument tar-rikorrenti illi l-applikazzjoni ta' dawn ir-regoli ghall-kaz in kwistjoni iccahadhom milli jircievu l-imghaxijiet fuq is-somma kapitali kollha dovuta lilhom mill-Istat…. Dak li jaghmlu dawn l-emendi huwa li jirregolarizzaw is-sistema ta' komputazzjoni ta' imghax fuq il-hlas ta' kumpens dovut mill-Kummissarju tal-Artijiet – sistema li qabel kienet inezistenti fis-sistema guridika taghna. Ghalhekk jirrizulta car li l-emendi legislattivi ma kisru ebda "dritt akkwizit" tar-rikorrenti".*

**137.** Ladarba ma kellhom ebda dritt legali għall-imgħax meta ttieħdet lilhom il-proprjetajiet in kwistjoni, l-anqas din l-aspettativa tas-sidien għal

dan id-dritt ma tista titqies bħala waħda leġittima. Għalhekk, ir-Rikorrenti m'għandhomx "possediment" fit-termini ta' l-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea, u konsegwentement dan l-Artikolu mhux applikabbli. Isegwi għalhekk li anke dan l-ilment tar-Rikorrenti, kif ibbażat fuq l-ewwel artikolu protokollari tal-Konvenzjoni, huwa inammissibli.

**138.** Din il-Qorti sejra għaldaqstant u b'applikazzjoni tal-kunsiderazzjonijiet legali supra, tiċħad it-talbiet tar-Rikorrenti safejn dawn huma mibnija fuq l-ilment ta' leżjoni tad-dritt tas-smiegħ imparzjali protett bl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni.

**139.** Din il-Qorti sejra b'applikazzjoni tal-kunsiderazzjonijiet legali supra, tiċħad ukoll it-talbiet tar-Rikorrenti safejn dawn huma mibnija fuq leżjoni tad-drittijiet fondamentali sanċiti fl-ewwel artikolu protokollari tal-Konvenzjoni u l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni.

**140.** Il-Qorti sejra wkoll tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti safejn dawn jirrigwardaw vjolazzjoni tal-artikolu 13 tal-Konvenzjoni. Dan l-artikolu jistipula li "*Kull min ikollu miksura d-drittijiet u l-libertajiet tiegħu kontemplati f'din il-Konvenzjoni għandu jkollu rimedju effettiv quddiem awtorità nazzjonali…*" (emfażi tal-Qorti). Dan l-artikolu għaldaqstant jindirizza lil dak l-Appart aġġudikattiv Istituzzjonali, li għandu s-setgħa li jagħti rimedju. Dak l-Appart Istituzzjonali, fil-każ tal-ordinament ġuridiku Malti, hija din il-Qorti fil-kompetenza Kostituzzjonali u mhux il-il-Bord ta' l-Arbitraġġ dwar l-Artijiet.

**141.** Il-Qorti sejra għalhekk tilqa' l-ewwel talba tar-Rikorrenti limitatament safejn hija msejsa fuq il-leżjoni tad-dritt fondamentali għas-smiegħ xieraq fi żmien raġjonevoli protett bl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u biss fil-konfront ta' dawk ir-Rikorrenti li deheru fuq il-kuntratt tal-15 ta' Diċembru 2020, jiġifieri Andre Bianchi, Perit Nichoals Bianchi, Dorothy Trapani Galea, Anna-Maria Tabone Bianchi, John Huber, Colin Huber u Christopher Huber, Igino sive Gino Trapani Galea Feriol u Dottor Nicholas Trapani Galea Feriol flimkien mal-Perit Nicholas Bianchi qua eżekuturi testamentarji tal-assi tal-mejta Emilie Trapani Galea.

**142.** Il-Qorti sejra issa tgħaddi biex tqis il-bqija tat-talbiet rimedjali limitatament għal vjolazzjoni subita mir-Rikorrenti tad-dritt fundamentali għas-smiegħ xieraq fi żmien raġjonevoli. Hemm ir-Rikorrenti qed jitolbu l-kundanna tal-intimati jew min minnhom għad-danni morali u materjali (ara t-tieni u t-tielet talba).

**143.** Din il-Qorti tara li dawn it-talbiet rimedjali huma bbażati fuq l-artikolu 13 tal-Konvenzjoni li jipprovdi dritt għar-rimedju effettiv quddiem Qorti Nazzjonali.

**144.** Skont il-QEBD l-artikolu 13 jippermetti lill-Istat jagħżel bejn żewġ tipi ta' rimedji effettivi għal-vjolazzjoni tar-rekwiżit tas-smiegħ xieraq fi żmien raġonevoli: rimedju preventiv u rimedju riparatorju, kompensatorju jew pekunjarju. Ir-rimedju preventiv huwa ddisinjat biex iħaffef il-proċeduri, fejn dawn ikunu għadhom pendenti. Dan sabiex ma jħallix li jsiru

eċċessivament twal. Ir-rimedju riparatorju, kompensatorju jew pekunjarju jipprovdi rimedju għal dewmien *ex post facto*, jiġifieri għal dewmien li diġá seħħ, kemm jiekk il-proċeduri għadhom pendenti kif ukoll jekk dawn ikunu ġia ingħalqu (**Kudła v. Poland** [GC], 2000 § 159; **Mifsud v. France** (dec.) [GC], 2002 § 17, **Sürmeli v. Germany** [GC], 2006, § 99).

**145.** Il-QEBD spjegat li fejn sistema ġudizzjarja tiddifetta milli tħares ir-rekwiżit ta' żmien raġonevoli taħt l-Artikolu 6§1, ir-rimedju preventiv imfassal biex iħaffef il-proċeduri u ma jħallix li dawn isiru twal wisq huwa bla dubju u deċiżament l-aktar soluzzjoni effettiva (**Sürmeli v. Germany** [GC], 2006, § 100; **Wasserman v. Russia** (no. 2), 2008, § 47; **Burdov v. Russia** (no. 2), 2009, § 98; **Olivieri and Others v. Italy**, 2016, §45). Rimedju bħal dan joffri vantaġġ indisputabbli fuq rimedju merament kompensatorju. Dan peress li l-effett ta' rimedju preventiv, b'differenza minn dak kompensatorju, ma huwiex li jirrimedja biss il-ksur *a posteriori* iżda li jipprevjeni wkoll sejbien ta' vjolazzjonijiet suċċessivi fir-rigward tal-istess proċedimenti (**Giuseppina and Orestina Procaccini v. Italy** [GC], 2006, § 72; **Scordino v. Italy** (no. 1) [GC], 2006, § 183; **Hiernaux v. Belgium**, 2017, § 50). L-istess japplika għal-proċeduri konklużi b'sentenza finali iżda li għadha ma ġietx enforzata. Hawn il-QEBD tqis tal-akbar valur l-eżerċizzju ta' kwalunkwe mezz domestiku li jfittex jiżgura l-infurzar f'waqtu u b'hekk jiġi evitat ksur tar-rekwiżit taż-żmien raġonevoli (**Burdov v. Russia** (no. 2), 2009, § 98).

**146.** Ġie ritenut madanakollu li, meta tingħata sentenza favur individwu kontra l-Istat, ta' l-ewwel m'għandux jiġi mġiegħel juża mezzi rimedjali preventivi bħal dawn. Dan għaliex huma primarjament l-awtoritajiet kompetenti tal-istat, u mhux l-individwu, li fuqhom jaqá d-dmir li jikkonformaw mas-sentenza mogħtija billi jenforzawha. Huma l-istess awtoritajiet kompetenti li għandhom jużaw il-mezzi kollha disponibbli fis-sistema legali domestika sabiex iħaffu l-infurzar, u b'hekk jipprevenjenu ksur tal-Konvenzjoni (**Akashev v. Russia**, 2008, §§ 21-22).

**147.** Filwaqt li rimedju preventiv huwa preferibbli, rimedju kompensatorju jistá xorta jitqies bħala effettiv meta l-proċedimenti jkunu diġa eċċessivament twal u m'hemm l-ebda rimedju preventiv disponibbli (**McFarlane vs Ireland** [GC] § 108; **Kudła v. Poland** [GC], 2000, § 158; **Scordino v. Italy** (no. 1) [GC], 2006, § 187). Madanakollu rimedju bħal dan jitqies effettiv biss jekk ikun adegwat, xieraq, suffiċjenti u aċċessibli tenut kont tat-tul eċċessiv tal-proċeduri ġudizzjarji (**Mifsud v. France** (dec.) [GC], 2002, § 17). Il-QEBD hija għaldaqstant tenuta li tivverifika jekk il-mod li bih qed tiġi applikata u nterpretata l-liġi domestika joħloqx konsegwenzi li huma konsistenti mal-prinċipji tal-Konvenzjoni kif interpretati fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-istess QEBD (**Burdov v. Russia** (no. 2), 2009, § 99). Il-QEBD stabbilit għal dan il-għan ħames kriterji ewlenin li rimedju kompensatorju għandu jissodisfa sabiex jitqies bħala effettiv (**Burdov v. Russia** (no. 2), 2009, § 99; **Valada Matos das Neves v. Portugal**, 2015, § 73; **Wasserman v. Russia** (no. 2), 2008, §§ 49-51). Dawn huma:

1. Azzjoni għal kumpens għandha tinstema fi żmien raġonevoli (**Scordino v. Italy** (no. 1) [GC], 2006, § 194);
2. Il-kumpens għandu jingħata minnufih, prinċiplament mhux iktar tard minn sitt xhur wara s-sentenza li tkun tgħat il-kumpens issir enforzabbli (**Scordino v. Italy** (no. 1) [GC], 2006, § 198);
3. Il-liġijiet proċedurali li jirregolaw azzjoni għal kumpens għandhom ikunu konformi mal-prinċipji ta' ekwitá garantiti bl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni (**Scordino v. Italy** (no. 1) [GC], 2006, § 200);
4. Il-liġijiet li jirregolaw l-ispejjeż legali għandhom ifittxu li jevitaw milli jqiegħdu r-rikorrenti taħt piż eċċessiv fejn l-azzjoni tiegħu hija ġustifikata (**Scordino v. Italy** (no. 1) [GC], 2006, § 201);
5. Il-kumpens mogħti m'għandux ikun irraġonevoli meta mqabbel ma dak mogħti mill-QEBD f'każijiet simili (**Scordino v. Italy** (no. 1) [GC], 2006, §§ 202-206 and 213). Madanakollu, ammont ta' kumpens mogħti bħala rimedju fuq livell domestiku ma jiġix reż ineffettiv għax sempliċiment ma jkunx jikkorrispondi ma dak mogħti mill-QEBD f'każijiet simili (**Rišková v. Slovakia**, 2006, § 100; **Kaić and Others v. Croatia**, 2008, §§ 39 and 42). Hija l-kombinazzjoni ta' diversi fatturi flimkien li jistgħu jagħmlu r-rimedji ineffettivi. Il-Qorti sabet għalhekk ksur tal-artikolu 13 meta, fid-dawl tal-artikolu 6 § 1 rat li:
   a. Fejn ir-rikorrenti ma jkunx irċieva kumpens suffiċjenti u lanqas ikunu ġew imħeffa l-proċeduri. Hemmhekk l-istess kumpens

li, fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, kien ikun mod ieħor jitqies effettiv, jiġi reż ineffettiv (**ibid**., §§ 43-44); u

b. Fejn ma setax jinkiseb rimedju malajr flimkien ma għoti insuffiċjenti ta' danni (**Wasserman v. Russia** (no. 2), 2008, §§ 54-58).

**148.** Ġie rakkomandat li, bħala soluzzjoni ideali għal-problema ta' dewmien eċċessiv, iż-żewġ forom ta' dawn ir-rimedji jiġu kkombinati flimkien (ara **Recommendation *Rec(2004)6* of the Committee of Ministers to member states on the improvement of domestic remedies** *(adopted by the Committee of Ministers on 12 May 2004, at its 114th Session)*.

**149.** Ċerti Stati bħal l-Awstria, il-Kroazja, Spanja, Polonja u Slovakja għażlu li japplikaw din it-tip ta' soluzzjoni (**Cocchiarella v. Italy** [GC], 2006, § 77; **Scordino v. Italy** (no. 1) [GC], 2006, § 186). Stati bħal dawn li jikkombinaw dawn iż-żewġ rimedji jistgħu jagħtu ammonti li huma inqas minn dawk mogħtija mill-QEBD. Madankollu, l-ammont m'għandhux ikun irraġonevoli meta mqabbla mas-sentenzi mogħtija mill-istess QEBD f'każijiet simili (ibid., § 213). Difatti fil-kawża **Rutkowski and Others v. Poland**, 2015 (§§ 176 and 181-186), il-QEBD sabet li l-kumpens mogħti lill-ewwel rikorrent ammonta għal 5.5% biss ta' dak li l-QEBD kienet tagħtih kieku ma kienx hemm rimedju domestiku. Hija għalhekk ikkonkludiet li dak l-ammont ma kienx jikkostitwixxi rimedju xieraq u suffiċjenti biex jikkumpensa għat-tul eċċessiv tal-proċedimenti.

**150.** Il-QEBD irriteniet li Stati Membri jistgħu wkoll jgħażlu li jintroduċu rimedju kompensatorju biss, mingħajr ma' dak ir-rimedju jitqies bħala ineffettiv (**Mifsud v. France** (dec.) [GC], 2002; **Scordino v. Italy** (no. 1) [GC], 2006, § 187; **Burdov v. Russia** (no. 2), 2009, § 99; **Hiernaux v. Belgium**, 2017 §§ 59-62). L-Italja huwa eżempju ta' Stat li għażel li jintroduċi biss rimedju kompensatorju permezz tal-Att ta' Pinto tal-24 ta' Marzu 2001 li provda mezz ta' rimedju lil vittmi ta' proċeduri irraġonevolment twal.

**151.** Ġie stabbilit li fejn stat bħal dan ikun ħa l-pass sinjifikanti li jintroduċi fil-liġi domestika tiegħu rimedju ta' kumpens, il-QEBD għandha tħallilu marġni ta' apprezzament aktar wiesgħa. Dan sabiex tippermettilu jorganizza dan ir-rimedju in konsistenza mal-prassi u s-sistema legali tiegħu stess u b'mod konsan mal-i*standards of living* fil-pajjiż in kwistjoni (**Cocchiarella v. Italy** [GC], 2006, § 80). L-effettivitá ta' kumpens tiddependi mil-karatteristiċi partikolari tar-rimedju domestiku. Ir-rimedju mogħti abbażi tal-liġi domestika għandu madanakollu jibqa wieħed effettiv, adegwat u aċċessibli (**Scordino v. Italy**, 29 Mar. 2006, §195). Difatti l-QEBD sabet li r-rimedju introdott fl-Italja permezz tal-Att ta' Pinto ma kienx jissodisfa dawn l-kriterji prinċipalment minħabba dewmien eċċessiv fil-proċeduri għall-għoti ta' kumpens u minħabba ammonti ta' kumpens baxxi.

**152.** Dawn iż-żewġ kunsiderazzjoni għamlu r-rimedju ineffettiv, mhux xieraq u insuffiċjenti. Fis-sentenza **Scordino v. Italy** ġia riferuta, u tmien sentenzi oħra mogħtija fl-istess jum (**Riccardi Pizzati**, **Musci**, **Giuseppe**

**Mostacciuolo** (Nos. 1 and 2), **Cocchiarella**, **Apicella**, **Ernestina Zullo**, **Giuseppina and Orestina Procaccini v. Italy**, 29 ta' Marzu 2006), il-QEBD għalhekk iċċarat ir-rekwiżiti li għandhom jiġu sodisfatti (ġia esposti supra) biex rimedju kompensatorju jitqies effettiv, b'mod partikolari, li għandu jitħallas ammont raġonevoli fi żmien daqstant ieħor raġonevoli.

**153.** Fir-rigward ta' danni pekunjarji, il-QEBD għarfet li l-qrati huma kjarament f'pożizzjoni aħjar biex jiddeterminaw l-eżistenza u l-quantum. Hija għalhekk ħalliet f'idejn il-Qrati nazzjonali sabiex jiddeterminaw l-ammont xieraq ta' danni pekunjarji bħala rimedju effettiv għal-ksur ta' smigħ xieraq fi żmien raġjonevoli, dment li l-proċedura applikata hija konformi mal-prinċipji ta' ekwitá garantiti bl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni:

"*With regard to the concern to have a remedy affording compensation that complies with the reasonable-time requirement, it may well be that the procedural rules are not exactly the same as for ordinary applications for damages. <u>It is for each State to determine, on the basis of the rules applicable in its judicial system, which procedure will best meet the compulsory criterion of "effectiveness", provided that the procedure conforms to the principles of fairness guaranteed by Article 6 of the Convention</u>.*" (**Scordino vs Italy (No 1)** [GC] §200, sottolinear ta' din il-Qorti).

**154.** Għal dak li jirrigwarda danni morali, il-QEBD fl-istess sentenza kompliet tistqarr f'para 204 u 205 is-segwenti:

“*Regarding non-pecuniary damage, the Court – like the Italian Court of Cassation (see its judgment no. 8568/05, paragraph 70 above) – assumes that there is a strong but rebuttable presumption that excessively long proceedings will occasion non-pecuniary damage.* ***It also accepts that, in some cases, the length of proceedings may result in only minimal non-pecuniary damage or no non-pecuniary damage at all*** *(see Nardone, cited above).* ***The domestic courts will then have to justify their decision by giving sufficient reasons.***

*Moreover, in the Court’s view, the level of compensation depends on the characteristics and effectiveness of the domestic remedy.*” (emfażi u sottolinear tal-Qorti)

**155.** Malta s’issa għad m’għandha l-ebda qafas legali li jistabbilixxi u jirregola r-rimedji effettivi għal-vjolazzjonijiet tar-rekwiżit ta’ żmien raġonevoli sanċit fl-artikolu 6 § 1 tal-Konvenzjoni u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni. Id-determinazzjoni ta’ dawn ir-rimedji hija għalhekk imħollija kompletament f’idejn l-eżerċizzju diskrezzjonali tal-Qrati Kostituzzjonali, dment li l-istess iħarsu l-kriterji kif stabbiliti mill-QEBD suesposti.

**156.** Il-Qorti Kostituzzjonali fis-**sentenza John A. Said pro et noe vs L-Avukat Generali datata 11 ta’ Novembru 2011** kwotata wkoll mill-Avukat tal-Istat fin-nota tiegħu a’ fol 132, applikat il-fehema li “*f’kazijiet bhal dawn fejn jirrigwarda dewmien, il-Qorti Kostituzzjonali generalment ma takkordax danni materjali biex ikopru danni allegatament sofferti imma taghti*

*kumpens bhala danni morali biex jaghmel tajjeb ghal lezjoni kostituzzjonali. Il-Qorti Kostituzzjonali ma takkordax danni civili.*" (ara wkoll is-sentenza **Gasan Enterprises Limited vs. Awtoritá ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, Qorti Kostituzzjonali, 3 ta' Frar 2009** ċitata wkoll mill-Avukat tal-Istat fl-istess nota a' fol 132).

**157.** Fil-likwidazzjoni tagħha tad-danni materjali, il-Qorti tqis l-ammont mogħti lis-sidien Rikorrentii bil-kuntratt tal-15 ta' Diċembru 2020 fis-somma ta' żewġ miljuni, disa' mija u sitta u sittin elf, erba' mija u sebgħa u erbgħin Ewro u sitta u għoxrin ċenteżmu (€2,966,447.26) liema ammont jinkludi l-prezz stabbilit mil-Bord tal-Arbitraġġ dwar Artijiet u kkonfermat mill-Qorti tal-Appell ta' €1,059,748.43 u imgħax kalkolat skont l-iskeda 3 tal-artikolu 12(3) tal-Kap. 88 fl-ammont ta' €1,906,698.83.

**158.** Il-Qorti tqis ukoll l-fatt li s-sidien rikorrenti, kif legalment rappreżentati, ikkontribwew biex il-proċeduri jiġu afflitti b'iktar dewmien. Dan billi ma għamlu xejn biex iħaffu l-proċeduri istitwiti mill-Kummissarju bir-Rikors numru 32/03. Li kieku r-rikorrenti opponew jew b'xi mod ieħor ilmentaw fuq id-dewmien hawn minnhom issa lmentat f'din l-azzjoni, l-proċeduri ċivili kienu aktarx jitħaffu iktar. Dan in-nuqqas mir-rikorrenti, għalkemm ma titfax ħtija fuqhom għad-dewmien kawżat, "***għandha jkollha relevanza għal-likwidazzjoni tal-kumpens lilhom dovut***" (**Iris Cassar et vs. Avukat Ġenerali**, ċitata supra).

**159.** Il-Qorti sejra għaldaqstant, u in konformi ma dak stabbilit b'mod ġenerali fis-sentenza su ċitata **John A. Said pro et noe vs L-Avukat Generali**, takkorda danni morali favur ir-rikorrenti biex jagħmel tajjeb għal din il-leżjoni kostituzzjonali manifesta fl-ammont ta' erbgħin elf ewro (€40,000).

**160.** Billi l-proċeduri istitwiti bir-Rikors numru 32/03 huma illum konklużi, ma hemm l-ebda rimedju preventiv li l-Qorti tista' tipprovdi.

**Decide**

Għaldaqstant u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi;

**Tilqa' r-raba eċċezzjoni tal-Awtoritá tal-Artijiet u l-ħmistax eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat** fir-rigward tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

**Tilqa' t-tieni eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat** limitatament fil-konfront tar-Rikorrenti Bettina mart Malcolm Azzopardi, Michael Trapani Galea Feriol, Greta mart Paul Apap Bologna, Paul Trapani Galea Feriol u Dr. Nicholas Trapani f'ismu.

**Tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-Awtoritá tal-Artijiet u l-Avukat tal-Istat** safejn dawn huma inkompatibbli ma din is-sentenza;

**Tilqa' l-bqija tal-eċċezzjonijiet tal-Awtoritá tal-Artijiet u l-Avukat tal-Istat** biss safejn dawn huma kompatibbli ma din is-sentenza.

**Tiċħad l-ewwel talba tar-rikorrenti** safejn din hija mibnija fuq l-ilment ta' leżjoni tad-dritt tas-smiegħ imparzjali protett bl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni**.**

**Tiċħad l-ewwel talba tar-rikorrenti** safejn din hija mibnija fuq leżjoni tad-drittijiet fondamentali sanċiti fl-ewwel artikolu protokollari tal-Konvenzjoni u l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni.

**Tiċħad l-ewwel talba tar-rikorrenti** safejn din tirrigwarda vjolazzjoni tal-artikolu 13 tal-Konvenzjoni.

**Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti** limitatment safejn hija msejsa fuq il-leżjoni tad-dritt fondamentali għas-smiegħ xieraq fi żmien raġjonevoli protett bl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u biss fil-konfront tar-Rikorrenti Andre Bianchi, Perit Nicholas Bianchi, Dorothy Trapani Galea, Anna-Maria Tabone Bianchi, John Huber, Colin Huber u Christopher Huber, Igino sive Gino Trapani Galea Feriol u Dottor Nicholas Trapani Galea Feriol flimkien mal-Perit Nicholas Bianchi qua eżekuturi testamentarji tal-assi tal-mejta Emilie Trapani Galea.

**Tilqa' t-tieni talba u tikkundanna lill-intimati** biex solidalment bejniethom iħallsu lir-rikorrenti Andre Bianchi, Perit Nicholas Bianchi, Dorothy Trapani Galea, Anna-Maria Tabone Bianchi, John Huber, Colin Huber u Christopher Huber, Igino sive Gino Trapani Galea Feriol u Dottor Nicholas Trapani Galea Feriol flimkien mal-Perit Nicholas Bianchi qua eżekuturi

testamentarji tal-assi tal-mejta Emilie Trapani Galea id-danni morali subiti minnhom fl-ammont ta’ **erbgħin elf ewro (€40,000)**.

**Tiċħad it-tielet talba tar-rikorrenti** għal ħlas ta’ danni materjali.

Bl-ispejjeż kollha jitħallsu mill-intimati ħlief ta’ dawk ir-rikorrenti li skont din is-Sentenza ma kienux parti għall-kuntratt fuq imsemmi u li għalhekk għandhom jissoportu l-ispejjes tagħhom.

Tordna lir-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali sabiex jibgħat kopja ta’ din is-sentenza lill-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati skont l-artikolu 242(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta’ Malta malli din is-sentenza tgħaddi in ġudikat.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**